


World Union of Wholesale Markets

European Regional Section

**COMMUNITY GUIDE TO GOOD HYGIENIC PRACTICES
SPECIFIC TO WHOLESale MARKET MANAGEMENT
in the European Union**



WUWM
www.wuwm.org

Abbozz Rivedut

Novembru 2009

WORLD UNION OF WHOLESALE MARKETS	UNJONI DINIJA TA' SWIEQ BL-INGROSSA
EUROPEAN REGIONAL SECTION	TAQSIMA REĠJONALI EWROPEA
PROMOTING WHOLESALE AND RETAIL MARKETS WORLD-WIDE	FAVUR IL-PROMOZZJONI TAS-SWIEQ BL-INGROSSA U S-SWIEQ BL-IMNUT MADWAR ID-DINJA
COMMUNITY GUIDE TO GOOD HYGIENIC PRACTICES SPECIFIC TO WHOLESALE MARKET MANAGEMENT IN THE EUROPEAN UNION	GWIDA KOMUNITARJA GĦAL PRATTIKI IĠJENIĊI TAJBA SPECIFIĊI GĦALL- ĠESTJONI TAS-SUQ BL-INGROSSA FL- UNJONI EWROPEA

Taħt il-Prezidenza tas-Sur Marc Spielrein, il-President Direttur Ġenerali tas-Suq bl-Ingrossa Pariġi-Rungis, ġie ffurmat Grupp ta' Ħidma għal Gwida ta' Prattika Tajba (GPG), membru tal-WUWM, għall-abbozzar ta' din il-Gwida. L-awturi huma:

- Is-Sur Rolf Brauer, tas-Suq ta' Berlin, il-Ġermanja (sa Ġunju 2005)
- Is-Sur Michel Escoffier, tal-Federazzjoni Franċiża tas-Swieq bl-Ingrossa (FFMIN), Franza
- Is-Sur Andreas Foidl, tas-Suq ta' Berlin, il-Ġermanja (minn Ġunju 2005)
- Is-Sur Michel Ganneau, tas-Suq Parigi-Rungis, Franza
- Is-Sur Wolf Rohde, tas-Suq ta' Hamburg, il-Ġermanja
- Is-Sur Graham Wallace, tas-Swieq ta' Glasgow, l-Iskozja, ir-Renju Unit
- Is-Sur Matthias Wegner, tas-Suq ta' Hamburg, il-Ġermanja





WUWM

World Union of Wholesale Markets

Promoting wholesale and retail markets world-wide

Ippubblikat mill-Unjoni Dinjija tas-Swieq bl-Ingrossa (WUWM)

IOC, Molenstraat 15
2513 BH, L-Aja
L-Olanda

Tel: +31 70 361 1728
Fax: +31 70 360 6908
Posta Elettronika: info@wuwmm.org
URL: www.wuwmm.org

KELMTEJN QABEL

L-Unjoni Dinjija tas-Swieq bl-Ingrossa (WUWM) hi organizzazzjoni mingħajr qligħ bi sħubija internazzjonali wiesa' li tinvolti ruħha fl-oqsma u l-attivitajiet kollha relatati mal-promozzjoni, l-iżvilupp u l-iskambju internazzjonali tal-għarfien u l-informazzjoni dwar is-swieq bl-ingrossa tal-ikel. WUWM bħalissa għandha 200 membru minn 45 pajjiż differenti madwar id-dinja.

B'madwar 110 membri tas-suq bl-ingrossa li jirrappreżentaw 21 pajjiż differenti tal-UE, it-Taqsima Reġjonali Ewropea tal-WUWM għandha rwol ewlieni fl-Unjoni Dinjija tas-Swieq bl-Ingrossa. Dawn is-swieq bl-ingrossa Ewropej għandhom aktar minn 1,000,000 impjegat permanenti li jaħdem fuq is-siti korrispondenti u l-kumpaniji li joperaw fis-swieq għandhom fatturat ta' madwar €42 biljun fis-sena.

Il-volum totali tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq jirrappreżenta madwar 26 miljun tunnellata fis-sena, li huwa ekwivalenti għal madwar 40% tal-provvista tal-frott u l-ħaxix fl-Ewropa (24 miljun tunnellata fis-sena), 10% tal-provvista tal-ħut u prodotti tal-ħut fl-Ewropa (miljun tunnellata fis-sena) u 2% tal-provvista tal-laħam u prodotti tal-laħam fl-Ewropa (miljun tunnellata fis-sena).

B'mod parallel mat-tħejjija tal-liġijiet il-ġodda tal-UE dwar l-ikel magħrufa bħala l-“pakkett tal-iġjene” it-Taqsima Reġjonali Ewropea tal-WUWM fl-2001 iddeċiediet li tħejji Gwida għall-Prattika Tajba (GPG) rilevanti għall-operazzjoni u l-ġestjoni ta' swieq bl-ingrossa fi ħdan il-Komunità Ewropea.

L-ewwel verżjoni ta' din il-gwida ġiet approvata b'mod uffiċjali mill-membri kollha tat-Taqsima Reġjonali tal-UE waqt il-25 Kungress WUWM li sar f'Baltimore, fl-Amerika (Settembru 2005).

Minn dakinhar u wara li saru xi aġġornamenti:

1. L-uniku dokument uffiċjali li WUWM tawtorizza lill-membri tagħha biex jużaw huwa l-aktar verżjoni riċenti bil-lingwa Ingliża ta' din il-Gwida.
2. It-traduzzjonijiet kollha ta' din il-verżjoni għandhom dejjem ikunu konformi fis-sħiħ ma' din il-verżjoni bl-Ingliż.
3. Il-verżjonijiet kollha li ġew tradotti, modifikati jew b'xi mod emendati għandhom jintbagħtu lill-WUWM għal skopijiet ta' kontroll u verifika.

Kwalunkwe bidliet li jiġu approvati biex jiddaħħlu f'din il-Gwida Komunitarja għandhom sussegwentement jiġu tradotti u inkorporati fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti.

Għal aktar tagħrif dwar WUWM jew dwar din il-Gwida, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Maria Cavit, is-Segretarja Ġenerali WUWM, permezz tad-dettalji tal-kuntatt li jinsabu fin-naħa ta' fuq ta' din il-paġna.

Gwida Komunitarja għal Prattiki Iġjeniċi Tajba Speċifiċi għall- Ġestjoni tas-Suq bl-Ingrossa fl-Unjoni Ewropea

Werrej

KELMTEJN QABEL

I - INTRODUZZJONI	1
II - GĦANIJIET TAL-GWIDA	3
III - KAMP TA' APPLIKAZZJONI	4
IV - IDENTIFIKAZZJONI TAR-RESPONSABBILTAJIET SPEĊIFIĊI RELATATI MAL-ĠESTJONI TAS-SUQ BL-INGROSSA	7
<i>L-GĦOTI TAS-SIT</i>	8
<i>TINDIF</i>	13
<i>KONTROLL TAT-TEMPERATURA / VENTILAZZJONI</i>	15
<i>TIDWIL</i>	16
<i>SERVIZZI</i>	18
<i>IĠJENE PERSONALI</i>	20
<i>RIMI TA' SKART</i>	21
<i>KONTROLL TA' PARASSITI</i>	23
<i>TAĦRIĠ</i>	24
V - GWIDA DETTALJATA GĦAL PRATTIKA TAJBA	25
<i>KAPITOLU I: REKWIŻITI ĠENERALI GĦAL STABBILIMENTI TAL-IKEL LI JINKLUDU ŻONI U SITI ESTERNI</i>	26
<i>KAPITOLU II: REKWIŻITI SPEĊIFIĊI FI KMAMAR FEJN ISIRU L-PREPARAZZJONI, IT-TRATTAMENT JEW L-IPPROĊESSAR TA' OĠĠETTI TAL-IKEL (ESKLUŻI Ż-ŻONI FEJN ISIR IL-KONSUM TAL-IKEL U S-SITI SPEĊIFIKATI FIL-KAPITOLU III)</i>	38
<i>KAPITOLU V: REKWIŻITI TAT-TAGĦMIR</i>	46
<i>KAPITOLU VI: SKART TAL-IKEL</i>	49
<i>KAPITOLU VII: IL-PROVVISTA TAL-ILMA</i>	53
<i>KAPITOLU VIII: IĠJENE PERSONALI</i>	56
<i>KAPITOLU XII: TAĦRIĠ</i>	58
VI - PROĊEDURI BBAŻATI FUQ L-HACCP	60
<i>A/ PROĊEDURI BBAŻATI FUQ L-HACCP FUQ SWIEQ BL-INGROSSA</i>	

APPENDIĊI

APPENDIĊI A.....	71
APPENDIĊI B.1	74
APPENDIĊI B.2.....	75
APPENDIĊI B.3.....	77
GLOSSARJU	80
REFERENZI.....	85

Gwida Komunitarja għal Prattiki Iġjeniċi Tajba Speċifiċi għall-Ġestjoni tas-Suq bl-Ingrossa fl-Unjoni Ewropea

I - Introduzzjoni

Hemm definizzjoni ta' suq bl-ingrossa fl-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 taħt il-punt 8 "Definizzjonijiet oħra", flimkien mad-definizzjoni ta' "prodotti ta' oriġini mill-animali".

“Suq bl-ingrossa” tfisser negozju tal-ikel li jinkludi diversi unitajiet separati li jikkondividu installazzjonijiet komuni u taqsimiet li minnhom jinbiegħu oġġetti tal-ikel lil operaturi tan-negozju tal-ikel.”

Id-definizzjoni tat-terminu “negozju tal-ikel” tinsab fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel (Artikolu 3 “tifsiriet oħra”):

“negozju tal-ikel” tfisser kull intrapriża, sew għall-profitt sew jekk le u sew pubblika kemm privata, li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma' xi stadju ta' produzzjoni, ipproċessar jew tqassim tal-ikel.”

Din il-gwida hija **maħsuba b'mod speċifiku għall-kumpaniji li jiġġestixxu swieq bl-ingrossa**, billi dawn is-swieq inħolqu biex jorganizzaw u jiffaċilitaw il-kummerċ tal-ikel. L-amministrazzjoni tista' tkun jew l-Istat jew il-Gvern lokali nnifsu, jew kumpanija pubblika jew privata li tingħata s-setgħat tagħha mill-Istat jew minn Gvern lokali.

Fi swieq bl-ingrossa bħal dawn, jeżistu żewġ tipi ta' negozji tal-ikel:

- (a) **Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa** huwa negozju tal-ikel inkarigat speċifikatament bl-organizzazzjoni tal-attivitajiet ġenerali tan-negozji kollha tal-ikel separati li jinsabu fis-suq bl-ingrossa, mingħajr ma johlq ebda tfixkil fin-negozju tagħhom. **Għalkemm hija negozju tal-ikel, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ma tbiegħx merkanzija.**
- **Negozji separati tal-ikel huma responsabbli b'mod dirett għall-prodotti tagħhom tal-ikel** u, b'mod partikolari, huma responsabbli biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-liġi tal-ikel rigward dawn il-prodotti. Dawn in-negozji tal-ikel il-biċċa l-kbira jiżvolġu kummerċ ma' bejjieġha bl-imnut, iżda f'uħud mis-swieq bl-ingrossa individwi jistgħu jitħallew jixtru taħt ċerti kundizzjonijiet jew mill-bejjieġha bl-ingrossa li jkollhom attività ta' bejgħ bl-imnut jew minn bejjieġha bl-imnut stabbiliti fi swieq bl-ingrossa.

Ir-responsabbiltà għall-organizzazzjoni ta' spazju fi ħdan suq bl-ingrossa hija kif ġej:

- (b) **Żoni pubbliċi** - ġestiti mill-amministrazzjoni ta' swieq bl-ingrossa, jiġifieri swali u żoni fejn isir bejgħ, latrini pubbliċi. Dawn il-postijiet ġeneralment jinbnew mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u huma miftuħa għan-negozjanti. Din il-gwida għal prattika tajba tapplika għal dawn l-oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa;
- (c) **Żoni privati** - ġestiti minn negozji tal-ikel individwali. Meta dawn iż-żoni privati jinbnew jew jiġu pprovduti mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, il-kostruzzjoni għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-ikel. Madankollu, l-unità tan-negozju tal-ikel hija responsabbli biss għaż-żona speċifikata.

Fi kwalunkwe każ, l-ebda żona m'għandha tibqa' mingħajr ir-responsabbiltà ta' entità definita b'mod xieraq.

Ir-responsabbiltajiet prinċipali tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa huma dawn li jmiss:

- Il-kiri ta' akkomodazzjoni xierqa lil negozji tal-ikel biex dawn jingħataw ċans jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom stess skont ir-rekwiżiti tal-liġi tal-ikel;
- L-amministrazzjoni tal-oqsma pubbliċi kollha bħal: żoni għall-wiri u l-bejgħ, faċilitajiet pubbliċi ta' ħażna (jiġifieri l-ġestjoni tal-attivitajiet kollha assoċjati mat-tindif, id-dizinfekzjoni, il-manutenzjoni, it-tkessiġ, iż-żamma f' temperaturi baxxi, eċċ);
- Il-provvista u/jew l-organizzazzjoni ta' wħud mill-programmi jew tal-programmi kollha ta' utilitajiet u servizzi għal negozji tal-ikel (pereżempju ilma, gass, tişhin, tkessiġ, refriġerazzjoni, ventilazzjoni, elettriku, eċċ);
- Il-provvista u/jew l-organizzazzjoni ta' kontroll adegwat tad-drenaġġ u tat-tniġġis;
- Is-sorveljanza tal-ġestjoni tal-iskart tas-suq, il-kontroll tal-parassiti, eċċ, b'kont meħud tal-aspetti ambjentali u ekonomiċi;
- L-ippjanar u l-provvista ta' bini li għandu jintuża minn negozji tal-ikel u li jintuża taħt il-kontroll dirett tagħhom, b'mod konformi mal-esiġenzi tal-liġi tal-ikel;
- L-organizzazzjoni u l-ġestjoni taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku ġewwa s-sit.

Minħabba li l-liġijiet li jirregolaw il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa huma differenti fil-pajjiżi kollha tal-UE, mhuwiex possibbli li titħejja lista tar-responsabbiltajiet kollha tagħhom. Iżda d-distinzjoni li ssir bejn iż-żoni pubbliċi u daww privati hija komuni għall-entitajiet kollha.

Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa hija direttament responsabbli biex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-liġi tal-ikel jiġu sodisfatti BISS f'żoni li jaqgħu taħt il-kontroll tagħha. Hija MHIJEX responsabbli għall-attivitajiet li jsiru f'proprjetajiet privati ta' negozji individwali.

Madankollu, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha d-dritt li tgħarraf lill-awtorità nazzjonali kompetenti xierqa responsabbli għall-infurzar tar-Regolament sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni ta' rimedju meta negozju tal-ikel jikser ir-regolamenti dwar l-iġjene f'post li jkun ġie pprovdut mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.

II - Għanijiet tal-Gwida

Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa huwa negozju tal-ikel u għaldaqstant għandu jkun konformi mar-Regolamenti tal-KE, inklużi dawk relatati mal-iġjene tal-ikel. Din il-Gwida għandha l-għan li tipprovdi pariri għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa rigward dak is-suġġett, speċjalment meta fuq is-sit jinbiegħu oġġetti tal-ikel li joriġina mill-annimali.

Rigward dawn il-prodotti ta' oriġini mill-annimali u skont kif stipulat fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tiġi approvata u reġistrata meta dawn il-prodotti jinbiegħu fuq is-sit. Dan ir-regola hija obligatorja u hija prerekwiżit għall-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tan-negozji l-oħrajn tal-ikel li jikkondividu l-istallazzjonijiet u t-taqsimiet komuni.

Minħabba li l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ma tbiegħx oġġetti tal-ikel iżda madankollu hija responsabbli għall-installazzjonijiet u t-taqsimiet komuni għan-negozji li jbiegħu l-ikel, din il-gwida għet żviluppata speċifikament għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u fiha rekwiżiti speċjali applikabbli meta prodotti ta' oriġini mill-annimali jinbiegħu fis-suq bl-ingrossa.

M'hemm intenzjoni li din il-Gwida għandha taffettwa jew tintrudi fuq il-Gwidi ta' Prattiki Iġjeniċi Tajba diversi li diġà jeżistu, jew fuq dawk li jistgħu jitħejjew fil-futur mill-oqsma tan-negozju tal-ikel jew mill-professjonisti li joperaw fis-swieq bl-ingrossa. Hija ma tindirizzax l-operazzjonijiet li jsiru fil-bidu tal-ipproċessar, bħall-produzzjoni u t-trasport, jew l-operazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut.

Hija tħejjiet biex isservi bħala Gwida Komunitarja, li l-istatus tagħha ġie definit permezz tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 (Artikolu 9).

Id-dokument huwa maħsub għal kumpaniji pubbliċi u/jew privati li huma responsabbli għall-ġestjoni tas-swieq bl-ingrossa fl-Unjoni Ewropea, bil-għan ġenerali li jkun ta' gwida dwar is-sigurtà u l-iġjene tal-ikel u dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri bbażati fuq l-HACCP (Analiżi tal-Periklu u ta' Punti Kritiċi ta' Kontroll), iżda biss fir-rigward ta' dawk l-aspetti li jikkonċernawhom b'mod dirett.

Il-Gwida nħolqot minn rappreżentanti tat-Taqsima Reġjonali Ewropea tal-Unjoni Dinjija tas-Swieq bl-Ingrossa (WUWM), b'konsultazzjoni ma' rappreżentanti ta' partijiet oħra interessati bħal pereżempju awtoritajiet kompetenti u assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet rilevanti bbażati f'diversi pajjiżi tal-UE. Din tqis u tikkunsidra l-Kodiċi Internazzjonali ta' Prattika, il-Prinċipji Ġenerali tal-Iġjene tal-Ikel, il-Codex Alimentarius u l-gwidi nazzjonali eżistenti rakkomandati.

Din il-Gwida għet żviluppata b'konformità mar-Regolamenti li ġejjin:

- (a) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel;
- (b) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel, b'mod partikolari l-Artikoli 9 "Gwidi Komunitarji" u 6 "Kontrolli uffiċjali, reġistrazzjoni u approvazzjoni";
- (c) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali, b'mod partikolari l-Artikolu 4 "Ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-istabbilimenti";
- (d) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti

li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, b'mod partikolari l-Artikolu 3 "Approvazzjoni ta' stabbiliment".

- (e) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

Nota:

Għalkemm l-irkant tal-ħut jissemma' fir-Regolament (KE) 853/2004 (Anness III, Taqsima VIII, Kapitolu II, punt 2) flimkien mas-swieq bl-ingrossa, din il-Gwida Komunitarja għal Prattiki Iġjeniċi Tajba ma tkoprix dan it-tip ta' attività, li hija differenti minn dawk li jsiru f'suq bl-ingrossa.

III - Kamp ta' applikazzjoni

L-attività li lejha qed jiġi mmirat f'din il-Gwida Komunitarja hija l-organizzazzjoni tal-qasam tal-bejgħ bl-ingrossa relatat mal-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni Ewropea. Kif ġie msemmi aktar 'il fuq, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa nnifisha ma tiżvolġix kummerç ta' oġġetti tal-ikel. Hija għandha tiffaċilita l-kummerç ħieles bejn il-fornituri (il-produtturi, il-bejjiegħa bl-ingrossa, intermedjarji varji) u x-xerrejja (bejjiegħa bl-imnut, *catering* kummerçjali jew kollettiv, bejjiegħa bl-imnut tas-swieq fit-toroq, eċċ).

Din il-Gwida Komunitarja tapplika wkoll fil-każ ta' swieq bl-ingrossa li jippermettu li individwi jixtru fl-istabbiliment, jew minn bejjiegħa bl-ingrossa li għandhom ukoll attività ta' bejgħ bl-imnut jew minn bejjiegħa bl-imnut preżenti fis-suq. Dawn l-individwi għandhom jirrispettaw ir-regoli varji li japplikaw għal xerrejja professjonali, kif imsemmi fil-gwida, speċjalment fil-kuntest ta' oġġetti tal-ikel li joriġina mill-annimali (jiġifieri lbies protettiv u elmi).

Bħala fornituri ta' servizzi, ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa fir-rigward tal-iġjene u l-kwalità tal-prodotti ivarjaw b'mod fundamentali minn dawk ta' negozji tal-ikel involuti b'mod dirett mal-oġġetti tal-ikel, għalkemm dawn huma marbuta flimkien b'mod intrinsiku. Madankollu, jistgħu jiffaċċjaw l-istess tipi ta' perikli.

Wieħed mill-għanijiet ta' din il-Gwida Komunitarja huwa li jiġu indirizzati l-punti fejn ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jistgħu jiġu identifikati, flimkien ma' dawk l-oqsma ta' responsabbiltà li jistgħu jiġu kondiviżi bejn impriżi indipendenti tal-ikel u l-ġestjoni tas-suq.

Il-Gwida ma tindirizzax il-kummerç proprju tal-operaturi indipendenti li min-naħa tagħhom għandhom jirreferu għal gwidi li huma speċifiċi għas-settur, li ġeneralment jiġu żviluppati skont it-tip tal-prodott (jiġifieri l-gwidi għat-tqegħid fis-suq tal-frott u l-ħxejjex, il-gwidi għall-ipproċessar tal-laħam, eċċ.).

Swieq bl-ingrossa jistgħu jkunu speċjalizzati f'tip wieħed ta' ikel (pereżempju frott u ħaxix, laħam, ħut u prodotti tal-ħut) jew, min-naħa l-oħra, jistgħu jbigħu firxa wiesgħa ta' ikel differenti.

It-tabella t'hawn taħt turi l-livell ta' riskju sanitarju għal kull tip ta' ikel u l-limitu tar-responsabbiltà min-naħa tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa kif ukoll ta' negozji oħra tal-ikel.

Prodott	Stat	Livell ta' Riskju Sanitarju	Livell ta' responsabbiltà	
			Għall-Ġestjoni tas-Suq bl-Ingrossa	Għal negozji oħra tal-ikel
Frott u Ħaxix	Frisk	Baxx	Għoli	Għoli
	Ipproċessat	Għoli	Limitat jew mhux preżenti	Għoli
Laħam u prodotti tal-laħam	Frisk	Għoli Ħafna	Għoli	Għoli Ħafna
	Qtuġh	Għoli Ħafna	Limitat jew mhux preżenti	Għoli Ħafna
	Imgeżwer	Għoli	Għoli	Għoli
Ħut u prodotti tal-ħut	Ħaj/Frisk	Għoli Ħafna	Għoli	Għoli Ħafna
	Imqatta'	Għoli Ħafna	Limitat jew mhux preżenti	Għoli Ħafna
	Imgeżwer	Għoli	Għoli	Għoli
Ħalib u prodotti tal-ħalib	Frisk	Għoli	Għoli	Għoli Ħafna
	Ipproċessat	Għoli	Limitat jew mhux preżenti	Għoli Ħafna
	Imgeżwer	Għoli	Għoli	Għoli
Prodotti ffriżati		Għoli Ħafna	Limitat jew mhux preżenti	Għoli Ħafna
Prodotti ffumigati/pproċessati		Għoli	Limitat jew mhux preżenti	Għoli

Minħabba n-natura ġenerali u adattabbli tagħhom, ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'din il-Gwida jistgħu jiġu applikati għat-tipi kollha ta' swieq bl-ingrossa, mingħajr ma ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' oġġetti tal-ikel li jkunu qed jinbiegħu.

Analiżi tar-riskju f'suq bl-ingrossa turi li t-theddida ewlenija f'dik li hija iġjene fl-ikel hija l-possibbiltà li l-ikel jiġi kontaminat. Is-sistema HACCP qed tiġi proposta bħala għodda li għandha tiġi implimentata mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għall-kontroll tal-perikli fiżiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi fiż-żoni li għalihom huma responsabbli biss. Bħala riżultat, din il-Gwida tiffoka fuq kif għandu jiġi trattat ir-riskju tal-kontaminazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod kif il-bini jiġi pplanat u mqassam u tal-kundizzjonijiet/sistemi operattivi.

Madankollu, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 Kapitolu III Artikolu 7 (l-iżvilupp, it-tixrid u l-użu ta' gwidi ta' prattika tajba), huwa ċar li din il-Gwida mhijiex obbligatorja u tista' biss tintuża fuq bażi volontarja.

IV - Identifikazzjoni tar-responsabbiltajiet speċifiċi relatati mal- għestjoni tas-suq bl-ingrossa

Fir-rigward tas-sigurtà u l-igijene tal-ikel, meta s-servizzi li jipprovdu huma għal, jew għall-benefiċċju ta', negozji tal-ikel indipendenti, ir-responsabbiltajiet tal-għestjoni tas-suq bl-ingrossa jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

1. Il-provvista ta' sit - bażikament, bini u/jew art;
2. Il-manutenzjoni tas-sit;
3. Ir-responsabbiltà għal tagħmir
4. Kontroll tat-temperatura;
5. It-tindif ta' żoni "pubbliċi";
6. Il-ventilazzjoni - li tinkludi l-arja kondizzjonata, tkessiħ, refriġerazzjoni, tisħin, eċċ;
7. Is-sistema tad-dwal f'żoni pubbliċi kemm ġewwa kif ukoll barra l-bini;
8. Il-forniment ta' servizzi bażiċi: bħall-elettriku, gass, ilma sħun u kiesaħ, sistemi għar-rimi ta' ilma użat, drenaġġ, eċċ;
9. Igijene personali: li tinkludi tojlits, sinkijiet għall-ħasil tal-idejn, doċoċ, postijiet fejn jinżammu l-ħwejjeġ, eċċ, meta dawn ikunu jinsabu f'żoni pubbliċi;
10. Rimi, ġbir u tneħħija ta' skart;
11. Il-kontroll ta' parassiti;
12. Taħriġ;

Perikli u leġislazzjoni marbuta mar-responsabbiltajiet

Għal kull wieħed mis-servizzi identifikati hawn fuq u li huma marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi relatati mal-għestjoni tas-suq bl-ingrossa, il-paġni li ġejjin jipprovdu:

- Identifikazzjoni tal-perikli prinċipali fejn ir-responsabbiltajiet tal-għestjoni tas-suq bl-ingrossa jistgħu eventwalment jiġu involuti;
- Analiżi fil-qosor tal-limiti tar-responsabbiltajiet tal-għestjoni tas-suq bl-ingrossa;
- Sommarju tar-referenzi għal-leġislazzjoni tal-UE f'kull każ, flimkien ma' kummenti ta' spjegazzjoni fejn jitqies li dan huwa meħtieġ.

Nota: In-numri li jingħataw bħala referenzi għal Regolamenti tal-UE fil-paġni li ġejjin jikkorrispondu għal Kapitoli u subkapitoli tal-Anness II tar-Regolament Nru 852/2004 dwar l-igijene tal-ikel jew għar-Regolament (KE) Nru 853/2004, fejn meħtieġ. L-istess referenzi japplikaw għall-Kapitolu VI, Gwida Dettaljata għal Prattiki Iġjeniċi Tajba ta' dan id-dokument.

Attività Nru 1

L-GĦOTI TAS-SIT

a) Perikli prinċipali:

Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa toffri siti lil negozji tal-ikel. Ġeneralment jeżistu żewġ possibbiltajiet:

- Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tkun il-proprjetarja tas-siti li jinkrew lin-negozji tal-ikel. F'dan il-każ, il-periklu ewlieni huwa li jingħata bini li mhux fi stat xieraq biżżejjed biex jippermettilhom li jkunu konformi mar-regolamenti eżistenti u biex jiksbu l-approvazzjoni uffiċjali (mis-servizzi veterinarji, eċċ);
- In-negozji tal-ikel ikunu s-sidien tal-bini li jkunu qed jokkupaw. F'dan il-każ, l-aspetti kollha tar-regolamenti dwar is-sit jibqgħu r-responsabbiltà tagħhom.

Waqt il-bini, ir-restawrar jew ir-ridekorazzjoni, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tiegħu kont tar-rekwiżiti speċifiċi li jikkorrispondu mat-tip tan-negozju tal-ikel involut, kemm fir-rigward tal-prodotti kif ukoll fir-rigward tal-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu se jiġu ttrattati.

b) Responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jistgħu jiġu applikati fuq livelli varji, pereżempju:

- Fl-ippjanar ta' bini ġdid jew fit-tisbiħ li jitwettaq taħt il-kontroll tagħha;
- Fil-manutenzjoni ta' bini li jkun taħt is-sjieda u/jew ir-responsabbiltà tagħha;
- Fil-kontroll ta' operazzjonijiet, miżuri ta' infurzar ta' regolamenti, eċċ.

Naturalment, il-livell ta' responsabbiltà jvarja ħafna bejn żoni "pubbliċi" (responsabbiltà sħiħa) u "żoni privati" (responsabbiltà maqsuma jew mhux eżistenti).

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Rekwiżiti ġenerali għat-tqassim, id-disinn, is-seduta, id-daqs tal-bini	I.2	Rilevanti għal bini ġdid u għal restawrar meta dawn jiġu mmexxija minn, jew jaqgħu taħt, ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa. L-aspetti kollha huma importanti u għandhom ikunu xierqa għall-prodotti li għandhom jiġu mmaniġġjati: id-disinn, il-materjali, il-monitoraġġ tat-temperatura u ż-żamma ta' rekords dwar it-temperatura, eċċ
Rekwiżiti speċifiċi għal kmamar tal-ipproċessar fil-kuntast ta' tqassim u ppjanar	II.1 (a) sa (f)	Ġeneralment, negozji tal-ikel ikunu huma stess is-sidien u għalhekk ikunu responsabbli għal dan it-tip ta' tagħmir. Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ġeneralment ma jkunx responsabbli għall-għażla jew għall-manutenzjoni tat-tagħmir. Standards speċifiċi għal kmamar tal-ipproċessar huma ħafna oġġla minn dawk għal kmamar ġenerali.

Tindif Ventilazzjoni Tidwil Servizzi Iġjene personali Rimi tal-iskart Kontroll tal-parassiti		Ara l-folji speċifiċi
Faċilitajiet għal għodda u tagħmir għat-tindif	II.2	Ġeneralment mhux rilevanti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, ħlief, f'ċertu każijiet, għal bini ġdid u għal tisbiħ jew ridekorazzjoni.

Attività Nru 2

MANUTENZJONI TAS-SIT

a) Perikli prinċipali:

- (f) Ħsara lill-bini, li jista' jkollha r-riżultati li ġejjin: l-espożizzjoni għall-atmosfera ta' barra, l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ, il-preżenza ta' parassiti, moffa...;
- (g) Tnixxigh jew tagħmir laxk relatat ma' likwidi, gassijiet, drenaġġ, eċċ.;
- (h) Reazzjonijiet kimiċi negattivi possibbli bejn materjali tal-bini u prodotti, inklużi prodotti għat-tindif;
- (i) Każijiet fejn il-kontroll tal-ventilazzjoni u tat-temperatura ma jilhqax il-livelli meħtieġa ta' prestazzjoni.

b) Responsabilità tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Żoni “pubbliċi” jaqgħu bis-sħiħ taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.

Fir-rigward ta' żoni “privati”, ġeneralment ikun hemm żewġ possibbiltajiet:

- Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tkun il-proprjetarja tas-siti li jinkrew lil negozji tal-ikel. Il-kuntratt li jsir bejn il-ġestjoni tas-suq u l-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jispeċifika r-responsabbiltajiet rispettivi dwar il-manutenzjoni;
- In-negozji tal-ikel ikunu s-sidien tas-siti li jokkupaw. F'dan il-każ, l-aspetti kollha relatati mas-siti jibqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' għom stess.

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Iż-żamma fi stat tajjeb u f'kundizzjoni tajba ta' manutenzjoni tas-sit fejn jinżamm l-ikel	I .1	Programmi ta' manutenzjoni u sostituzzjoni ppjanati. Limiti ta' żmien li għandhom jiġu bbażati fuq il-kwalità tal-materjali, il-kostruzzjoni u l-użu u d-diżintegrazzjoni mistennija.
Is-siti għandhom joffru		Iż-żamma ta' rekords dwar, il-monitoraġġ ta' u l-

protezzjoni kontra: (j) l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ (k) il-kuntatt ma' materjali tossiċi (l) it-twaqqigħ ta' frak (m) kondensazzjoni (n) moffa mhux mixtieqa	I.2 (b)	manutenzjoni regolari ta': (o) s-superfiċji kollha, speċjalment ħitan, soqfa; (p) tnixxigh jew tagħmir laxk relatat ma' likwidi, gassijiet, drenaġġ, eċċ.; (q) sistemi ta' kontroll tal-ventilazzjoni u tat-temperatura.
--	---------	---

Attività Nru 3

RESPONSABILITÀ GĦAT-TAGĦMIR

a) Perikli prinċipali:

- Riskju ta' tniġġis minn elementi kimiċi/bijoloġiċi

b) Responsabilità tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Żoni "pubbliċi" jaqgħu bis-sħiħ taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.

Fir-rigward ta' żoni "privati", ġeneralment ikun hemm żewġ possibbiltajiet:

- Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tkun il-proprjetarja tas-siti li jinkrew lil negozji tal-ikel. Il-kuntratt li jsir bejn il-ġestjoni tas-suq u l-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jispeċifika r-responsabbiltajiet rispettivi dwar il-manutenzjoni;
- In-negozji tal-ikel ikunu s-sidien tas-siti li jokkupaw. F'dan il-każ, l-aspetti kollha relatati mas-siti jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Tagħmir li jiġi f'kuntatt mal-ikel għandu jinbena b'tali mod li jnaqqas kemm jista' jkun kull riskju ta' kontaminazzjoni	V.1 (b)	Meta l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tkun responsabbli għall-installazzjoni ta' tagħmir, l-oġġetti kollha għandhom ikunu konformi mar-Regolamenti relatati mal-materjali li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-ikel. Dan jinkludi l-azzar li ma jissaddax, il-plastik li jista' jintuża għall-ikel u ċ-ċeramika.
Tagħmir li jiġi f'kuntatt mal-ikel għandu jtnaddaf b'mod effettiv u, meta meħtieġ, għandu jiġi diżinfettat	V.1 (a)	Ara wkoll l-Attività nru 5 "Tindif u diżinfezzjoni". F'kull każ, għandu jitħejja pjan ta' tindif/diżinfezzjoni bil-miktub. L-iskeda korrispondenti għandha tiġi ċċekkjata u kontrofirmata mill-amministrazzjoni. Dan japplika wkoll meta l-attivitajiet tat-tindif jingħataw b'kuntratt lil parti terza

Attività Nru 4

KONTROLL TAT-TEMPERATURA

a) Perikli prinċipali:

- Riskju ta' tkabbir ta' batterji li jikkawżaw avvelenament mill-ikel;
- Ħolqien ta' tossini minħabba t-tkabbir ta' batterji li jikkawżaw avvelenament mill-ikel

b) Responsabilità tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Żoni "pubbliċi" jaqgħu bis-sħiħ taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.

Fir-rigward ta' żoni "privati", ġeneralment ikun hemm żewġ possibbiltajiet:

- Sistema komuni tal-kontroll tat-temperatura tiġi pprovduta mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa bħala faċilità, li mbagħad tibqa' responsabbiltà sħiħa tagħha.
- 1. In-negozji tal-ikel ikollhom is-sistema tagħhom tal-kontroll tat-temperatura. F'dan il-każ, l-aspetti kollha relatati mas-siti jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
It-tqassim, id-disinn, il-konstruzzjoni, il-pożizzjoni u d-daqs tas-siti għandhom jipprovdu mmaniġġjar xieraq u taħżin għaż-żamma tal-ikel b'temperatura kkontrollata biex l-ikel ikun jista' jinżamm f'temperaturi xierqa. Dawn għandhom jiġu	I.2 (d)	Oġġetti tal-ikel għandhom jinżammu f'temperaturi xierqa għat-tip korrispondenti tal-prodott, b'konformità mar-regolamenti uffiċjali, fejn dawn jeżistu. Sistemi ta' produzzjoni tal-ksieħ għandhom jiġu kalibrati biex joħlqu dawn it-temperaturi b'mod effettiv u għandu jittieħed kont tal-fatt li l-ħtiġiet tal-enerġija għar-refriġerazzjoni u għall-iffriżar mhumiex l-istess.

<p>ddisinjati b'mod li jippermettu li t-temperaturi jiġu mmonitorjati u, fejn meħtieġ, irreġistrati</p>		<p>Fiż-żoni kollha refriġerati u li jinżammu ffriżati, għandha tiġi installata sistema għall-monitoraġġ tat-temperatura mgħammra b'allarmi integrati (li jistgħu jiġu rrekordjati, li jinstemgħu u jkunu viżibbli). It-tagħmir kollu li jintuża għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tat-temperaturi għandu jiġi kalibrat u kkontrollat fuq bażi regolari.</p>
---	--	---

Attività Nru 5

TINDIF U DIŻINFEZZJONI

a) Perikli prinċipali:

Kontaminazzjoni ta' ikel minħabba:

- Tindif mhux adegwat jew mhux suffiċjenti tas-sit, żoni komuni, tagħmir, eċċ,
- Disinn mhux adegwat tas-sit, li jnaqqas l-effettività tat-tindif
- Użu ħażin ta' kimiki għat-tindif u d-dizinfekzjoni

b) Responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Żoni pubbliċi: responsabbiltà sħiħa. Dan ifisser li l-ġestjoni tas-suq għandha tispeċifika:

- Fejn għandu jtnaddaf u jiġi diżinfettat internament u esternament skont it-tip ta' użu;
- Kif għandhom isiru t-tindif u d-dizinfekzjoni: il-frekwenza, il-kwalità;
- L-għażla tal-materjal biex jiffaċilitaw it-tindif u d-dizinfekzjoni, kemm internament kif ukoll esternament;
- Disinn tas-sit li jippermetti tindif u dizinfekzjoni effettivi u bla xkiel;
- Traċċabilità, spezzjonar, eċċ.

Żoni privati: Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa m'għandha l-ebda responsabbiltà diretta. Jista' jingħata l-każ li jkun hemm responsabbiltà kondiviża, li l-implimentazzjoni tagħha tiddependi, b'mod partikolari, fuq id-disinn tas-sit, fuq miżuri ta' kontroll, eċċ.

Il-format u l-kontenut standard ta' pjan għat-tindif u d-dizinfekzjoni jinsab fil-Kapitolu 5 (ara t-taqsimi I.1)

Fil-każijiet kollha, huwa importanti li wieħed jinnota li għandha tinkiseb approvazzjoni mill-awtorità kompetenti rigward l-għażla, l-użu u l-kundizzjonijiet għall-ħażna ta' aġenti kimiċi.

Din l-approvazzjoni hija waħda mill-prerekwiżiti għar-reġistrazzjoni tan-negozji tal-ikel - inkluża l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa – skont kif stipulat fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali.

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Tindif ġenerali tas-suq	I.1.	L-operaturi kollha tan-negozji tal-ikel għandhom l-obbligu li jżommu s-sit fi stat tajjeb ta' ndafa u għandhom jiżguraw li jkun hemm livell xieraq ta' dizinfekzjoni.
Pjan / disinn	I.2 / VI.3	Validu għal bini ġdid u xogħlijiet ta' tisbiħ u ridekorazzjoni organizzati mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa fejn għandhom jitqiesu t-tindif u d-dizinfekzjoni.
Ħażna ta' aġenti għat-	I.10	Dawn il-prodotti għandhom jinħażnu f'kontenitur li

tindif u d-dizinfazzjoni		jissakkar jew f'kamra speċifika tal-ħażna li tinsab 'il bogħod minn żoni fejn jiġi mmaniġġjat l-ikel. Faċilitajiet/kmamar ta' ħażna għal prodotti u materjali għat-tindif għandhom jiġu identifikati permezz ta' tabelli u sinjali xierqa.
L-art	II.1.a	Jirreferi għal rekwiżiti speċifiċi għal żoni li fihom jiġi ppreparat l-ikel. Validu biss għal bini ġdid, ridekorat jew rinnovat. Validi wkoll <u>għal kontrolli.</u>
Ħitan	II.1.b	
Soqfa	II.1.c	
Bibien	II.1.d	
Twieqi	II.1.e	
Superfiċji	II.1.f	
Faċilitajiet għal għodda u tagħmir għat-tindif u d-dizinfazzjoni	II.2	Ġeneralment mhux rilevanti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ħlief, f'xi każijiet, għal bini ġdid, ridekorat jew rinnovat.
Oġġetti, fittings u tagħmir	V. 1, 2, 3	Ġeneralment mhux rilevanti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.
Kontenituri għall-iskart tal-ikel	VI.2	Jirreferi għal rekwiżiti ta' skart tal-ikel, prodotti sekondarji mhux tajbin għall-ikel u kontenituri oħra għall-iskart. Fuq dan il-livell, ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa huma importanti.
Sinkijiet, friskaturi għall-ħasil u faċilitajiet oħra	II.3	Jirreferi għal rekwiżiti relatati mas-sinkijiet kollha u ma' faċilitajiet oħra li jintużaw għall-ħasil tal-ikel li għandhom jinżammu diżinfettati u fi stat tajjeb ta' ndafa. Ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa japplikaw biss għal żoni pubbliċi.

Attività Nru 6

VENTILAZZJONI

a) Perikli prinċipali:

Il-periklu għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa huwa l-kontaminazzjoni tal-ikel jew tal-personal minħabba ventilazzjoni mhux adegwata.

It-tifsira ta' "ventilazzjoni" tinkludi wkoll dawn l-affarijiet li ġejjin:

- Ventilazzjoni mekkanika / mhux mekkanika
- Arja b'temperatura naturali / mkessħa / refriġerata / msaħħna
- Arja ffiltrata / mhux iffiltrata
- Żoni pubbliċi / privati
- Adattabilità (għall-iskop stabbilit) ta' tagħmir
- Manutenzjoni
- Kondensazzjoni tal-fwar
- Likwidi tal-kumpressuri
- Kanen, filtri, eċċ

b) Responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jistgħu jinkludu:

- Pjanijiet għal żoni pubbliċi (kostruzzjonijiet ġodda, restawrar jew ridekorazzjoni) u għal żoni privati (meta tkun responsabbli għall-ippjanar u/jew għall-bini);
- Operazzjoni, kontroll, spezzjonar.

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
It-tqassim u l-pjanijiet għall-installazzjonijiet	I.2 (a), I.2 (c) & I.2 (d)	Meta dawn ikunu taħt il-kontroll tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, il-pjanijiet tal-provvista tal-arja għandhom jitwettqu skont ir-regolamenti. Filtri u partijiet oħra tas-sistema għandhom ikunu aċċessibbli għall-manutenzjoni.
L-operazzjoni tal-ventilazzjoni, il-provvista tal-arja	I.5	Meta jiġu pprovduti mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, sistemi tal-ventilazzjoni, tal-arja kondizzjonata jew tat-tkessiħ għandhom jiġu ċċekkjati b'mod regolari, filwaqt li għandhom ukoll jitħejjew/jinżammu rekords.
Ventilazzjoni ta' faċilitajiet sanitarji	I.6	Id-disinn għandu jkun xieraq.

Attività Nru 7

TIDWIL

a) Perikli prinċipali:

Il-kontaminazzjoni fiżika u/jew mikrobijoloġika tal-ikel minħabba installazzjonijiet tad-dawl mhux xierqa u/jew il-manutenzjoni mhux xierqa tad-dawl.

b) Ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jistgħu jinkludu:

- Pjanijiet għal żoni pubbliċi (kostruzzjonijiet ġodda, restawrar jew ridekorazzjoni) u għal żoni privati meta tkun responsabbli għall-ippjanar u/jew għall-bini (il-pożizzjoni, il-livell tat-tidwil, it-tip ta' armar, eċċ);
- It-tindif;
- Il-manutenzjoni.

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Tidwil naturali xieraq	I.7	It-twieqi kollha li jinsabu f'żoni fejn jiġu mmaniġġjati oġġetti u li jistgħu jinfetħu għandhom ikunu protetti bi skrins kontra l-insetti.
Tidwil artifiċjali xieraq		F'postijiet fejn jiġi mmaniġġjat ikel mhux ippakkjat, id-dwal għandhom ikunu magħluqa biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ikel f'każ li sseħħ xi ħsara fl-armar u biex jiffaċilita t-tindif. Ftit eżempji rilevanti għal-livell tal-ippjanar: <ul style="list-style-type: none">• Armar tad-dawl fluworexxenti għandu jkun provdut b'diffużuri jew għandu jiġi mgħammar b'tubi għall-protezzjoni.• Fejn possibbli, l-armar tad-dawl għandu jintrama' ċatt mas-superfiċje u m'għandux jiddendel permezz ta' ktajjen.• Il-wajers tad-dawl għandhom jiġu mgħoddija minn trinek ġol-ħajt jew ġol-ħitan.
Tidwil naturali u/jew artifiċjali		Kundizzjonijiet għat-tindif għandhom jiġu stabbiliti u verifikati f'żoni pubbliċi. Fil-każijiet kollha, it-tidwil għandu jkun biżżejjed

		biex jippermetti li jsir immaniġġjar sigur tal-ikel u tindif effettiv.
--	--	--

Attività Nru 8

SERVIZZI U RESPONSABBILTAJIET

a) Perikli prinċipali:

Il-periklu għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa huwa l-kontaminazzjoni ta' ikel minħabba l-provvista mhux adegwata ta' servizzi lil operaturi.

It-tifsira ta' "servizzi" tinkludi wkoll dawn l-affarijiet li ġejjin:

- Elettriku
- Gass
- Ilma (sħun u kiesaħ, tajjeb għax-xorb u li mhuwiex, għat-tindif, għat-tifi tan-nar, għat-
tkessiħ, għall-bexxiexa, eċċ.)
- Drenaġġ (ippjanar, manutenzjoni)
- Sistema tad-drenaġġ (ippjanar, manutenzjoni)

b) Ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Għalkemm wieħed jista' jassumi li l-ilma tajjeb għax-xorb jiġi fornit mill-kumpaniji tal-ilma, għandha tingħata attenzjoni biex ikun hemm provvista ta' ilma adegwata u li taqbel mas-servizz korrispondenti.

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
It-tqassim u l-pjanijiet għall-installazzjonijiet	I.2 (c)	Il-pjan tal-provvista tal-ilma, meta jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, għandu jżgura provvista suffiċjenti ta' ilma għat-twettiq tal-iskopijiet kollha u ta' kwalità tajba għax-xorb, għat-twettiq tal-operazzjonijiet kollha li jinvolvu kuntatt dirett jew indirett mal-ikel.
Drenaġġ	I.8	Faċilitajiet tad-drenaġġ għandhom jiġu ddisinjati, mibnija, miżmuma u mnaddfa bl-iskop li jevitaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni ta' oġġetti tal-ikel
Ilma għat-tindif u d-dizinfekzjoni ta' għodda tax-xogħol	II.2	Għandu jkun ta' kwalità tajba għax-xorb u suġġett għal kontrolli u verifiki regolari. Ġeneralment, dan jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi.
Ilma għall-ħasil tal-ikel	II.3	Għandu jkun ta' kwalità tajba għax-xorb u suġġett għal kontrolli u verifiki regolari. Ġeneralment, dan jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi.
Provvista tal-ilma	VII.1	Titqies bħala li hija prattika tajba li tiġi fornuta provvista adegwata tal-ilma, pereżempju billi jiġi żgurat li l-kwalità tal-ilma tiġi ttestjata darba fis-sena minn laboratorju approvat.

Ilma riċiklat	VII.3	} Ġeneralment taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi
Silġ	VII.4	
Fwar	VII.5	
Ilma mhux tajjeb għax-xorb (għat-tifi tan-nar, eċċ)	VII.2	
Trattament bis-sħana	VII.6	

Attività Nru 9

IĠJENE PERSONALI

a) Perikli prinċipali:

Ir-riskju mhux aċċettabbli tal-kontaminazzjoni tal-ikel li sseħħ minħabba impjegati u persuni oħra, b'mod partikolari meta dawn ikunu morda jew ikollhom feriti infettati jew mard tal-ġilda, eċċ

Kwistjonijiet ta' iġjene personali jinkludu: tojlits, friskaturi għall-ħasil tal-idejn, sinkijiet, doċoċ, kmamar fejn jinżammu l-ħwejjeġ, ħwejjeġ, ġiżirajjen, brazzuletti, arloġġi u msielet, eċċ.

b) Ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa huma limitati għal żoni pubbliċi (b'mod partikolari t-tojlits).

Jistgħu wkoll jinkludu l-ippjanar u/jew il-bini (kostruzzjonijiet ġodda u restawrar jew rinnovazzjoni), tindif, manutenzjoni, kontroll, spezzjonar, eċċ

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Indafa personali u lbies protettiv	VIII. 1	Politika tal-iġjene tal-ġestjoni tas-suq relatata mal-indafa u mal-iġjene personali tal-impjegati.
Impjegati morda u b'feriti infettati	VIII.2	Politika tal-iġjene tal-ġestjoni tas-suq dwar ir-rappurtar ta' mard jew ta' problemi li jistgħu jiġu trasmessi.
L-ippjanar u t-tqassim ta' installazzjonijiet	I.2 (c)	Meta jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, l-ippjanar u t-tqassim ta' installazzjonijiet għandhom jitwettqu skont ir-regolament (sabiex tiġi evitata, pereżempju, il-kontaminazzjoni inkroċjata).
Numru, pożizzjoni ta' sinkijiet, tojlits, ...	I.3, I.4	In-numru ta' u l-post fejn jinsabu s-sinkijiet għandu jkun iffissat waqt li jkunu qed isiru l-kostruzzjoni, ir-restawrar jew ir-rinnovazzjoni, waqt li jitqies in-numru tal-membri tal-persunal, il-mod ta' kif ikun imqassam il-bini, it-tip ta' ikel, eċċ.
Ilma sħun fornut għal sinkijiet	I.4	It-temperatura tal-ilma hija importanti (għandha tkun xierqa għall-użu u biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-pajpijiet).
Faċilitajiet għal tibdil disponibbli għall-persunal	I.9	Żoni separati bejn it-triq u l-kmamar/is-sit li minnhom jista' jgħaddi l-persunal; ilbies protettiv (ikel li joriġina mill-annimali).

Attività Nru 10

RIMI TA' SKART

a) Perikli prinċipali:

Akkumulazzjoni ta' skart u kontaminazzjoni tal-ikel.

Ir-rimi tal-iskart jinkludi skart tal-ikel, prodotti sekondarji mhux tajbin għall-ikel u skart ieħor.

b) Ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa mhijiex ikkonċernata b'mod dirett ma' skart tal-ikel jew skart ieħor li jinżamm f'siti privati. Madankollu, il-forniment ta' faċilitajiet għat-tneħħija tal-iskart tal-ikel u skart ieħor ġeneralment jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.

Għal skart li mhuwiex skart ta' ikel li joriġina mill-annimali, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tispeċifika l-punt safejn hi responsabbli lejn in-negozji tal-ikel preżenti fuq is-sit:

- Kif jinġabar l-iskart (skont it-tip ta' skart: tal-annimali, tal-pjanti u ta' tipi oħra; solidu u likwidu eċċ.);
- Tipi ta' kontenituri li għandhom jintużaw;
- It-tindif u d-dizinfekzjoni;
- L-organizzazzjoni tal-ġbir tal-iskart (metodu ta' ġbir, frekwenza, ħinijiet);
- Tqassim tal-ispejjeż.

Fi kwalunkwe każ, l-iskart m'għandux jinħażen b'tali mod li jġib parassiti.

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Ġbir ta' skart	VI.1	Skart ta' ikel li joriġina mill-annimali ġeneralment jaqa' taħt ir-responsabbiltà tan-negozji tal-ikel li jinsabu fis-sit u jeħtieġ is-servizzi ta' kumpaniji speċjalizzati.
Tip ta' kontenituri u tneħħija ta' skart tal-ikel	VI.2 (1)	Għandu jkun hemm kontenituri differenti għal tipi differenti ta' prodotti. Dawn għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba u tat-tip li jista' jiġi maħsul.
Imħażen għall-iskart: disinn u ġestjoni	VI.3	Il-ġestjoni, it-tindif u t-tħaddim għandhom jiġu organizzati sewwa.
Restrizzjonijiet ambjentali	VI.4	Ir-riskju għall-ambjent għandu jinżamm baxx (riċiklaġġ ta' kartun, kaxxi tal-injam u pallets, kompost). Trattament speċjali ta' skart likwidu.

(1) Ara wkoll ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jipreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

Attività Nru 11

KONTROLL TAL-PARASSITI

a) Perikli prinċipali:

Propagazzjoni ta' parassiti u infestazzjonijiet li joħlqu problemi relatati mal-iġjene u mal-kontaminazzjoni tal-ikel.

b) Ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Limitata għal żoni pubbliċi.

Kontroll u sorveljanza eventwali f'żoni privati.

It-tip ta' kontroll tal-parassiti, il-frekwenza u l-monitoraġġ għandhom jiġu definiti b'mod ċar.

c) Referenza għar-Regolament tal-UE u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
It-tqassim u l-pjanijiet għall-installazzjonijiet	I.2 (c)	Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tiżviluppa pjan ġenerali għas-suq kollu kontra infestazzjonijiet minn parassiti, li għandu jinkludi ż-żoni pubbliċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha.
Ġestjoni tal-iskart	VI.3	Fi kwalunkwe każ, l-iskart m'għandux jinħażen b'tali mod li jġib parassiti. Il-pjan għandu jkopri l-istat ta' ordni ġenerali tas-suq (skart tal-ikel kif ukoll skart ieħor).

Parir utli:

Għalkemm l-entità responsabbli għall-kontroll tal-parassiti fiż-żoni pubbliċi u privati hija differenti, huwa ġeneralment rakkomandat li jkun hemm skeda komuni rigward is-suq.

Skeda bħal din tevita t-tixrid ta' parassiti minn żoni kkontrollati għal oħrajn mhux ikkontrollati u żżid l-effiċjenza ta' azzjonijiet meħuda kontra infestazzjonijiet minn parassiti.

Attività Nru 12

TAĦRIĠ PERSONALI

a) Perikli prinċipali:

Ksur ta' regolamenti dwar l-iġjene u s-sigurtà tal-ikel minħabba persunal li ma jkunx tħarreġ kif xieraq.

Riskji ta' iġjene personali li jwasslu għal kontaminazzjoni tal-ikel.

b) Ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Persunal li jiffirma parti mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jew li jiffirma parti mill-aġenti kuntrattati tagħha m'għandux jimmaniġġja l-ikel. Għalhekk, dawn ir-rekwiżiti legali ma japplikawx direttament għal dawn il-persuni.

Madankollu, dawn għandhom ikunu konxji tal-fatt li qed jaħdmu fuq sit li jittratta prodotti friski u li l-azzjonijiet tagħhom jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-ikel. L-impjegati kollha għandhom jirċievu struzzjonijiet dwar l-iġjene li jirrigwardaw, b'mod dirett, l-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari l-perikli relatati mal-ikel u l-miżuri ta' kontroll identifikati mill-analiżi tal-periklu.

c) Referenza għar-Regolament u kummenti

Intestatura	Regolament tal-UE 852/2004	Kummenti u rekwiżiti għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa
Taħriġ ta' dawk kollha li jimmaniġġjaw l-ikel rigward l-iġjene tal-ikel	XII	L-impjegati kollha għandhom jirċievu struzzjonijiet dwar l-iġjene li jirrigwardaw, b'mod dirett, l-attivitajiet tagħhom.

V - Gwida Dettaljata għal Prattiki Iġjeniċi Tajba

Din il-parti tal-Gwida għal Prattiki Iġjeniċi Tajba tittratta, b'mod dettaljat, seba' kwistjonijiet li kull waħda minnhom issir referenza għaliha f'kapitolu speċifiku fl-Anness II tar-Regolament KE Nru 852/2004 tad-29 ta' April 2004.

Dawn is-seba' kapitoli ssir referenza għalihom b'mod dettaljat minħabba l-fatt li jikkonċernaw il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa b'mod dirett.

- Rekwiżiti ġenerali għal stabbilimenti tal-ikel li jinkludu żoni u siti esterni (Kapitolu I)
- Rekwiżiti speċifiċi fi kmamar li fihom isiru l-preparazzjoni, it-trattament jew l-ipproċessar ta' oġġetti tal-ikel (Kapitolu II)
- Rekwiżiti għat-tagħmir (Kapitolu V)
- Skart tal-ikel (Kapitolu VI)
- Il-provvista tal-ilma (Chapter VII)
- Iġjene Personali (Kaptolu VIII)
- Taħriġ (Kapitolu XII)

GWIDA GĦAL PRATTIKI IĠJENIĊI TAJBA GĦALL-ĠESTJONI TAS-SUQ BL-INGROSSA

Din il-gwida tnejn skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-ikel u, fejn applikabbli, skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jstabilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali. L-għan tagħha hu li tipprovdi gwida għall-konformità mal-leġislazzjoni għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa fil-kuntest tar-relazzjoni tagħha ma' negozji tal-ikel li joperaw fuq is-sit, kemm jekk dawn huma negozjanti tal-ikel u kemm jekk huma kumpaniji li jwettqu l-preparazzjoni u t-trattament ta' oġġetti tal-ikel.

Il-kapitoli differenti ta' din il-gwida jirreferu għall-Anness II tar-Regolament Nru 852/2004 "Ħtiġiet iġjeniċi ġenerali għall-operaturi kollha tan-negozju tal-ikel (apparti meta l-Anness I ikun applikabbli)", li fih XII-il kapitolu. Madankollu, f'din il-gwida ġew żviluppatti biss dawk il-kapitoli ta' interess dirett għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.

KAPITOLU I: REKWIŻITI ĠENERALI GĦAL STABILIMENTI TAL-IKEL LI JINKLUDU ŻONI U SITI ESTERNI

Rekwiżit legali	Gwida għall-konformità	Pariri dwar prattika tajba
<p><i>1. Siti fejn jinżamm l-ikel għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba u fi stat tajjeb ta' tindif u tiswija</i></p>	<p>Iż-żoni kollha għandhom jitpoġġew taħt ir-responsabbiltà ta' negozju tal-ikel speċifiku, kemm jekk dan ikun il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jew negozju ieħor tal-ikel. Mhuwiex possibbli li jkun hemm żona li ma tkunx taħt ir-responsabbiltà ta' negozju tal-ikel.</p> <p>Meta żewġ negozji jew aktar tal-ikel jagħmlu użu mill-istess żona, wieħed minnhom għandu jkun responsabbli għaż-żona. Ir-Regolamenti u/jew il-kuntratti stipulati bejn il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u n-negozji tal-ikel għandhom jispeċifikaw ir-responsabbiltajiet rispettivi li għandhom jittieħdu ġewwa s-sit fejn ikun hemm l-ikel.</p>	<p>Huwa rakkomandat li jiġu stabbiliti skedi ta' programmi għat-tindif u d-dizinfekzjoni biex jiġi żgurat li l-partijiet kollha tal-bini u t-tagħmir jitnaddfu bir-reqqa u b'mod effettiv u effiċjenti fuq bażi regolari.</p> <p>Il-programm tat-tindif/tad-dizinfekzjoni, kemm jekk jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jew taħt dik ta' parti terza kontraenti, għandu jkun bil-miktub u għandu jinkludi dan li ġej:</p>

	<p>Il-partijiet varji tas-sit fejn ikun hemm l-ikel (art, ħitan, soqfa, tagħmir tad-dawl, sistemi ta' ventilazzjoni, tagħmir fiss, sinkijiet, friskaturi għall-ħasil tal-idejn u tojlits) għandhom ikunu viżibbilment nodfa u fi stat tajjeb ta' tiswija.</p>	<ul style="list-style-type: none"> - <u>Iż-żona:</u> definizzjonijiet ċari taż-żoni li għandhom jiġu mnaddfa/diżinfettati, il-metodi li għandhom jintużaw, l-istandards preskritti u l-prekawzjonijiet kollha tas-saħħa u tas-sigurtà meħtieġa għal kull żona. - <u>Il-frekwenza u t-tul tal-proċess</u> tat-tindif/tad-diżinfekzjoni, xieraq għar-riskju, għal kull żona speċifikata. - <u>Il-prodotti u l-materjali li għandhom jintużaw</u> f'kull żona speċifikata inklużi d-dettalji dwar is-qawwa tal-kimiki, l-istruzzjonijiet tagħhom għall-użu u l-adekwatezza tagħhom għall-użu mal-ikel jew viċin tal-ikel. - <u>Verifiki u rekords</u> dwar il-frekwenza ta' applikazzjoni u l-effettività tal-istandards tat-tindif/tad-diżinfekzjoni f'kull żona. - <u>Responsabbiltajiet:</u> rekords tal-persuna responsabbli għat-twettiq tat-tindif/tad-diżinfekzjoni u għall-verifika tal-proċess. <p>L-amministrazzjoni għandha tivverifika u tikkontrafirma l-iskeda tat-tindif/tad-diżinfekzjoni (ara l-mudell tal-iskeda fl-Appendiċi A) u għandha thegħġegħ lill-persunal biex "inaddaf waqt ix-xogħol".</p>
	<p>In-negozju tal-ikel responsabbli għandu jiżgura li jsiru spezzjonijiet regolari tas-sit fejn ikun hemm l-ikel sabiex jiġu identifikati difetti strutturali u ħsarat fit-tagħmir miksur u biex tittieħed kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa.</p>	<p>Hija prattika tajba li jiġi evitat tfixkil tan-negozju minħabba tagħmir difettuż jew bil-ħsara permezz ta' programmi pplanati ta' manutenzjoni u tibdil għas-siti u t-tagħmir li jintuża fuqhom. Limiti ta' żmien għall-manutenzjoni u t-tibdil għandhom</p>

		ikunu bbażati fuq il-kwalità tal-materjali, il-kostruzzjoni, l-użu u d-diżintegrazzjoni possibbli. Is-sit u t-tagħmir għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba u f'kundizzjoni xierqa ta' tiswija, kif ukoll f'kundizzjoni tajba ta' operat. Dawn għandhom ikunu wkoll bla periklu u għandhom jippermettu li jitnaddfu mingħajr xkiel.
2. It-tqassim, id-disinn, il-kostruzzjoni, il-pożizzjoni u d-daqs tas-siti fejn ikun hemm l-ikel għandhom:	Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tiegħu kont tar-rekwiżiti speċifiċi li jikkorrispondu mat-tip ta' negozju tal-ikel ikkonċernat, kemm fil-kuntest tal-prodotti kif ukoll fil-kuntest tal-kwantitajiet tal-prodotti li għandhom jiġu ttrattati.	
(a) Jippermettu li jsiru manutenzjoni, tindif u/jew disinfezzjoni xierqa, jevitaw li titnaqqas kemm jista' jkun il-kontaminazzjoni mill-arja u jipprovdu spazju biżżejjed għax-xogħol biex l-operazzjonijiet kollha jkunu jistgħu jitwettqu b'mod iġjeniku;	<p>Materjali li jintużaw għall-bini għandhom jippermettu li jsir it-tip tat-tindif xieraq għaż-żona. It-tqassim u l-ippjanar tas-sit fejn ikun hemm l-ikel għandhom jippermettu li jkun hemm aċċess għall-partijiet kollha tal-bini biex ikun jista' jsir it-tindif. It-tip ta' finitura tad-disinn, il-kostruzzjoni u s-superfiċji fis-sit fejn ikun hemm l-ikel jiddeterminaw il-livell ta' kemm hu faċli li dawn jitnaddfu.</p> <p>Huwa essenzjali li jintgħażlu l-materjali xierqa għall-finituri kollha tas-soqfa, il-ħitan u l-art u li dawn jitwāħħlu jew jiġu applikati kif suppost.</p> <p>Il-ventilazzjoni, l-arja kondizzjonata jew it-tkessiħ għandhom jiġu ċċekkjati regolarment u għandhom jinżammu rekords dwar il-kontrolli.</p> <p>Il-fluss tal-ventilazzjoni, tal-arja kondizzjonata jew tat-tkessiħ għandu jkun xieraq għad-daqs tas-sit u għall-volum ta' oġġetti li għandhom jiġu ttrattati mill-operatur tan-negozju tal-ikel.</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u/jew in-negozji tal-ikel responsabbli għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ sistemi u prekawzjonijiet adegwati biex jiġi evitat li jseħħu reazzjonijiet kimiċi mhux mixtieqa bejn il-prodotti għat-tindif u/jew il-materjali tal-kostruzzjoni.</p> <p>Għandu jkun hemm separazzjoni effettiva bejn proċessi nodfa u mhux nodfa biex titnaqqas il-kontaminazzjoni inkroċjata.</p> <p>Il-kuluri u l-materjali li jintużaw għandhom ikunu xierqa għall-użu mal-ikel.</p>
(b) Ikunu tali li joffru protezzjoni	It-tqassim tal-parti ta' ġewwa tas-sit għandu jipprevjeni l-	Ġonturi tal-art u tal-ħitan għandu jkollhom gavda

kontra l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ, il-kuntatt ma' materjali tossiċi, it-twaqqiġ ta' frak fl-ikel u l-formazzjoni tal-kondensazzjoni jew ta' moffa mhux mixtieqa fuq is-superfiċji;

akkumulazzjoni tal-ħmieġ f'postijiet li għalihom m'hemmx aċċess għat-tindif. Bini eżistenti għandu jinżamm kif xieraq, pereżempju billi jitnaqqsu sporġenzi.

Materjali ta' kostruzzjoni m'għandux ikun fihom sustanzi li jistgħu jitħalltu mal-ikel b'mod dirett jew indirett.

Id-disinn u l-kostruzzjoni, speċjalment ta' superfiċji li jinsabu fl-għoli, m'għandhomx jinkludu finituri li jistgħu jwasslu għal twaqqiġ ta' frak bħal żebgħa li titqaxxar, ġibs u affarijiet simili.

Il-kostruzzjoni, it-tqassim u d-daqs tas-sit għandhom ikunu ddisinjati, b'kont meħud tat-tip ta' sistema tal-arja, pereżempju l-arja kondizzjonata, il-ventilazzjoni jew it-tkessiħ, li għandha tiġi installata biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' kondensazzjoni.

(b'forma konkava) biex jiġi faċilitat it-tindif intensiv. Meta ssir rinnovazzjoni jew ridekorazzjoni, l-isporġenzi kollha għandhom jitneħħew, jekk ikun possibbli.

Is-siti għandhom jiġu mmonitorjati b'mod regolari għal tnixxijiet, tagħmir laxk eċċ. biex jitnaqqas iċ-ċans li jbejtu fihom il-parassiti. L-użu ta' ħitan b'daħla għandu jiġi evitat minħabba li dawn jipprovdu żoni li fihom jistgħu jbejtu l-parassiti - għandu jiġi żgurat li żoni bħal dawn jiġu mmonitorjati mill-kuntrattur inkarigat bil-kontroll tal-parassiti.

F'żoni fejn jinħolqu l-fwar u l-umdità, għandhom jiġu installati superfiċji insulati bħal soqfa biex titnaqqas il-formazzjoni ta' qtar tal-kondensazzjoni. Superfiċji miżbugħin għandhom ikunu ta' kwalità ta' grad xieraq għall-użu mal-ikel. Tagħmir tal-ikel, superfiċji tax-xogħol, tagħmir u materjali normalment ikunu proprjetà tal-operatur tan-negozju tal-ikel u għalhekk jaqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu.

(c) Jippermettu Prattiki Tajba tal-iġjene tal-ikel, inkluża l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni u, b'mod partikolari, il-kontroll tal-parassiti;

Ħafna mis-siti tal-ikel iwettqu bosta attivitajiet differenti bħal tindif, taħżin, preparazzjoni u rimi ta' skart. Għandu jkun hemm spazju biżżejjed fil-postijiet tal-ikel biex jippermetti li ssir separazzjoni ta' proċessi nodfa u "maħmuġin" u preparazzjoni ta' ikel ta' riskju baxx u għoli.

Għandu jkun hemm post speċifiku li fih jinżammu materjali tal-imballaġġ, biex dawn ma jkunux fl-istess żona fejn ikun qed jiġi ppreparat l-ikel

Il-provvista tal-ilma, meta din taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, għandha tkun ta' kwalità tajba għax-xorb biex tintuża għall-operazzjonijiet kollha relatati b'mod dirett mal-ikel.

Il-ventilazzjoni għandha tkun xierqa, effiċjenti u ppjanjata b'tali mod li arja kontaminata (pereżempju minn tojlits jew postijiet fejn jinżamm l-iskart) ma tinġiebx fil-kmamar fejn ikun hemm l-ikel. Filtri u partijiet oħrajn tas-sistema għandhom ikunu aċċessibbli b'mod dirett jew permezz ta' panewijiet ta' aċċess.

Il-filtri għandhom jinżamm f'kundizzjoni tajba ta' tindif u manutenzjoni. Għandu jkun hemm mezzi xierqa u suffiċjenti ta' ventilazzjoni fil-postijiet tal-ikel.

Il-faċilitajiet għandhom ikunu forniti sew għall-iġjene tajba tal-persunal (ara 3 u 9).

Is-siti għandhom jiġu ddisinjati b'tali mod li ma jippermettux il-propagazzjoni ta' parassiti. Bibien, xaters u fetħiet oħrajn għandhom ikunu tat-tip li ma jħalli l-ebda spazju miftuħ meta

Il-kuntratt li jsir bejn il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u n-negozju tal-ikel għandu jispeċifika min hu responsabbli għall-manutenzjoni u t-tindif tas-sistema tal-provvista tal-arja (taqsimiet komuni u/jew privati).

Fuq is-sit, negozji tal-ikel għandhom kemm jista' jkun jagħmlu użu mid-difiżi sekondarji kollha kontra l-parassiti (nases, apparat elettriku kontra l-parassiti eċċ.).

Siti u apparat għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u mantnuti sabiex jikkontrollaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-prodotti, b'tali mod li jkunu konformi mal-leġislazzjoni kollha rilevanti.

Fejn bibien esterni li jwasslu għal żoni għall-immuniġġjar, għall-ipproċessar, għall-ippakkjar u għall-ħżin jinżammu miftuħa, għandhom jittieħdu prekawzjonijiet xierqa biex jiġi evitat li jidħlu parassiti.

Il-mod ta' kif jitqiegħdu n-nases għandu jiġi dokumentat. Il-postijiet fejn jinsab apparat għall-kontroll tal-parassiti għandu jiġi identifikat f' pjan/diagramma tas-sit.

L-ispezzjonijiet għandhom jiġu dokumentati.

Jekk il-kontroll tal-parassiti jingħata bħala kariga b'kuntratt lil parti terza, huwa essenzjali li l-kuntratt jinkludi r-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

	<p>jingħalqu.</p> <p>It-twieqi kollha li jinsabu f'żoni fejn l-ikel jiġi mmaniġġjat u li jistgħu jinfetħu għandhom jiġu protetti bi skrins kontra l-insetti.</p> <p>Barra minn hekk, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tħejji pjan ġenerali għall-prevenzjoni ta' infestazzjonijiet minn parassiti għaż-żoni pubbliċi kollha li jinsabu fuq is-sit tas-suq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha. Dan il-pjan għandu jqis ukoll l-istat ta' ordni ġenerali tas-suq (skart tal-ikel kif ukoll skart ieħor). Kull pjan u d-disinji relatati, għandu jkollu l-oġettiv li jirreġistra r-responsabbilitajiet mogħtija lill-operaturi tan-negozji tal-ikel.</p>	<p>It-taħriġ tal-persunal għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' parassiti komuni u ta' indikazzjonijiet ta' infestazzjonijiet minn parassiti.</p>
<p>(d) Fejn meħtieġ jipprovdu kundizzjonijiet xierqa għall-immaniġġjar u l-ħażna b'temperatura kkontrollata ta' daqs suffiċjenti għaż-żamma tal-ikel f'temperaturi xierqa u li huma ddisinjati biex jippermettu li t-temperaturi jiġu mmonitorjati u, fejn meħtieġ, irreġistrati.</p>	<p>Meta d-disinn u l-kostruzzjoni ta' kmamar tal-ħażna, kmamar għat-tkessiħ u ffriżar ikunu r-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, dawn għandhom ikunu kapaċi jżommu oġġetti tal-ikel f'temperaturi xierqa għall-prodott skont regolamenti uffiċjali rilevanti, jekk dawn ikunu jeżistu. Id-disinn u l-kostruzzjoni ta' kmamar għall-preparazzjoni tal-ikel għandhom ikunu ta' tip li jipprevjeni l-akkumulazzjoni ta' temperaturi eċċessivi.</p> <p>Sistema/apparat awtomatiku ta' monitoraġġ u reġistrazzjoni tat-temperatura b'allarmi integrati (li jistgħu jiġu rrekordjati, li jinstemgħu u jkunu viżibbli) għandu jiġi installat fiż-żoni kollha refriġerati, inkluż f'unitajiet għat-tkessiħ ta' riżerva u friżers. It-tagħmir kollu li jintuża għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tat-temperaturi għandu jiġi kalibrat u ċċekkjat fuq bażi regolari.</p>	<p>Il-kuntratt li jsir bejn il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u n-negozju tal-ikel għandu jispeċifika min hu responsabbli għall-monitoraġġ, ir-reġistrazzjoni u l-manutenzjoni ta' dawn l-installazzjonijiet.</p> <p>Għandha ssir distinzjoni bejn iż-żoni pubbliċi u dawk privati.</p>
<p>3. Għandu jkun hemm disponibbli numru adegwat ta' WC li</p>	<p>Għandu jkun hemm spazju prinċipali bejn il-tojlit u kwalunkwe kamra li fiha jiġi mmaniġġjat l-ikel.</p>	<p>Avvizi li jitolbu li wieħed jaħsel idejh wara li juża t-tojlit għandhom jitwaħħlu f'post xieraq ħdejn</p>

<p><i>jifflaxxjaw u li huma konnessi ma' sistema effettiva tad-drenaġġ. Kmamar tal-WC m'għandhomx jiftħu direttament fuq kmamar li fihom jiġi mmaniġġjat l-ikel.</i></p>	<p>It-tojlits għandhom ikunu konnessi ma' sistema tad-drenaġġ permezz ta' valvola effettiva. It-tojlits (WC jew urinali) m'għandhomx iwasslu direttament f'żoni li fihom ikun preżenti l-ikel.</p> <p>F'negozji li jkollhom ħafna klijenti, huwa rakkomandat li jiġu pprovduti tojlits għall-klijenti, separati minn dawk li jintużaw mill-impjegati.</p>	<p>kull tojlit li jintuża mill-persunal li jimmaniġġja l-ikel.</p> <p>In-negozju tal-ikel ġeneralment huwa responsabbli għal dik il-parti tas-sistema tad-drenaġġ li tinsab f'żoni privati. Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa hija ġeneralment responsabbli għas-sistema tad-drenaġġ barra ż-żoni privati sal-konnessjoni mas-sistema tal-awtoritajiet lokali jew sal-konnessjoni mas-sistema pubblika tad-drenaġġ. Dawn ir-responsabbiltajiet għandhom jiġu speċifikati fil-kuntratti.</p> <p>Fiż-żewġ każijiet, għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li s-sistema kollha taħdem kif suppost.</p>
<p>4. Għandu jkun hemm disponibbli numru xieraq ta' sinkijiet, imqiegħda f'postijiet adegwati u ddisinjati għall-ħasil tal-idejn. Sinkijiet għall-ħasil tal-idejn għandhom jiġu fornuti b' ilma sħun u kiesaħ, kif ukoll b'materjali għall-ħasil u għat-tnixxif iġjeniku tal-idejn. Fejn meħtieġ, il-faċilitajiet għall-ħasil tal-ikel għandhom ikunu separati mill-faċilitajiet għall-ħasil tal-idejn.</p>	<p>Il-persunal kollu tan-negozji tal-ikel għandu jkollu aċċess għal sink f'kull ħin.</p> <p>Jekk il-persunal ma jkunx jista' jitlaq mis-sit għall-ħasil tal-idejn, għandhom jiġu pprovduti sinkijiet fuq is sit.</p> <p>In-numru u l-post fejn għandhom jitqiegħdu s-sinkijiet għandu jiġi determinat billi jitqies:</p> <ul style="list-style-type: none"> - In-numru tal-membri tal-persunal li jaħdmu fin-negozji differenti tal-ikel (pereżempju sink wieħed għal kull 7 membri tal-persunal); - Il-mod ta' kif inhu mqassam is-sit; - It-tip ta' ikel; - Il-punt safejn isir l-immaniġġjar tal-ikel. 	<p>Il-kuntratt li jsir bejn il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u n-negozju tal-ikel għandu jispeċifika min hu responsabbli għat-tindif u ż-żamma tas-sinkijiet differenti disponibbli, fiż-żoni privati kif ukoll f'dawk pubbliċi.</p> <p>Għandha tiġi stabbilita l-frekwenza ta' meta jsir it-tindif.</p> <p>Materjali xierqa għas-sinkijiet jinkludu l-azzar li ma jissaddadx, il-plastik ta' grad xieraq għall-użu mal-ikel u ċ-ċeramika. Huwa rakkomandat li f'postijiet li fihom jiġi mmaniġġjat ikel mhux ippakkjat jiġu pprovduti sinkijiet. Dan ikun aħjar</p>

	<p>Is-sinkijiet għandhom jinsabu viċin ta' faċilitajiet sanitarji u f'postijiet strateġiċi fuq is-sit, b'tali mod li kull ħaddiem ikollu aċċess konvenjenti għalihom. Is-sinkijiet għandhom preferibbilment jintużaw biss għall-ħasil tal-idejn. Meta jkun hemm riskju mhux aċċettabbli ta' kontaminazzjoni tal-ikel, il-faċilitajiet għall-ħasil tal-ikel għandhom ikunu separati mill-faċilitajiet għall-ħasil tal-idejn</p> <p>Għandu jkun hemm sinkijiet mad-dħul għaż-żoni kollha fejn issir il-preparazzjoni tal-ikel.</p> <p>Unitajiet addizzjonali jistgħu jitqiegħdu wkoll f'żoni għall-ħatt u għat-tagħbija.</p> <p>Vit singolu tal-ilma huwa aċċettabbli, kif inhu wkoll ilma fornut b'temperatura regolata minn provvista permezz ta' pajp jew minn unità għat-tiġin. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li, fil-każ tal-ilma sħun, wara ċertu żmien pajp twil wisq jista' jikkawża kontaminazzjoni batterjali.</p> <p>Preferibbilment, is-sinkijiet m'għandhomx ikunu tat-tip li jitħaddem bl-idejn.</p> <p>Huwa rakkomandat li, jekk għandu jsir ħasil ta' xi tagħmir jew ikel, dan għandu jsir f'sinkijiet speċifiċi u mhux f'dawk li jintużaw għall-ħasil tal-idejn. Dan it-tip ta' tagħmir speċifiku għandu jiġi kkunsidrat meta jsir il-bini, ir-restawrar jew ir-ridekorazzjoni.</p>	<p>milli jintużaw faċilitajiet komuni.</p> <p>Ġeneralment, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa hija responsabbli għall-provvista tal-ilma (sħun u kiesaħ) kif ukoll għall-analiżi ġenerali tal-kwalità tal-ilma. Madankollu, in-negożji tal-ikel għandhom jissorveljaw u jikkontrollaw il-ħasil tal-idejn, għaliex huwa magħruf li l-kontaminazzjoni tal-ikel tista' sseħħ malajr ħafna jekk ma jinżammux ir-regoli u l-istandards stabbiliti.</p> <p>In-negożji tal-ikel huma ġeneralment responsabbli għal oġġetti bħal:</p> <ul style="list-style-type: none"> • it-tip ta' sapun li jintuża (li joqtol il-batterji, jekk possibbli, iżda bla fwieħa, speċjalment fi kmamar li fihom issir il-preparazzjoni tal-ikel); • kontenituri għall-iskart (li preferibbilment jitħaddmu bis-saqajn jekk jintużaw srievet tal-karta li jintremew wara li jintużaw); • magni għat-tnixxif tal-idejn bl-arja jew magni tas-srievet tar-romblu m'għandhomx jintużaw fi kmamar fejn issir il-preparazzjoni tal-ikel minħabba li dawn jistgħu jikkawżaw kontaminazzjoni (riskju ta' tixrid ta' ġermi permezz ta' movimenti tal-arja, fil-każ ta' magni għat-tnixxif tal-idejn bl-arja, pereżempju). Huwa rakkomandat li jintużaw srievet tal-karta.

<p>5. Għandu jkun hemm mezzi adattati u suffiċjenti ta' ventilazzjoni naturali u mekkanika. Għandu jiġi evitat il-fluss mekkaniku ta' arja minn żona kontaminata lejn oħra nadifa.</p> <p>Sistemi tal-ventilazzjoni għandhom jinbnew b'tali mod li filtri u partijiet oħra li jeħtieġu tindif, manutenzjoni jew tibdil ikunu faċilment aċċessibbli.</p>	<p>Għandha tiġi pprovduta ventilazzjoni naturali jew mekkanika biex jiġi żgurat li s-sħana u l-umdità ma jilhqax livelli li jistgħu jkunu ta' periklu għas-sigurtà tal-ikel.</p> <p>Il-livell tal-ventilazzjoni għandu jiddependi fuq l-istruttura, is-sit, il-post fejn tinsab il-kamra u fuq l-użu tagħha.</p> <p>Filtri u partijiet oħra tas-sistema għandhom ikunu aċċessibbli u ta' tip li jippermetti tibdil u manutenzjoni bla xkiel, jew b'mod dirett jew permezz ta' panewijiet ta' aċċess.</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa hija ġeneralment responsabbli għall-kontroll tal-ventilazzjoni meta din tiġi pjanata biex tintuża għal bini sħiħ. Negozji tal-ikel għandhom ikunu konxji mill-fatt li m'għandhomx jimmodifikaw is-sistema tal-kanali tal-ventilazzjoni f'siti privati minħabba li dan jista' jkollu effett fuq is-sistema tal-ventilazzjoni kollha.</p> <p>It-tindif tas-sistema tal-ventilazzjoni ġeneralment jaqa' wkoll taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa minħabba li jenħtieġ li dan jitwettaq minn kumpanija speċjalizzata.</p> <p>Kuntratti ma' negozji tal-ikel għandhom jispeċifikaw min huwa responsabbli għat-tindif, il-frekwenza ta' dan it-tindif, iż-żamma ta' rekords u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru mill-utenti differenti. Il-fluss mekkaniku tal-arja, kif ukoll il-filtri tal-arja, għandhom ikunu suġġetti għal pjan ta' tindif/diżinfezzjoni.</p>
<p>6. Faċilitajiet sanitarji għandu jkollhom ventilazzjoni naturali jew mekkanika adegwata.</p>	<p>It-tojlits għandu jkollhom ventilazzjoni naturali jew mekkanika biex jiġi evitat li jidħlu fi kmamar tal-ikel irwejjaħ mhux mixtieqa u aerosols.</p> <p>F'żoni interni ta' siti, it-tojlits għandu jkollhom ventilazzjoni mekkanika. Id-disinn ta' dawn is-sistemi għandu jkun ta' tip li jarmi l-arja 'l bogħod mill-kmamar tal-ikel.</p>	

<p>7. Siti tal-ikel għandu jkollhom tidwil naturali u/jew artifiċjali adegwat.</p>	<p>It-tidwil għandhu jkun biżżejjed biex jippermetti li jsir immaniġġjar sigur tal-ikel u tindif effettiv.</p> <p>Il-livelli ta' illuminazzjoni għandhom jikkorrispondu għat-tip ta' kamra u m'għandu jkollhom l-ebda impatt fuq il-livell tat-temperatura fis-sit.</p> <p>Id-dwal tas-sit kollu għandhom ikunu mġhamra u protetti b'diffużuri li ma jinkisrux, ħliet fl-uffiċċji.</p>	<p>F'postijiet fejn jiġi mmaniġġjat ikel mhux ippakkjat, id-dwal għandhom ikunu magħluqa biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ikel f'każ li sseħħ xi ħsara fl-armar u biex jiffiċilita t-tindif. Pereżempju, armar tad-dawl fluworexxenti għandu jkun provdut b'diffużuri jew jiġi mġhammar b'tubi għall-protezzjoni.</p> <p>Jingħata parir li jintużaw dwal li ma jinkisrux.</p> <p>Fejn possibbli, l-armar tad-dawl għandu jintrama' ċatt mas-superfiċje u mġhandux jiddendel permezz ta' ktajjen, minħabba li jekk jiddendel b'dawn jippermetti li jinġabar il-ħmieġ fuqu.</p> <p>Fejn prattikabbli, il-wajers tad-dawl għandhom jiġu mġhoddija minn trinek ġol-ħajt jew ġol-ħitan. Għandu jiġi evitat l-użu ta' pajpijiet tal-kondjuwit u ta' kaxxi tal-interruttori li jitwaħħlu direttament fuq superfiċji.</p>
<p>8. Il-faċilitajiet tad-drenaġġ għandhom ikunu adegwati għall-iskop maħsub tagħhom. Dawn għandhom jiġu ddisinjati u mibnija biex jevitaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni. Meta l-kanali tad-drenaġġ ikunu kompletament jew parzjalment miftuħa, dawn għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jassiguraw li skart likwidu ma jnixxix minn żona</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tiżgura li l-katusi jkollhom inklinazzjoni biżżejjed biex tippermetti li l-iskart solidu u likwidu kollu jkun jista' jimxi 'l bogħod mis-sit.</p> <p>Id-direzzjoni tal-fluss għandha tkun minn żoni nodfa lejn żoni maħmuġin.</p> <p>It-tojlits għandhom ikunu parti minn sistema separata minn dik tal-katusi għall-ilma maħmuġ li joħroġ minn kmamar fejn issir il-preparazzjoni tal-ikel.</p> <p>L-iskart kollu għal ġol-katusi għandu jgħaddi minn valvola</p>	<p>Il-kuntratti li jsiru bejn il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u n-negozji tal-ikel għandhom jispeċifikaw ir-responsabbiltajiet rispettivi dwar dak li hu relatat maż-żamma tajba u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet tad-drenaġġ.</p> <p>Fil-każijiet kollha, manutenzjoni regolari u prattiki tajba ta' manutenzjoni huma rakkomandati biex jiġi evitat ir-rimi ta' kwantitajiet eċċessivi ta' żejt, xaħam jew grass fis-sistema.</p>

<p><i>kontaminata lejn jew għal ġo żona nadifa, b'mod partikolari ġo żona fejn jiġi mmaniġġjat ikel li x'aktarx jippreżenta riskju għoli għall-konsumatur aħħari.</i></p>	<p>effettiva.</p> <p>Kanali tad-drenaġġ u għotjien tal-katusi għandhom preferibbilment ikunu tal-azzar li ma jissaddadx.</p> <p>Punti ta' spezzjoni għandhom ikunu disponibbli, imma dawn għandhom ikunu ssiġillati b'mod adegwat u li jippermetti aċċess esklussiv lil kumpaniji tat-tindif speċjalizzati. Nases tax-xaħam jistgħu jitwaħħlu fil-kmamar tal-ikel jekk ma jkunx prattiku li dawn jitqiegħdu fuq barra.</p> <p>Kanali tad-drenaġġ għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jipprevjenu l-aċċess ta' parassiti mis-sistema ewlenija tad-drenaġġ.</p>	<p>Filtri u passaturi għandhom jiġu spezzjonati b'mod regolari. Dawn għandhom issirilhom ukoll manutenzjoni fuq bażi regolari</p>
<p><i>9. Fejn meħtieġ, għandhom jiġu fornuti faċilitajiet li l-persunal jista' juża biex ibiddel.</i></p>	<p>Fil-każijiet kollha, għandha jkun hemm faċilità li tippermetti li l-membri tal-persunal li jimmaniġġjaw l-ikel ibiddu u jerfgħu l-ħwejjeġ ta' barra u l-effetti personali tagħhom. Dan huwa importanti kemm għall-persunal kif ukoll għall-viżitaturi.</p> <p>Meta l-impjegati jkollhom jilbsu lbies protettiv, it-tqassim tal-kmamar tat-tibdil, li ġeneralment huwa responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, għandu jipprovdi għal żoni ta' ċirkolazzjoni separati għal persunal b'ilbies ta' barra u għal persunal b'ilbies protettivi.</p> <p>Meta dan ikun obligatorju, l-aċċess għal swali tal-bejgħ m'għandux jiġi permess għal klijenti li ma jkunux lebsin ħwejjeġ protettivi.</p>	<p>Għandhom jiġu pprovduti kaxxarizzi xierqa biex fihom jinżammu ħwejjeġ ta' barra u effetti personali.</p> <p>Il-pożizzjoni tal-kmamar tal-kaxxarizzi għandha tkun ippjanata b'mod li l-persunal ikollu jgħaddi minn ġo fihom meta jidħol ġo jew joħroġ minn kmamar tal-ikel.</p> <p>Żoni għall-kaxxarizzi għandhom ikunu mġammra b'unitajiet xierqa għall-ħasil tal-idejn.</p>
<p><i>10. Prodotti għat-tindif u diżinfettanti m'għandhomx jinżammu f'żoni fejn jiġi</i></p>	<p>Prodotti bħal dawn għandhom jinżammu f'kontenitur li jissakkar jew f'kamra tal-ħażna speċifika li tinsab barra minn żoni fejn jiġi mmaniġġjat l-ikel. Dan għandu jkun inkluż fil-pjan tal-bini, kemm</p>	<p>Faċilitajiet/kmamar għall-ħażna ta' prodotti u materjali għat-tindif għandhom jiġu identifikati permezz ta' tabelli u sinjali xierqa.</p>

<i>mmaniġġjat l-ikel.</i>	għall-operaturi tan-negozji tal-ikel kif ukoll għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, meta għandhom jintużaw prodotti bħal dawn.	
---------------------------	---	--

**KAPITOLU II: REKWIŻITI SPEĊIFIĊI FI KMAMAR FEJN ISIRU L-PREPARAZZJONI, T-TRATTAMENT
JEW L-IPPROĊESSAR TA' OĠĠETTI TAL-IKEL (esklużi ż-żoni fejn isir il-konsum tal-ikel u s-siti speċifikati fil-
Kapitolu III)**

Rekwiżit legali	Gwida għall-konformità	Pariri dwar prattika tajba
<p><i>1. Fi kmamar li fihom jiġu ppreparati, ittrattati jew ipproċessati oġġetti tal-ikel (esklużi ż-żoni fejn isir il-konsum tal-ikel u s-siti speċifikati fil-Kapitolu III, iżda b'inklużjoni tal-kmamar li jinsabu f'mezzi tat-trasport) id-disinn u t-tqassim għandhom jippermettu li jiġu implimentati prattiki tajba tal-ikel, li jinkludu l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni bejn u matul l-operazzjonijiet. B'mod partikolari:</i></p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tqis rekwiżiti speċifiċi li jikkorrispondu għat-tip ta' prodott konċernat.</p>	<p>Il-kuntratt li jsir bejn il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u n-negozji tal-ikel għandu jispeċifika min hu responsabbli għal</p> <ul style="list-style-type: none"> • tindif u disinfezzjoni, • manutenzjoni, • rinnovazzjoni.
<p><i>(a) Superfiċji tal-art għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba u għandhom jitnaddfu u, fejn meħtieġ, jiġu diżinfettati, mingħajr xkiel. Dan jeħtieġ l-użu ta' materjali mhux assorbenti, li jistgħu jinħaslu u li mhumiex tossiċi, sakemm l-</i></p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tuża materjali u metodi li huma konformi ma' dan ir-regolament.</p> <p>Is-superfiċji kollha għandhom ikunu ta' tip li ma jiżloqx. Materjali bħal madum tal-art, materjali tal-vinil tas-sigurtà mingħajr ġonturi li jintuża għall-art, terrazzo, raża epoxy, granolithic, eċċ jistgħu jintużaw, iżda fil-każijiet kollha għandhom ikunu ssiġillati b'mod perfett.</p>	<p>Fil-kuntest tat-tindif, huwa ovvju li ċertu tipi ta' attivitajiet jeħtieġu frekwenza għolja ħafna ta' tindif u diżinfekzjoni. Dan japplika b'mod partikolari fil-każ ta' żoni li fihom jiġu ppreparati l-laħam u l-ħut.</p> <p>Il-programm tat-tindif/tad-diżinfekzjoni, kemm jekk jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-</p>

Gwida għal prattika tajba għal awtoritajiet tas-swieq bl-ingrossa fl-UE – Abbozz rivedut, Novembru 2009 © 2003-2009 WUWM

<p><i>operaturi tan-negozju tal-ikel jistgħu jiggarrantixxu lill-awtorità kompetenti li materjali oħra li jintużaw huma xierqa. Fejn xieraq, l-art għandha tippermetti mezzi ta' skular adegwati;</i></p>	<p>L-art għandha tkun iddisinnjata b'mod li jiġi evitat li l-ilma jinġabar f'għadajjar jew li dan ma jimxix. F'postijiet fejn jista' jkun hemm tixrid sinifikanti tal-ilma jew fejn isir it-tindif bl-ilma, jistgħu jiġu pprovduti mezzi għall-iskluar tal-art. Livelli tal-art għandhom jinżlu lejn il-mezzi għall-iskluar tal-art.</p> <p>Kanali għandhom ikunu igglejżjati, jew magħmula miċ-ċeramika jew minn azzar li ma jissaddadx, b'siġilli tajba bejniethom u bejn il-wiċċ tal-art.</p> <p>Għotjien tal-katusi għandhom idealment ikunu tal-azzar li ma jissaddadx, ikollhom siġilli doppji u jkunu mwaħħla permezz ta' boltijiet.</p> <p>Katusi jistgħu jiġi mgħammra b'nases tax-xaħam u tal-grass biex fihom jinquadbu oġġetti aktar imdaqqa. Nases bħal dawn għandhom jiġu installati fuq in-naħa ta' barra ta' dawn il-kmamar.</p> <p>Il-katusi għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jipprevjenu l-aċċess ta' parassiti mis-sistema ewlenija tad-drenaġġ.</p>	<p>suq bl-ingrossa jew taħt dik ta' parti terza kontraenti, għandu jkun bil-miktub u għandu jinkludi dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Iż-żona: definizzjonijiet ċari taż-żoni li għandhom jiġu mnaddfa/diżinfettati, il-metodi li għandhom jintużaw, l-istandards preskritti u l-prekawzjonijiet kollha tas-saħħa u tas-sigurtà meħtieġa għal kull żona. • Il-frekwenza u t-tul tal-proċess tat-tindif/tad-dizinfekzjoni, xieraq għar-riskju, għal kull żona speċifikata. • Il-prodotti u l-materjali li għandhom jintużaw f'kull żona speċifikata inklużi d-dettalji dwar il-qawwa tal-kimiki, l-istruzzjonijiet tagħhom għall-użu u l-adegwatezza tagħhom għall-użu mal-ikel jew viċin tal-ikel. • Verifiki u rekords dwar il-frekwenza ta' applikazzjoni u l-effettività tal-istandards tat-tindif/tad-dizinfekzjoni f'kull żona. • Responsabbiltajiet: rekords tal-persuna responsabbli għat-twettiq tat-tindif/tad-dizinfekzjoni u għall-verifika tal-proċess. <p>L-amministrazzjoni għandha tivverifika u tikkonferma l-iskeda tat-tindif/tad-dizinfekzjoni (ara l-mudell tal-iskeda fl-Appendiċi A) u għandha thegħġegħ lill-persunal biex "inaddaf waqt ix-xogħol".</p>
<p>(b) Superfiċi tal-ħitan</p>	<p>Superfiċi tal-ħitan għandhom ikunu ta' kwalità li tikkonforma ma'</p>	<p>Ara l-kummenti li diġà saru fil-paragrafi I u II (a)</p>

<p><i>għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba u għandhom jitnaddfu u, fejn meħtieġ, jiġu diżinfettati, mingħajr xkiel. Dan jeħtieġ l-użu ta' materjali mhux assorbenti, li jistgħu jinħaslu u li mhumiex tossiċi, sakemm l-operaturi tan-negozju tal-ikel jistgħu jiggarantixxu lill-awtorità kompetenti li materjali oħra li jintużaw huma xierqa.</i></p>	<p>dan ir-rekwiżit. Dan jinkludi ġibs miżbugħ, raża epoxy, PVC, GRP u metodi simili ta' kisi, madum taċ-ċeramika, folji tal-azzar li ma jissaddadx u plastisol, panewijiet ta' iżolazzjoni, eċċ. superfiċji li ssirilhom ħsara jew li jinkisru għandhom jissewwew jew jinbidlu immedjatament jew mal-ewwel okkażjoni xierqa.</p> <p>Il-ġonturi kollha bejn l-art u l-ħitan u l-kantunieri tal-ħitan vertikali għandu jkollhom gavda (b'forma konkava) u ssiġillati b'mod effettiv biex jiffaċilita t-tindif.</p> <p>Meta jintuża kisi b'folji, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-ġonot jiġu ssiġillati b'mod effettiv.</p> <p>Is-superfiċji kollha u, b'mod partikolari, il-kantunieri vertikali, għandhom jiġu protetti kontra ħsara fiżika.</p>	<p>u (b).</p>
<p>(c) Soqfa (jew, fejn ma jkunx hemm soqfa, in-naħa ta' ġewwa tas-saqaf) u tagħmir installat fl-għoli għandhom jinbnew u jiġu rfinuti b'mod li tiġi evitata l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ u jitnaqqsu l-kondensazzjoni, it-tkabbir ta' moffa mhux mixtieqa u t-twaqqiġ ta' frak;</p>	<p>Is-soqfa għandhom jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u għandhom jitfasslu b'mod li jippermetti li jseħħ it-tindif perjodiku effettiv.</p> <p>Is-superfiċji kollha għandhom ikunu ta' tip li jippermetti li jsir it-tindif.</p> <p>Materjali li jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit jinkludu ġibs miżbugħ, sistemi fissi ta' armar, soqfa sospiżi, plastisol u panewijiet iżolati.</p> <p>L-użu ta' madum tal-polistirene jew tal-fibra mhuwiex rakkomandat minħabba li dan il-materjal huwa diffiċli biex jiġi ssiġillat sew. Oġġetti tal-azzar esposti għandhom ikunu ssiġillati b'mod xieraq.</p> <p>Is-soqfa sospiżi kollha għandu jkollhom aċċess għal skopijiet ta' monitoraġġ tal-parassiti.</p> <p>L-għażla tal-materjal, id-disinn tas-saqaf u l-proprjetajiet ta' iżolament jistgħu jkunu importanti biex jgħinu biex titnaqqas il-kondensazzjoni.</p>	<p>L-istess kummenti msemmija diġà fil-paragrafi I u II (a).</p> <p>Soqfa u tagħmir installat fl-għoli għandhom ikunu suġġetti għal pjan ta' tindif/diżinfezzjoni.</p> <p>Superfiċji miżbugħin għandhom ikunu ta' kwalità ta' grad xieraq għall-użu mal-ikel.</p> <p>(Ara wkoll il-kummenti fil-Kapitolu I Nru 2 b)</p> <p>Is-siti għandhom jiġu mmonitorjati b'mod regolari għal tnixxijiet, tagħmir laxk eċċ. biex jitnaqqas iċ-ċans li jbejtu fihom il-parassiti.</p> <p>Għandu jiġi żgurat li dawn iż-żoni jiġu eżaminati</p>

	<p>F'ħafna każijiet il-materjali msemmija hawn fuq jipprovdu superfiċje aċċettabbli, basta jkunu fi stat tajjeb ta' tiswija.</p> <p>Ventilazzjoni adegwata u użu xieraq ta' materjali għandhom jitqiesu bħala li huma ta' importanza kbira waqt li tkun qed tiġi ddisinjata struttura.</p> <p>Għandha ssir manutenzjoni perjodika tas-soqfa biex titneħħa l-moffa u kwalunkwe tip ieħor ta' frak jew oġġetti oħra li jistgħu jaqgħu fl-ikel. Jekk ikun hemm il-moffa fuq is-sit, din għandha titneħħa kif u meta meħtieġ.</p> <p>Armar tad-dawl għandu jkun mgħammar b'diffużuri. Meta jkun meħtieġ, għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet adegwati għall-manutenzjoni u t-tindif tas-soqfa. Huwa rakkomandat li jiġu installati twieqi fissi fi kmamar fejn issir il-preparazzjoni tal-ikel.</p>	<p>mill-kuntrattur tal-kontroll tal-parassiti.</p>
<p>(d) Twieqi u fetħiet oħrajn għandhom jinbnew b'mod li jipprevjenu l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ. Dawk li jagħtu għal barra u li jistgħu jinfetħu għandhom, fejn meħtieġ, ikunu mgħammra bi skrins kontra l-insetti li jistgħu jitneħħew faċilment għat-tindif. Fejn twieqi miftuħa jistgħu jikkawżaw kontaminazzjoni, it-twieqi għandhom jinżammu magħluqa waqt il-produzzjoni;</p>	<p>It-twieqi kollha li jinfetħu li jinsabu f'żoni fejn issir il-preparazzjoni tal-ikel għandhom ikunu mgħammra bi skrins adegwati meta dawn jinfetħu waqt li tkun qed isseħħ il-preparazzjoni tal-ikel. Dawn l-iskrins huma meħtieġa biex jiġu evitati riskji ta' infestazzjoni u/jew kontaminazzjoni.</p> <p>L-iskrins għandhom ikunu tat-tip magħmul minn materjali reżistenti xierqa, idealment b'bordura tal-plastik jew tal-aluminju b'malja tal-plastik jew tal-azzar li ma jissaddax.</p> <p>Jekk jinġabar il-ħmieġ fuq l-iskrins kontra l-insetti, dan jista' jippreżenta riskju ta' kontaminazzjoni tal-ikel u għalhekk l-iskrins għandhom ikunu ta' tip li jitneħħa faċilment għat-tindif.</p>	<p>Ara l-kummenti li diġà saru fil-paragrafi I u II (a).</p> <p>Skrins kontra l-insetti għandhom ikunu suġġetti għal pjan ta' tindif/diżinfestazzjoni.</p> <p>Twieqi tal-ħmieġ f'żoni tal-ipproċessar u tal-ippakkjar għandhom ikunu protetti kontra l-ksur ta' ħmieġ.</p>
<p>(e) Il-bibien għandhom ikunu ta' tip li jtnaddaf u, fejn meħtieġ, jiġi diżinfettat, mingħajr xkiel. Dan jeħtieġ l-</p>	<p>Il-bibien kollha li magħhom jiġi f'kuntatt il-persunal li jimmaniġġja l-ikel għandhom ikunu ta' tip li jista' jtnaddaf u jiġi diżinfettat bla xkiel. Dan japplika wkoll għall-partijiet varji tal-bibien, bħall-pjanċi u l-pumi.</p>	<p>L-istess kummenti msemmija diġà fil-paragrafi I u II (a).</p> <p>Il-bibien għandhom ikunu suġġetti għal pjan ta'</p>

<p><i>użu ta' materjali mhux assorbenti, li jistgħu jinħaslu u li mhumiex tossiċi, sakemm l-operaturi tan-negozju tal-ikel jistgħu jiggarrantixxu lill-awtorità kompetenti li materjali oħra li jintużaw huma xierqa.</i></p>	<p>Il-bibien għandhom ikunu tat-tip li jagħlaq mingħajr ma jħalli spazju, biex jiġu evitati kantunieri jew partijiet oħra li fihom jista' jinġabar il-ħmieġ. Bibien li jitbandlu, li mhumiex magħmula minn PVC jew minn materjal simili, għandhom ikunu mgħammra bi pjanċi għall-imbutter bl-idejn jew bis-saqajn minflok b'pumi.</p> <p>Finituri tal-bibien li jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit jinkludu injam miżbugħ, metall miżbugħ, plastik u PVC</p> <p>Huwa permissibbli wkoll injam miksi b'materjal xieraq reżistenti għall-ilma bħall-PVC, GRP jew folji ta' materjal bi proprjetajiet simili. Injam mhux issiġillat ma jitqies bħala li hu konformi. Injam verniċjat mhuwiex rakkomandat</p> <p>Il-qafas tal-bibien ukoll għandu jkun mibni bil-finitura meħtieġa, pereżempju b'finitura lixxa u mhux assorbenti. Jekk il-bibien ikunu mgħammra bi twieqi zġhar, il-materjal li jintuża għandi jkun ta' tip li ma jinkisirx. Meta jintuża l-ħġieġ, dan għandu jkun ta' tip imsaħħaħ.</p> <p>Jekk jintuża materjal għall-kisi tal-bibien, dan għandu jkun issiġillat u mwaħħal sew mas-superfiċje biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni.</p>	<p>tindif/diżinfazzjoni.</p> <p>Il-bibien għandu jkollhom superfiċji xierqa, li huma reżistenti għall-ilma u li huma faċli biex jitnaddfu. Il-bibien kollha għandhom jinżammu fi stat tajjeb ta' tiswija.</p> <p>L-użu tal-materjali u tal-finituri kollha għandu jkun suġġett għal konsiderazzjoni bir-reqqa tal-adegwatezza tar-rendiment tekniku tagħhom għall-għan maħsub.</p>
<p><i>(f) Superfiċji (inklużi s-superfiċji tat-tagħmir) f'żoni fejn jiġi mmaniġġjat l-ikel u b'mod partikolari f'żoni li jiġu f'kuntatt mal-ikel għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba u għandhom jitnaddfu u, fejn meħtieġ, jiġu diżinfettati, mingħajr xkiel. Dan jeħtieġ l-</i></p>	<p>Dan ir-regolament ikopri s-superfiċji u t-tagħmir għall-preparazzjoni tal-ikel li jiġu f'kuntatt mal-ikel.</p> <p>Dan it-tagħmir normalment ikun proprjetà privata ta' min ikun qed jagħmel użu mis-sit.</p> <p>Huwa biss meta jkun imsemmi b'mod speċifiku li l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tkun responsabbli għat-tip ta' tagħmir li jkun ġie installat jew għas-superfiċji u l-partijiet tat-tagħmir li jiġu f'kuntatt mal-ikel</p>	<p>Superfiċji konformi ma' dan ir-rekwiżit jinkludu dawk tal-azzar li ma jissaddadx, tal-plastik li jista' jintuża għall-ikel u taċ-ċeramika..</p> <p>Għandu jiġi evitat li oġġetti jew superfiċji tal-plastik bħall-polypropylene jiġu tant migrufa jew imlaqqxa li ma jkunux jistgħu jitnaddfu jew jiġu diżinfettati.</p>

użu ta' materjali lixxi, li jistgħu jinħaslu, li huma reżistenti għall-korrużjoni u li mhumiex tossiċi, sakemm l-operaturi tan-negozju tal-ikel jistgħu jiggarrantixxu lill-awtorità kompetenti li materjali oħra li jintużaw huma xierqa.

Injam mhux issiġillat (ħlief fil-każ ta' blokko għat-tqattigħ tal-laħam li jistgħu jtnaddfu b'mod effettiv) m'għandu jintuża għal ebda għan.

Superfiċċi (inklużi s-superfiċċi tat-tagħmir) f'żoni fejn jiġi mmaniġġjat l-ikel u b'mod partikolari f'żoni li jiġu f'kontatt mal-ikel għandhom ikunu suġġetti għal pjan ta' tindif/diżinfekzjoni.

Il-programm tat-tindif/tad-diżinfekzjoni għandu jkun bil-miktub u għandu jinkludi dan li ġej:

- definizzjoni taż-żona li għandha tiġi mnaddfa / diżinfettata,
 - il-prodotti u l-materjali li għandhom jintużaw u s-saħħa kimika tagħhom,
 - l-istruzzjonijiet tagħhom għall-użu,
 - l-adekwatezza għall-użu mal-ikel,
 - il-frekwenza u t-tul tal-programmi tat-tindif/tad-diżinfekzjoni
 - metodu u standard meħtieġ, jew
 - verifika tal-effettività tat-tindif u l-frekwenza xierqa għar-riskju,
 - il-prekawzjonijiet relatati mas-saħħa u mas-sigurtà,
 - isem il-persuna responsabbli għat-tindif,
 - isem il-persuna responsabbli għall-verifika,
- Jekk l-attivitajiet relatati mat-tindif jingħataw bħala kariga b'kuntratt lil parti terza, huwa essenzjali li l-kuntratt jinkludi r-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

L-amministrazzjoni għandha tivverifika u

		<p>tikkontrafirma l-iskeda tat-tindif/tad-dizinfazzjoni (ara l-mudell tal-iskeda fl-Appendiċi A) u għandha thegħeġ lill-persunal biex "inaddaf waqt ix-xogħol".</p>
<p>2. <i>Għandhom jiġu pprovduti, meta meħtieġ, faċilitajiet adegwati għat-tindif, id-dizinfazzjoni u l-ħażna ta' għodda u apparat tax-xogħol. Dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu magħmula minn materjali reżistenti għall-korrużjoni, għandhom jippermettu tindif bla xkiel u jkollhom forniment adegwat ta' ilma sħun u kiesaħ.</i></p>	<p>Kif ġie msemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, tagħmir u għodda ġeneralment ikunu l-proprjetà privata tan-negozji tal-ikel.</p> <p>Madankollu, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ġeneralment tkun responsabbli għall-forniment ta' sinkijiet. Meta dan ikun il-każ, huwa rrakkomandat li jintuża azzar li ma jissaddax.</p> <p>Vit singolu tal-ilma huwa aċċettabbli, kif inhu wkoll ilma fornut b'temperatura regolata minn provvista permezz ta' pajp jew minn unità għat-tiġin.</p> <p>F'ċertu każijiet il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tista' tipprovdi sterilizzaturi tal-għodda u/jew magni għat-tnixxif bl-arja. Dan it-tagħmir għandu jkun ta' kostruzzjoni dewwiema u għandu jkun reżistenti għall-korrużjoni.</p>	<p>Protokollu relatati mat-tindif ġeneralment huma r-responsabbiltà tan-negozju tal-ikel sakemm ma jiġix stabbilit li huma r-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa skont kuntratt jew skont ir-Regolamenti tas-Suq stess.</p> <p>Il-programm tat-tindif/tad-dizinfazzjoni, kemm jekk jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jew taħt dik ta' parti terza kontraenti, għandu jkun bil-miktub u għandu jinkludi dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> • <u>Iż-żona:</u> definizzjonijiet ċari taż-żoni li għandhom jiġu mnaddfa/diżinfettati, il-metodi li għandhom jintużaw, l-istandards preskritti u l-prekawzjonijiet kollha tas-saħħa u tas-sigurtà meħtieġa għal kull żona. • <u>Il-frekwenza u t-tul tal-proċess</u> tat-tindif/tad-dizinfazzjoni, xieraq għar-riskju, għal kull żona speċifikata. • <u>Il-prodotti u l-materjali li għandhom jintużaw</u> f'kull żona speċifikata inklużi d-dettalji dwar il-qawwa tal-kimiki, l-istruzzjonijiet tagħhom għall-użu u l-adegwatezza tagħhom għall-użu mal-ikel jew viċin tal-ikel. • <u>Verifiki u rekords</u> dwar il-frekwenza ta'

		<p>applikazzjoni u l-effettività tal-istandards tat-tindif/tad-diżinfezzjoni f'kull żona.</p> <ul style="list-style-type: none"> • Responsabbiltajiet: rekords tal-persuna responsabbli għat-twettiq tat-tindif/tad-diżinfezzjoni u għall-verifika tal-proċess. <p>Il-faċilitajiet għandhom jiġu ddisinjati, mibnija u miżmuma biex jipprevjenu r-riskju ta' kontaminazzjoni</p>
<p><i>Fejn meħtieġ, għandha ssir dispożizzjoni adegwata rigward il-ħasil tal-ikel. Kull sink jew faċilità oħra simili għall-ħasil tal-ikel għandu jkollu provvista adegwata ta' ilma sħun u / jew kiesaħ tajjeb għax-xorb b'konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu VII, għandu jinżamm nadif u, meta meħtieġ, jiġi diżinfettat.</i></p>	<p>Għandhom jiġu pprovduti sinkijiet separati għall-preparazzjoni tal-ikel u għall-ħasil ta' tagħmir.</p> <p>Fi stabbilimenti żgħar, jista' jintuża sink wieħed għall-ħasil tal-ikel u l-ħasil tat-tagħmir, bil-kundizzjoni li ż-żewġ attivitajiet jistgħu jsiru b'mod effettiv u mingħajr preġudizzju għas-sikurezza tal-ikel (is-sinkijiet għandhom jitnaddfu u jiġu diżinfettati qabel ma jintużaw għall-preparazzjoni tal-ikel).</p> <p>Vit singolu tal-ilma huwa aċċettabbli, kif inhu wkoll ilma fornut b'temperatura regolata minn provvista permezz ta' pajp jew minn unità għat-tisħin.</p>	<p>Is-sinkijiet għandhom ikunu suġġetti għal pjan ta' tindif/diżinfezzjoni.</p>

KAPITOLU V: REKWIŻITI TAT-TAGĦMIR

Rekwiżit legali	Gwida għall-konformità	Pariri dwar prattika tajba
<p><i>1. L-oġġetti, l-armor u l-apparat li jiġi f'kuntatt mal-ikel għandhom:</i></p> <p><i>(a) Jitnaddfu b'mod effettiv u, meta meħtieġ, jiġu diżinfettati. It-tindif u d-dizinfazzjoni għandhom isiru b'mod frekwenti biżżejjed li jservi biex jiġi evitat kull riskju ta' kontaminazzjoni;</i></p> <p><i>(b) Ikunu maħduma, magħmulin minn materjali u għandhom jinżammu fi stat ta' ordni tajjeb u fi stat tajjeb ta' tiswija u f'kundizzjoni biex jitnaqqas kemm jista' jkun kull riskju ta' kontaminazzjoni;</i></p> <p><i>(c) Bl-eċċezzjoni ta' reċipjenti li ma jistgħux jiġu mogħtija lura u ta' materjal għall-imbagg, għandhom ikunu magħmulin minn materjali u għandhom jinżammu fi stat ta' ordni tajjeb u fi stat tajjeb ta' tiswija u f'kundizzjoni, li jippermettu li</i></p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ġeneralment mhijiex responsabbli għal tagħmir ta' dan it-tip.</p> <p>F'każ li jkun hemm ftehim rigward responsabbiltà dwar it-tagħmir kif jista' jiġi ddikjarat fil-kuntratt li jsir bejn il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u negozji oħra tal-ikel, għandhom japplikaw il-pariri li jinsabu fil-kolonna tal-lemin.</p>	<p>Ġeneralment ikunu biss in-negozji tal-ikel li joperaw fis-suq li jkunu responsabbli għal tagħmir ta' dan it-tip.</p> <p>It-tagħmir rilevanti kollu għandu jkun suġġett għal pjan ta' tindif/dizinfazzjoni</p> <p>Il-frekwenza tat-tindif u d-dizinfazzjoni tiddependi fuq il-grad ta' riskju.</p> <p>Il-programm tat-tindif/tad-dizinfazzjoni, kemm jekk jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jew taħt dik ta' parti terza kontraenti, għandu jkun bil-miktub u għandu jinkludi dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> • <u>Żona</u>: definizzjonijiet ċari taż-żoni li għandhom jiġu mnaddfa/diżinfettati, il-metodi li għandhom jintużaw, l-istandards preskritti u l-prekawzjonijiet kollha tas-saħħa u tas-sigurtà meħtieġa għal kull żona. • <u>Frekwenza u tul</u> tal-proċess tat-tindif/tad-dizinfazzjoni, xieraq għar-riskju, għal kull żona speċifikata. • <u>Il-prodotti u l-materjali li għandhom jintużaw</u> f'kull żona speċifikata inklużi d-

<p><i>dawn jinżammu nodfa u, fejn meħtieġ, jiġu diżinfettati; u</i></p> <p>(d) Għandhom jiġu installati b'mod li jippermetti t-tindif xieraq tat-tagħmir u taż-żona tal-madwar.</p>		<p>dettalji dwar is-qawwa tal-kimiki, l-istruzzjonijiet tagħhom għall-użu u l-adegwatezza tagħhom għall-użu mal-ikel jew viċin tal-ikel.</p> <ul style="list-style-type: none"> • Verifiki u rekords dwar il-frekwenza ta' applikazzjoni u l-effettività tal-istandards tat-tindif/tad-diżinfezzjoni f'kull żona. • Responsabbiltajiet: rekords tal-persuna responsabbli għat-twettiq tat-tindif/tad-diżinfezzjoni u għall-verifika tal-proċess. <p>L-amministrazzjoni għandha tivverifika u tikkontrafirma l-iskeda tat-tindif/tad-diżinfezzjoni (ara l-mudell tal-iskeda fl-Appendiċi A) u għandha tħeġġeġ lill-persunal biex "inaddaf waqt ix-xogħol".</p> <p>It-tagħmir għandu jiġi integrat fl-iskedi tal-manutenzjoni.</p>
<p>2. Fejn meħtieġ, it-tagħmir għandu jiġi mgħammar bi kwalunkwe apparat ta' kontroll xieraq biex jiġi żgurat li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament jitwettqu.</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ġeneralment mhijiex responsabbli għal tagħmir ta' dan it-tip.</p>	<p>Ġeneralment ikunu biss in-negozji tal-ikel li joperaw fis-suq li jkunu responsabbli għal tagħmir ta' dan it-tip.</p>
<p>3. Fejn għandhom jintużaw addittivi kimiċi biex tiġi evitata l-korrużjoni ta' tagħmir u kontenituri, dawn għandhom jintużaw b'konformità ma'</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ġeneralment mhijiex responsabbli għal tagħmir ta' dan it-tip.</p>	<p>Ġeneralment ikunu biss in-negozji tal-ikel li joperaw fis-suq li jkunu responsabbli għal tagħmir ta' dan it-tip.</p>

<i>prattika tajba.</i>		
------------------------	--	--

KAPITOLU VI: SKART TAL-IKEL

Rekwiżit legali	Gwida għall-konformità	Pariri dwar prattika tajba
<p>1. Skart tal-ikel, prodotti sekondarji mhux tajbin għall-ikel u skart ieħor għandu jitneħħa minn kmamar fejn jinsab l-ikel kemm jista' jkun malajr, sabiex jiġi evitat li dan jakkumula.</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa hija involuta b'mod dirett f'dak li jirrigwarda l-preżenza tal-iskart f'żoni pubbliċi. Għalhekk, f'postijiet strateġiċi madwar is-suq għandhom jitqiegħdu kontenituri tal-iskart, li għandhom jiġu mmarkati b'mod xieraq li jindika l-użu tagħhom għal "skart tal-ikel <i>għajr dak li joriġina mill-annimali</i>" jew għal "skart" biss.</p> <p>Ġeneralment, anki l-forniment ta' faċilitajiet għat-tneħħija tal-iskart tal-ikel u skart ieħor jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.</p> <p>Madankollu, skart tal-ikel li joriġina mill-annimali li jiġi prodott min-negozji tal-ikel huwa r-responsabbiltà diretta tal-istess negozji tal-ikel.</p> <p>Fi kwalunkwe każ, skart u/jew affarijiet oħra li għandhom jintremew m'għandhomx jiġu maħżuna b'mod li jgħibu l-parassiti [ara l-Kapitolu I.2 (c)].</p> <p>Fil-każ ta' skart li mhux skart tal-ikel li joriġina mill-annimali, il-kuntratt li jsir bejn in-negozji tal-ikel u l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandu jispeċifika:</p> <ul style="list-style-type: none"> • il-mod ta' kif jinġabar l-iskart (direttament min-negozji tal-ikel, minn punti ċentrali ta' għbir speċifikati eċċ); • isem s-sid jekk għandhom jintużaw tipi speċifikati ta' kontenituri; • min jipprovdi l-kontenituri; 	<p>Skart tal-ikel li joriġina mill-annimali u tipi oħra ta' skart għandhom jintremew f'kontenituri separati.</p> <p>Skont ir-regolamenti attwali, skart tal-ikel li joriġina mill-annimali huwa responsabbiltà diretta tal-operatur tan-negozju tal-ikel. Skart tal-ikel li joriġina mill-annimali għandu jintrema f'kontenituri apposta mill-operatur tan-negozju tal-ikel u għandu jitneħħa kif meħtieġ, iżda mill-inqas darba kuljum.</p> <p>It-tneħħija ta' skart tal-ikel li joriġina mill-annimali għandha tiġi ttrattata b'mod dirett mill-operatur tan-negozju tal-ikel, li għandu jagħmel użu tas-servizzi ta' kumpaniji speċjalizzati.</p> <p>Il-programm tat-tindif/tad-diżinfezzjoni, kemm jekk jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa jew taħt dik ta' parti terza kontraenti, għandu jkun bil-miktub u għandu jinkludi dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Żona: definizzjonijiet ċari taż-żoni li għandhom jiġu mnaddfa/dizinfezzjati, il-metodi li għandhom jintużaw, l-istandards preskritti u l-prekawzjonijiet kollha tas-saħħa u tas-

	<ul style="list-style-type: none"> • minn għandu jieħu ħsieb it-tindif u d-dizinfazzjoni tal-kontenituri. • fil-każ ta' għbir ta' skart magħżul, il-metodu ta' għbir li jintuża u l-kulur tal-kontenituri li għandhom jintużaw, kif ukoll il-frekwenza u l-ħinijiet tal-għbir; • kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż għal din l-attività bejn in-negozji tal-ikel u l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa. 	<p>sigurtà meħtieġa għal kull żona.</p> <ul style="list-style-type: none"> • <u>Frekwenza u tul</u> tal-proċess tat-tindif/tad-dizinfazzjoni, xieraq għar-riskju, għal kull żona speċifikata. • <u>Il-prodotti u l-materjali li għandhom jintużaw</u> f'kull żona speċifikata inklużi d-dettalji dwar is-qawwa tal-kimiki, l-istruzzjonijiet tagħhom għall-użu u l-adegwatezza tagħhom għall-użu mal-ikel jew viċin tal-ikel. • <u>Verifiki u rekords</u> dwar il-frekwenza ta' applikazzjoni u l-effettività tal-istandards tat-tindif/tad-dizinfazzjoni f'kull żona. • Responsabbiltajiet: rekords tal-persuna responsabbli għat-twettiq tat-tindif/tad-dizinfazzjoni u għall-verifika tal-proċess.
<p>2. Skart tal-ikel, prodotti sekondarji mhux tajbin għall-ikel u skart ieħor għandu jittieqgħed f'kontenituri li jingħalqu, sakemm l-operaturi tan-negozju tal-ikel jistgħu juru lill-awtorità kompetenti li tipi oħra ta' kontenituri jew sistemi oħra ta' evakwazzjoni li jintużaw huma xierqa. Dawn il-kontenituri għandhom ikunu mibnija b'mod xieraq, għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba u</p>	<p>L-iskart u/jew materjal ieħor li għandu jintrema m'għandux jiġi maħżun b'tali mod li jgħib parassiti</p> <p>Is-superfiċji ta' ġewwa u ta' barra ta' kontenituri tal-iskart li jintużaw ripetutament għandhom ikunu ta' tip li jista' jtnaddaf u għandhom jinżammu fi stat tajjeb ta' tiswija.</p> <p>Fil-każ ta' negozji li jipproduċu biss skart niexef bħal imballaġġ, ma jenħtieġ li l-kontenituri tal-iskart jinżammu magħluqa.</p> <p>Fil-każ ta' skart likwidu mhux konness b'mod dirett mas-sistemi prinċipali tad-drenaġġ, għandhom jintużaw tankijiet tal-ħażna (kontenituri tal-iskart u tankijiet tal-iskart għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar). F'kull każ għandhom jittieqgħdu passi xierqa biex ma</p>	<p>Boroż tal-plastik li jittieqgħdu fil-kontenituri tal-iskart jiffaċilitaw it-tneħħija tal-iskart u t-tindif tal-kontenituri. Meta l-iskart jittieqgħed f'żona ta' ħażna ċentrali, xkejjer tal-plastik għandhom jittieqgħdu f'kontenituri magħluqin li ma jistgħux jidħlu fihom annimali gerriema u għasafar.</p> <p>F'żoni fejn jiġi mmaniġġjat ikel mhux ippakkjat, il-kontenituri tal-iskart għandu jkollhom għotjien li jistgħu jinfetħu bis-saqajn, bl-irkoppa jew bil-minkeb.</p>

<p><i>għandhom jitnaddfu u, fejn meħtieġ, jiġu diżinfettati, mingħajr xkiel.</i></p>	<p>jsirx tniġġis tal-ambjent.</p>	
<p>3. Għandhom isiru provvedimenti xierqa għall-ħżin u r-rimi ta' skart tal-ikel, prodotti sekondarji mhux tajbin għall-ikel u skart ieħor. L-imħażen għall-iskart għandhom ikunu ddisinjati u amministrati b'tali mod li jinżammu nodfa u, fejn meħtieġ, ħielsa minn annimali u parassiti</p>	<p>Meta l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tipprovdi imħażen ċentrali għall-iskart, dawn għandhom:</p> <ul style="list-style-type: none"> • jinżammu nodfa u fi stat tajjeb ta' ordni permezz ta' ħasil regolari tal-fetħiet ta' żrieżaq u tal-art madwar iż-żrieżaq, skips, kontenituri tal-iskart u superfiċji u tagħmir ieħor li jitħammeġ; • jiġu ġestiti u sorveljati b'tali mod li jiġi żgurati li jinżammu nodfa u jintużaw kif suppost; • jinżammu ħielsa minn parassiti bħal annimali gerriema, għasafar, karnivori, artropodi, eċċ. Kontenituri tal-iskart għandhom jingħalqu u żoni fejn jitħaddem tagħmir għall-ikkumpressar tal-iskart għandhom ikunu fiżikament separati mill-postijiet fejn ikun qed jiġi maħżun jew ippreparat l-ikel. Kull akkomodazzjoni għandha tkun protetta kontra l-aċċess mill-parassiti. Għandu jitwettagħ tindif regolari. 	<p>Imħażen ċentrali għall-iskart għandhom ikunu suġġetti għal pjan ta' tindif/diżinfezzjoni.</p> <p>(Ara wkoll in-noti li ssir referenza għalihom fil-Kapitolu I Nru 1, 'Tindif')</p>
<p>4. L-iskart kollu għandu jiġi eliminat b'mod iġjeniku u li ma jikkawżax ħsara lill-ambjent</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, meta tkun responsabbli għat-tneħħija tal-iskart u ta' materjal li għandu jintrema, għandha tiegħu l-prekawzjonijiet kollha possibbli biex tnaqqas kemm jista' jkun ir-</p>	

<p><i>skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti applikabbli u m'għandux jikkostitwixxi sors dirett jew indirett ta' kontaminazzjoni.</i></p>	<p>riskju tat-tniġġis tal-ambjent.</p> <p>Ir-riċiklaġġ tal-iskart (kartun, kaxxi tal-injam, pallets, kompostar ta' skart veġetali, eċċ), meta prattikabbli, huwa preferibbli għall-ħruq.</p> <p>Meta l-iskart jinħaraq fuq is-sit, l-emissjonijiet ta' gassijiet għandhom ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.</p> <p>Skart likwidu m'għandux imur direttament fis-sistema prinċipali tad-drenaġġ mingħajr ma jsir ftehim minn qabel mal-awtorità rilevanti.</p>	
--	--	--

KAPITOLU VII: IL-PROVVISTA TAL-ILMA

Rekwiżit legali	Gwida għall-konformità	Pariri dwar prattika tajba
<p>1. a) Għandu jkun hemm forniment xieraq ta' ilma tajjeb għax-xorb li għandu jintuża kull meta jkun meħtieġ, biex jiġi żgurat li oġġetti tal-ikel ma jiġux kontaminati;</p> <p>b) Ilma nadif jista' jintuża għal prodotti tas-sajd li jkun għandhom ma ġewx imqatta'. Ilma baħar nadif jista' jintuża għal molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin; ilma nadif jista' jintuża wkoll għall-ħasil fuq barra. Meta jintuża ilma ta' dan it-tip, għandu jkun hemm disponibbli faċilitajiet xierqa għall-forniment.</p>	<p>Meta l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tkun responsabbli għall-provvista tal-ilma għan-negozji tal-ikel, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli provvista adegwata ta' ilma għax-xorb.</p> <p>Għandu jitwettaq monitoraġġ regolari tal-kwalità tal-ilma, sabiex jiġi verifikat li l-ilma disponibbli għan-negozji tal-ikel jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 98/83/KE.</p> <p>Ilma tax-xorb għandu jintuża għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> • ħasil tal-idejn; • ħasil tal-ikel, meta meħtieġ; • użu f'ikel u xorb; • tisjir ta' ikel; • tindif ta' tagħmir tal-ikel; • tindif ta' superfiċji li jiġu f'kontatt ma' ikel jew mal-idejn għal-persunal li jimmaniġġja l-ikel; • kull operazzjoni oħra li tinvolvi riskju ta' kontaminazzjoni ta' oġġetti tal-ikel. <p><i>Għandu jiġi nnotat li permezz ta' deroga l-ilma nadif jista' jintuża għall-prodotti kollha tas-sajd sal-31 ta' Diċembru 2009 (Regolament (KE) Nru 2076/2005 li jistipula arranġamenti tranżizzjonali.</i></p> <p>F'ħafna każijiet, il-provvista ta' ilma baħar għal operaturi tan-negozji tal-ikel ma tikkonċernax il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.</p>	<p>Għalkemm wieħed jista' jassumi li l-ilma tajjeb għax-xorb, kif speċifikat fid-Direttiva 98/83/KE, huwa pprovdut mill-kumpaniji kollha tal-ilma, hija prattika tajba li jiġi żgurat li l-kwalità tal-ilma tiġi ttestjata minn laboratorju approvat fuq bażi annwali. Jista' jenħtieġ li l-adegwatezza tal-ilma tax-xorb tiġi ttestjata aktar ta' spiss jekk isiru interruzzjonijiet jew tibdiliet lill-provvista.</p> <p>Għandhom jittieħdu kampjuni f'postijiet speċifiċi skont l-importanza tal-provvista tal-ilma u b'tali mod li dawn ikunu rappreżentattivi tal-kwalità tal-ilma li jkun ġie kkonsmat matul is-sena.</p> <p>Meta l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tkun responsabbli, għandu jiġi implimentat programm ta' manutenzjoni adegwat biex jiġi żgurat li sistemi tat-tiġin tal-ilma u s-sistemi tat-taħlit tal-ilma jinżammu fi stat tajjeb</p> <p>Meta jintużaw filtri jew apparat biex tinaqqas l-għebusija tal-ilma, għandhom jitwettqu monitoraġġ u manutenzjoni regolari skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, inkluż fil-każ tal-bdil ta' filtri.</p>

<p>2. Meta jintuża ilma mhux tajjeb għax-xorb, pereżempju għall-kontroll tan-nirien, il-produzzjoni tal-fwar, ir-refriġerazzjoni u skopijiet simili oħra, dan għandu jiċċirkola f'sistema separata identifikata skont kif meħtieġ. L-ilma mhux tajjeb għax-xorb m'għandux jiġi konness ma' u m'għandux jitħalla jidħol lura mill-ġdid f'sistemi tal-ilma tax-xorb.</p>	<p>Għandu jkun ipprobit il-forniment tal-ilma mhux tajjeb għax-xorb għal ġo żoni fejn issir il-preparazzjoni tal-ikel.</p> <p>Ċertu applikazzjonijiet bħal pajpijiet għat-tifi tan-nar jew sistemi ta' bexxiexa li jistgħu' jużaw ilma mhux tajjeb għax-xorb għandhom jiġu mmarkati b' mod ċar bħala tali.</p> <p>Huwa rakkomandat li jintużaw kodiċijiet bil-kulur biex jiġu identifikati sistemi tal-ilma tajjeb għax-xorb u sistemi tal-ilma mhux tajjeb għax-xorb.</p>	<p>Jekk tintuża l-istess provvista ewlenija tal-ilma għas-servizzi tat-tindif u għal servizzi anċillari, bħal sistemi ta' bexxiexa, pajpijiet għat-tifi tan-nar eċċ, ma' dawn is-sistemi għandha titwaħħal valvola bla ritorn biex jiġi żgurat li ma jseħħx fluss lura tal-ilma. Għandhom jintwerew b' mod prominenti tabelli u sinjali xierqa li juru ir-restrizzjoni tal-użu ta' sistemi ta' dan it-tip.</p>
<p>3. Ilma riċiklat li jintuża fl-ipproċessar jew bħala ingredjent m'għandux jippreżenta riskju ta' kontaminazzjoni. Dan għandu jkun tal-istess livell tal-ilma tajjeb għax-xorb, sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-kwalità tal-ilma ma tistax taffettwa l-kwalità tal-oġġett tal-ikel fil-forma aħħarija tiegħu.</p>	<p>Fil-każ ta' ilma riċiklat li jintuża mill-operaturi tan-negozji tal-ikel, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tispeċifika li ilma ta' dan it-tip għandu jitqiegħed taħt ir-responsabbiltà unika tan-negozji tal-ikel konċernati.</p> <p>Fil-każijiet kollha, m'għandu jkun hemm l-ebda possibbiltà li l-ilma riċiklat jiġi konness mal-provvista prinċipali tal-ilma.</p>	<p>Għalkemm huwa preżunt li ilma ta' dan it-tip huwa ta' kwalità tajba għax-xorb, l-ilma riċiklat użat għall-ipproċessar jew bħala ingredjent ikun fih elementi bijoloġiċi, kimiċi u fiżiċi, li l-konċentrazzjoni tagħhom tkompli tiżdied maż-żmien.</p> <p>Għandha tingħata attenzjoni speċjali mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa meta dan l-ilma riċiklat jitqiegħed fis-sistema tad-drenaġġ, billi jista' jkun sors ta' tniġġis. Għaldaqstant, in-negozji tal-ikel għandhom iħallsu biex dan l-ilma jgħaddi minn trattament xieraq qabel ma jiddaħħal fis-sistema tad-drenaġġ. Jekk ma jkunx possibbli li dan it-trattament isir, għandu jsir ħlas żejjed għat-tniġġis li jkun qed jinħoloq. Il-kuntratt li jsir bejn il-</p>

		ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u n-negozju tal-ikel għandu jispeċifika dawn il-punti.
<p>4. <i>Silġ li jiġi f'kuntatt ma' ikel jew li jista' jikkontamina l-ikel għandu jkun magħmul minn ilma tajjeb għax-xorb, jew minn ilma nadif meta jintuża biex ikessaħ il-prodotti tas-sajd sħaħ. Għandu jsir, jiġi mmaniġġjat u maħżun f'kundizzjonijiet li jipproteġuh mill-kontaminazzjoni.</i></p>	<p>Dan ifisser li s-silġ għandu jsir minn ilma tajjeb għax-xorb.</p> <p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa normalment mhijiex involuta b'mod dirett fil-produzzjoni tas-silġ, iżda jekk is-silġ jiġi prodott fis-suq, għandu jingħata aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb.</p>	<p>Fil-każ li s-silġ jiġi prodott fis-suq, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha tiżgura li l-proċess ta' fabbrikazzjoni huwa konformi mar-regolamenti rilevanti kollha. Huwa rakkomandat li jiġi implimentat ftehim uffiċjali biex din il-konformità tiġi żgurata.</p>
<p>5. <i>Fwar li jintuża f'kuntatt dirett mal-ikel m'għandux ikun fih sustanzi li jippreżentaw periklu għas-saħħa jew li jistgħu jikkontaminaw l-ikel.</i></p>	<p>Jekk il-fwar, li normalment jiġi prodott minn tagħmir għat-tindif, jista' jiġi f'kuntatt mal-ikel, dan għandu jkun magħmul minn ilma tajjeb għax-xorb (ara l-paragrafu 1).</p>	
<p>6. <i>Meta oġġetti tal-ikel jiġu trattati bis-sħana f'kontenituri ssiġillati ermetikament, għandu jiġi żgurat li l-ilma użat biex jikesshu il-kontenituri wara t-trattament bis-sħana ma jkunux sors ta' kontaminazzjoni għall-oġġetti tal-ikel.</i></p>	<p>Ilma li jintuża għat-tisħin jew it-tkessiħ ta' oġġetti tal-ikel f'kontenituri ssiġillati għandu jkun ta' kwalità tajba għax-xorb (ara l-paragrafu 1).</p>	

KAPITOLU VIII: IĠJENE PERSONALI

Rekwiżit legali	Gwida għall-konformità	Pariri dwar Prattika tajba
<p>1. Kull persuna li taħdem f'żona fejn jiġi mmaniġġjat l-ikel għandha iżomm livell għoli ta' ndafa personali u għandha tilbes ilbies xieraq u nadif u, fejn meħtieġ, ilbies protettiv.</p>	<p>Impjegati tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u kuntratturi tagħha normalment ma jimmaniġġjawx l-ikel.</p> <p>Għalhekk, minħabba li m'hemm l-ebda kuntatt fiżiku bejn dawn il-persuni u l-ikel jew l-imballaġġ tiegħu, ir-regolamenti speċifiċi relatati ma min jimmaniġġja l-ikel ma japplikawx għalihom.</p> <p>Madankollu, billi dawn il-persuni jista' jkollhom għalfejn jidħlu fis-sit waqt il-qadi ta' dmirijiethom, għandhom jiġu implimentati regoli bażiċi dwar l-iġjene personali, irrispettivament min-natura tal-prodott:</p> <p>Ilbes ħwejjeġ personali nodfa;</p> <p>Żomm lura milli tiżvolġi prattiki mhux iġjeniċi, inklużi t-tipjip u l-konsum ta' ikel jew xorb.</p> <p>F'postijiet fejn il-periklu sanitarju jkun għoli, jiġifieri fejn jiġu mmaniġġjati prodotti li joriġinaw mill-annimali, għandu jintlibes ilbies protettiv kif ukoll aċċessorji apposta li jintlibsu fuq ir-ras, b'konformità mar-regolamenti speċifiċi li japplikaw għal dawn il-prodotti.</p>	<p>Il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandu jkollha politika ta' iġjene u/jew regoli ta' iġjene personali u l-persunal kollu għandhu jkun konxju minnhom u għandu juri li jifhimhom.</p> <p>Ir-regoli għandhom jiġu murija b'mod prominenti biex jiġi żgurat li l-persunal jiġi mfakkar dwarhom il-ħin kollu.</p> <p>Sinjali għall-ħasil tal-idejn għandhom jiġu murija b'mod prominenti biex jiġi żgurat li l-persunal jiġi mfakkar dwarhom il-ħin kollu.</p> <p>Għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet għall-konsum tal-ikel u x-xorb.</p>

	<p>Ilbies protettiv u aċċessorji li jintlibsu fuq ir-ras għandhom jiġu maħsula b'mod regolari.</p>	
<p>2. L-ebda persuna li tbat minn, jew li tkun qed iġġorr mard li jista' jiġi trażmess permezz tal-ikel, jew li għandha, pereżempju, feriti infettati, infezzjonijiet tal-ġilda, ġrieħi jew dijarea, m'għandha tingħata permess biex timmaniġġja l-ikel jew tidħol f'żoni li fihom jiġi mmaniġġjat l-ikel, irrispettivament mir-rwol tagħha jekk ikun hemm possibbiltà ta' kontaminazzjoni diretta jew indiretta. Kull persuna affettwata minn dawn l-affarijiet u li tiżvolġi xogħol ma' negozju tal-ikel u li x'aktarx tiġi f'kuntatt mal-ikel għandha tirrapporta l-mard jew is-sintomi minnufih, u, jekk possibbli, il-kawżi tagħhom, lill-operatur tan-negozju tal-ikel.</p>	<p>Jeħtieġ li l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa tiżgura li jkun hemm politika ċara rigward infezzjonijiet notifikati jew suspettati tal-membri tal-persunal tagħha u tal-kuntratturi tagħha li jistgħu jwasslu għal kontaminazzjoni mikrobijoloġika.</p> <p>Kull persuna li għandha aċċess għal żoni interni fejn isir l-immaniġġjar tal-ikel għandha tirrapporta ċertu mard jew kundizzjonijiet jekk ikun hemm ċans li dawn jistgħu jirriżultaw f'kontaminazzjoni tal-ikel.</p>	

KAPITOLU XII: TAĦRIĠ

Rekwiżit legali	Gwida għall-konformità	Pariri dwar prattika tajba
<p>Operaturi tan-negozji tal-ikel għandhom jiżguraw:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Li min jimmaniġġja l-ikel jiġi sorveljat u jingħata struzzjonijiet u/jew jiġi mħarreġ rigward suġġetti relatati max-xogħol tagħhom; 2. Li l-persuni responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5 (1) ta' dan ir-Regolament jew għall-operazzjoni ta' gwidi rilevanti jkunu ngħataw taħriġ adegwat fl-applikazzjoni tal-prinċipji HACCP; u 3. L-konformità mal-ħtiġijiet 	<p>Impjegati tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa u kuntratturi tagħha normalment ma jimmaniġġjawx l-ikel.</p> <p>Għalhekk, dawn ir-rekwiżiti legali ma japplikawx direttament għal dawn il-persuni. Madankollu, għandhom ikunu konxji mill-fatt li qed jaħdmu fi- stabbilimenti li jimmaniġġjaw prodotti friski u li l-azzjonijiet tagħhom jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-ikel.</p> <p>L-impjegati kollha għandhom jingħataw struzzjonijiet dwar l-iġjene li jirrigwardaw, b'mod dirett, l-attivitajiet tagħhom. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom ikopru l-perikli relatati mal-ikel u l-miżuri ta' kontroll identifikati mill-analiżi tal-periklu tax-xogħol tagħhom. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom jingħataw qabel ma jiwettqu l-attivitajiet ta' xogħol partikolari huma u għandhom jiġu riveduti f'każ li jsir kwalunkwe tibdil fil-prattiki tax-xogħol.</p> <p>Il-ħtieġa għal taħriġ strutturat tiddependi fuq ir-riskju għas-sigurtà tal-ikel u għandha tqis il-problema ta' tibdil tal-persunal.</p> <p>Għandu jingħata tagħrif ġenerali dwar l-iżvilupp tas-sistema HACCP lill-impjegati kollha u għandu jingħata kors speċjali lil dawk li mistennija jkunu involuti b'mod dirett fl-applikazzjoni ta' dan il-metodu.</p> <p>It-taħriġ m'għandux jingħata awtomatikament minn korp għat-</p>	<p>Hija prattika tajba li membri tal-persunal li ma jimmaniġġjawx l-ikel iżda li jaħdmu fl-istabbiliment biex iwettqu xogħol ta' tindif u attivitajiet oħra ta' appoġġ (jiġifieri kuntratturi esterni) jingħataw struzzjonijiet ta' introduzzjoni u struzzjonijiet speċifiċi. Dan it-tip ta' tagħlim għandu jiffoka fuq il-mod kif l-attivitajiet tagħhom, kif ukoll l-iġjene personali tagħhom, jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-ikel. Għandhom jitwettqu, b'mod regolari, evalwazzjonijiet dwar l-għarfien biex jiġi żgurat li l-istruzzjonijiet ikunu ġew mifhuma.</p> <p>L-istruzzjonijiet għandhom, fejn possibbli, jinkludu spjegazzjoni dwar il-ħtieġa tal-implimentazzjoni tal-miżuri u kif dawn jiżguraw is-sigurtà tal-ikel. Dan jista' jħeġġeġ lill-persuni involuti biex josservaw ir-regoli billi jifhmu l-ħtieġa li l-ikel jiġi protett mill-kontaminazzjoni li tista' tikkawża ħsara, il-bżonn li l-konsumatur jiġi mħares u l-ħtieġa li jiġi evitat it-tixrid tal-mard. Dan huwa importanti, b'mod partikolari, għall-persunal temporanju jew każwali li mhuwiex imħarreġ b'mod regolari.</p>

<p><i>kollha tal-liġi nazzjonali dwar programmi ta' taħriġ għal persuni li jaħdmu f'ċertu oqsma relatati mal-ikel.</i></p>	<p>taħriġ akkreditat, iżda għandu jkun ta' standard xieraq. Din jista' jiġi organizzat mill-istabbiliment stess, permezz ta' taġlim mill-bogħod jew permezz ta' organizzazzjonijiet oħra ta' taħriġ esterni u għandu jiġi ripetut kull tant żmien b'mod regolari kif xieraq.</p> <p>It-taħriġ jagħti għarfien aħjar dwar kif l-ikel jista' jiġi kontaminat u dwar kif il-mard trażmess mill-ikel jista' jiġi evitat permezz ta' proċeduri xierqa għall-immaniġġjar tal-ikel.</p> <p>Hija Prattika tajba li stabbiliment ikollu pjan ta' taħriġ li jidentifika t-tip ta' taħriġ meħtieġ għal kull membru tal-persunal</p> <p>Hija wkoll Prattika tajba li jinżammu rekords dwar it-taħriġ li jkun irċieva kull membru tal-persunal</p> <p>Ħtiġijiet tat-taħriġ għandhom jiġu riveduti fuq bażi regolari u għandhom jiġu ġġudikati fil-kuntest tar-rwol u r-responsabbiltajiet, il-ħiliet eżistenti, l-esperjenza u t-taħriġ preċedenti tal-persunal.</p>	<p>L-istruzzjonijiet għandhom jiġu ripetuti f'intervalli xierqa, jew għandhom jiġu spjegati kif meħtieġ, skont kif jiġi identifikat permezz ta' osservazzjoni u sorveljanza.</p> <p>It-taħriġ huwa maħsub biex jiżgura li l-membri individwali tal-persunal jifhmu għaliex ċertu prekawzzjonijiet huma meħtieġa. Hija Prattika tajba, għalhekk, li l-persunal kollu jiġi mħarreġ rigward il-prinċipji tal-iġjene tal-ikel relatati mal-impjieg taġhom, sabiex jitnaqqas l-ammont meħtieġ ta' sorveljanza.</p> <p>Superviżuri jew diriġenti, li ma jimmaniġġjawx l-ikel iżda li jista' jkollhom influwenza diretta fuq il-mod li bih jiġu żvolti l-operazzjonijiet fil-kuntest tal-iġjene, għandhom jingħataw taħriġ strutturat, kif xieraq.</p>
---	---	---

VI - PROĊEDURI BBAŻATI FUQ L-HACCP

A - Proċeduri HACCP ibbażati fuq is-swieq bl-ingrossa

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel huwa stipulat li:

“1. L-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jistabbilixxu, jimplementaw u jżommu proċedura jew proċeduri permanenti ibbażati fuq il-prinċipji HACCP”.

Dan il-Kapitolu jipprovdi pariri għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa rigward proċeduri li għandhom jiġu implimentati fit-tweqqif tal-funzjonijiet li huma responsabbli għalihom f'suq bl-ingrossa u li jikkonċernaw il-prinċipji tal-HACCP.

Kif diġà intqal, suq bl-ingrossa jinsab fin-nofs tal-katina tal-provvista, bejn il-produzzjoni u l-konsum. Kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 853/2004, suq bl-ingrossa tfisser “negozju tal-ikel li jinkludi diversi unitajiet separati illi għandhom flimkien installazzjonijiet komuni u taqsimiet mnejn ħwejjeġ tal-ikel jinbiegħu lill-operaturi fin-negozju tal-ikel”.

Din id-definizzjoni tfisser li l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha titqies bl-istess mod li bih jitqiesu negozji oħra tal-ikel u għalhekk għandha taġixxi skont ir-Regolamenti tal-UE dwar l-ikel, għalkemm hija ma tbigħx ikel. Minħabba li hi responsabbli għas-sit, il-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa għandha parti mir-responsabbiltà komuni biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti rilevanti tal-iġjene għall-prodotti tal-ikel waqt li dawn jgħaddu mis-suq u għandha tiegħu azzjoni fir-rigward tal-iġjene tal-ikel.

Nota lill-qarrej:

Il-paġni li ġejjin, li huma relatati mal-proċeduri bbażati fuq l-HACCP, tfasslu fuq id-dokument *"Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri bbażati fuq il-prinċipji HACCP u fuq il-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-HACCP f'ċertu negozji tal-ikel."* (Maħruġ fis-16 ta' Novembru 2005 mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Kummissjoni Ewropea) (1).

B - PROĊEDURI U ĦTIĠIET PREREKWIŻITI BBAŻATI FUQ L-HACCP

L-iġjene tal-ikel hija r-riżultat tal-implimentazzjoni ta' proċeduri u ħtiġiet prerekwiżiti bbażati fuq l-HACCP min-negozji tal-ikel.

B'mod partikolari għandu jiġi mfakkar li qabel ma jiġu stabbiliti l-proċeduri HACCP għandu jkun hemm fis-seħħ ħtiġiet għal "prerekwiżiti" tal-iġjene fl-ikel u dan kien l-ambitu tal-kapitolu preċedenti ta' din il-gwida għal prattika tajba fil-kuntest ta' punti bħal:

Rekwiżiti infrastrutturali u tat-tagħmir;

Kontroll tat-temperatura u tal-ventilazzjoni;

Tidwil;

Proċeduri sanitarji;

Ir-rimi tal-iskart (2);

Il-kontroll tal-parassiti;

L-iġjene personali;

It-taħriġ.

(1) Ara l-Kapitolu "Referenzi"

(2) Ara r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-animali mhux maħsuba għall-konsum uman

Dawn il-ħtiġiet prerekwiżiti tfasslu biex ir-riskji jiġu kkontrollati b'mod ġenerali u biex jipprovdu s-sisien għall-implimentazzjoni effettiva tal-HACCP. Dawn għandhom ikunu fis-seħħ qabel ma tkun tista' tiġi stabbilita proċedura bbażata fuq l-HACCP.

C - Prinċipji ġenerali tal-HACCP

HACCP (Analiżi tal-Periklu u ta' Punti Kritiċi ta' Kontroll) tidentifika perikli u miżuri speċifiċi biex dawn jiġu kkontrollati u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel.

HACCP hija għodda li tintuża biex jiġu evalwati l-perikli u biex jiġu stabbiliti sistemi ta' kontroll li jiffokaw fuq il-prevenzjoni aktar milli sistemi li jibbażaw ruħhom prinċipalment fuq l-ittestjar tal-prodott aħħari. Kull sistema HACCP għandha l-kapaċità li takkomoda l-bidla, bħall-progress fl-iddisinar tat-tagħmir, fil-proċeduri tal-proċessar jew fl-iżviluppi teknoloġiċi.

HACCP tista' tiġi applikata tul il-firxa kolha tal-katina tal-ikel. Minbarra li ssaħħaħ is-sigurtà tal-ikel, l-implimentazzjoni tal-HACCP tista' tipprovdi benefiċċji oħra sinifikanti, jiġifieri l-applikazzjoni tal-HACCP tista' tgħin l-ispezzjoni li titwettaq minn awtoritajiet regolatorji u tippromwovi l-kummerċ internazzjonali billi żżid il-fiduċja fis-sigurtà tal-ikel.

L-applikazzjoni b'suċċess tal-HACCP teħtieġ l-impenn u l-involvement sħiħ tal-ġestjoni u tal-forza tax-xogħol. Hija teħtieġ ukoll approċċ multidixxiplinarju.

Qabel tiġi applikata l-HACCP għal kwalunkwe negozju tal-ikel, inkluża l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa, għandhom ikunu ġew implimentati l-ħtiġiet prerekwiżiti tal-iġjene tal-ikel.

L-impenn tal-ġestjoni huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' HACCP effettiva. Waqt l-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-operazzjonijiet sussegwenti tal-perikli fit-tfassil u l-applikazzjoni tal-HACCP, għandu jiġi kkunsidrat l-impatt tal-azzjonijiet meħhuda mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa rigward il-kontroll tal-perikli u l-evidenza epidemjoloġika relatata mas-sigurtà tal-ikel.

L-iskop tal-HACCP hu li jiffokaw il-kontroll f'punti kritiċi ta' kontroll (PKK) u l-HACCP għandha tkun applikata għal kull operazzjoni speċifika b'mod separat.

L-applikazzjoni tal-HACCP għandha tiġi riveduta u l-bidliet meħtieġa għandhom isiru kull meta jsir xi tibdil fi kwalunkwe stadju. Meta tiġi applikata l-HACCP huwa importanti li wieħed ikun flessibbli fejn xieraq, meta jitqies il-kuntest u jiġu kkunsidrati n-natura u d-daqs tal-operazzjoni.

Is-seba' prinċipji HACCP

1 - Identifika r-riskji kollha li għandhom jiġu evitati, eliminati jew imnaqqsqa għal livelli aċċettabbli (analiżi tal-periklu);

2 - Identifika l-punti kritiċi ta' kontroll fl-istadju jew l-istadji fejn il-kontroll huwa essenzjali biex ir-riskju jiġi evitat jew eliminat, jew biex dan jitnaqqas għal livelli aċċettabbli;

3 - Stabbilixxi limiti kritiċi f'punti kritiċi ta' kontroll li jisseparaw dak li hu aċċettabbli minn dak li mhux għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji identifikati;

4 - Stabbilixxi u implimenta proċeduri effettivi ta' monitoraġġ f'punti kritiċi ta' kontroll;

5 - Stipula azzjonijiet korrettivi meta l-monitoraġġ jindika li punt kritiku tal-kontroll mhux taħt kontroll;

6 - Stabbilixxi proċeduri, li għandhom jitwettqu b'mod regolari, biex tivverifika li l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ikunu qed jaħdmu b'mod effettiv;

7 – Stabbilixxi dokumenti u reġistri proporzjonati man-natura u d-daqs tan-negozju tal-ikel sabiex tintwera' l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 sa 6.

D – L-applikazzjoni tas-seba' prinċipji għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Huwa rakkomandat li l-attivitajiet li ġejjin isiru f'sekwenza.

1. ANALIŻI TAL-PERIKLU

1.1. It-tgħaqqid ta' tim multidixxiplinarju (Tim tal-HACCP)

Dan it-tim, li jinvolvi l-persuni kollha involuti fl-azzjoni li għandha tittieħed, għandu jinkludi l-firxa sħiħa ta' għarfien speċifiku u l-ħila xierqa għall-azzjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata u għall-perikli possibbli assoċjati u għandu jinkludi wkoll kemm jista' jkun l-ogħla livelli tal-amministrazzjoni.

Fejn meħtieġ, it-tim jista' jiġi meġġun minn speċjalisti li għandhom jgħinuh biex isolvi d-diffikultajiet li jista' jkollu fir-rigward tal-evalwazzjoni u l-kontroll tal-punti kritiċi.

It-tim jista' jinkludi speċjalisti:

- Li jifhem l-perikli bijoloġiċi, kimiċi jew fiżiċi konnessi ma' grupp ta' prodotti partikolari;
- Li jkollhom responsabbiltà għal, jew li huma involuti mill-qrib mal-azzjoni li għandha tittieħed;
- Li jkollhom għarfien ta' ħidma rigward dik l-azzjoni, speċjalment fil-kuntest tal-iġjene u tat-tagħmir;
- Kull persuna oħra b'għerf speċjalizzat fl-iġjene mikrobijoloġika, jew fit-teknoloġija tal-ikel.

Persuna waħda tista' tokkupa aktar minn wieħed minn dawn ir-rwoli, bil-kundizzjoni li l-informazzjoni rilevanti kollha tkun disponibbli għat-tim kollu u li din tintuża biex jiġi żgurat li s-sistema li tiġi żviluppata tkun kredibbli. F'każ li ma tkunx disponibbli ħila esperta fl-istabbiliment, għandu jinkiseb parir minn sorsi oħra (konsulenza, eċċ).

L-ambitu tal-pjan tal-HACCP għandu jiġi identifikat. L-iskop għandu jiddeskrivi liema qasam tal-katina tal-ikel huwa involut u l-klassijiet ġenerali tal-perikli li għandhom jiġu indirizzati (bijoloġiċi, kimiċi u fiżiċi).

Lista ta' kontroll

Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:

Għandna jew nistgħu niksbu l-ħiliet meħtieġa biex nidentifikaw il-perikli u l-kontrolli?

Għandna persuna li qed tiegħu responsabbiltà ġenerali għall-programm ta' sigurtà tal-ikel?

Il-persuna responsabbli hija mħarrġa fir-rekwiżiti tas-sistema HACCP?

Din il-persuna għandha l-awtorità li tistabbilixxi l-programm u żżommu għaddej?

Il-persunal huwa konxju mill-importanza tas-sigurtà u tal-iġjene tal-ikel?

In-negozju tagħna għandu programm ta' taħriġ?

Il-persunal jaf x'għandu jagħmel u jaf min jista' jtegħu d-deċiżjonijiet jekk xi ħaġa tmur ħażin?

1.2. Deskrizzjoni tal-attivitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Minħabba li l-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa ma tittrattax dwar u ma tbiġh x oġġetti tal-ikel, dan il-paragrafu għandu japplika għall-attivitajiet differenti tal-amministrazzjoni tas-suq fir-relazzjoni tagħha mad-diversi negozji tal-ikel ibbażati fis-sit.

Għandha titfassal deskrizzjoni sħiħa tal-attività, li tinkludi l-passi korrispondenti kollha.

Lista ta' kontroll**Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:**

Liema huma l-istadji differenti marbuta ma' kull attivita' u x'inhuma r-riskji assoċjati?

Ġew ikkunsidrati l-istadji kollha?

Ħallejna xi stadji barra waqt l-attivita'?

1.3. Identifikazzjoni tal-kompiti li jikkorrispondu għal kull stadju

It-tim tal-HACCP għandu jidentifika u jiddefinixxi wkoll il-kompiti differenti li għandhom jiġu eżegwiti f'kull stadju, flimkien mal-interazzjoni possibbli bejn dawn il-kompiti u l-attivitajiet immexxija min-negozji l-oħra tal-ikel fis-suq bl-ingrossa.

Lista ta' kontroll**Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:**

Ħsibna dwar il-kompiti kollha possibbli li jikkorrispondu għal kull stadju?

Ikkunsidrajna n-negozji kollha tal-ikel li se jiġu affettwati mill-kompitu mwettaq?

Improvdejna l-informazzjoni xierqa mal-kompitu li twettaq?

1.4. Kostruzzjoni ta' dijagramma tas-sekwenza (ara l-Appendiċi B.1)

Ikun xi jkun il-format li jintgħażel, il-passi kollha involuti fl-attivita' għandhom jiġu studjati f'sekwenza u jiġu ppreżentati f'dijagramma tas-sekwenza dettaljata flimkien ma dejta teknika suffiċjenti.

Tipi ta' dejta jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- Pjan tas-sit fejn isir ix-xogħol u tal-postijiet anċillari,
- Il-mod ta' kif inhu mqassam it-tagħmir u l-karatteristiċi tiegħu.
- Is-sekwenza tal-istadji kollha,
- Il-parametri tekniċi tal-operazzjonijiet,
- Il-fluss tal-oġġetti tal-ikel (inkluża l-kontaminazzjoni inkroċjata possibbli),
- Is-separazzjoni ta' żoni nodfa u oħrajn maħmuġin (jew żoni ta' riskju għoli/baxx),

Ir-rekwiżiti li għejjin huma prerekwiżiti li għandhom jiġu integrati fis-sistema HACCP:

- Proċeduri tat-tindif u d-dizinfekzjoni,
- L-ambjent iġjeniku tal-istabbiliment,
- Rotot tal-persunal u prattiki ta' iġjene,
- Ħażna tal-prodotti u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni.

Lista ta' kontroll**Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:**

Għandna proċeduri stabbiliti għall-verifiki u għall-approvazzjoni ta' kull stadju?

Għandna sistema għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-azzjoni li saret?

Għandna l-informazzjoni kollha li għandna bżonn għall-identifikazzjoni tal-perikli possibbli?

1.5. Konferma tad-dijagramma tas-sekwenza fuq il-post

Wara li tiġi mfassla d-dijagramma tas-sekwenza, it-tim multidixxiplinarju għandu jikkonferma fuq il-post waqt il-ħinijiet tax-xogħol. Kull differenza li tiġi nnotata għandha tirriżulta f'emendi fid-dijagramma tas-sekwenza oriġinali, biex din tkun eżatta.

Segwi l-proċess b'atteġġjament kritiku waqt li żżomm id-dijagramma tas-sekwenza f'idejk.

Lista ta' kontroll

Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:

Hemm xi tagħrif jew passi li ma ġewx inklużi?

Qegħdin nagħmlu skont kif muri fid-dijagramma tas-sekwenza?

1.6. Lista ta' perikli u ta' miżuri ta' kontroll

1.6.1. Agħmel lista tal-perikli possibbli kollha, kemm dawk bijoloġiċi, kimiċi kif ukoll dawk fiżiċi li jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jseħħu f'kull stadju (It-terminu 'periklu' ġie definit fl-Artikolu 3 (14) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 - *ara wkoll il-glossarju ta' dan id-dokument*).

It-tim tal-HACCP imbagħad għandu jagħmel analiżi tal-periklu biex jidentifika, għall-pjan tal-HACCP, liema perikli huma ta' natura tali li l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tagħhom għal livelli aċċettabbli jkun essenzjali biex l-ikel jinżamm sigur.

Waqt it-twettiq tal-analiżi tal-periklu, għandu jiġi kkunsidrat dan li ġej:

- L-okkorrenza possibbli ta' perikli u l-gravità tal-effetti negattivi tagħhom fuq is-saħħa;
- L-evalwazzjoni kwalitattiva u/jew kwantitattiva tal-preżenza ta' perikli;

1.6.2. Ois u ddeskrivi liema miżuri ta' kontroll jistgħu jiġu applikati għal kull periklu, jekk hemm.

Miżuri ta' kontroll huma dawk l-azzjonijiet u attivitajiet li jistgħu jintużaw biex jiġu evitati jew eliminati l-perikli, jew biex jitnaqqsu l-impatt jew l-okkorrenza ta' dawn il-perikli għal livelli aċċettabbli.

Jistgħu jenħtieġu aktar minn miżura waħda ta' kontroll biex jiġi kkontrollat periklu identifikat u iktar minn periklu wieħed jista' jiġi kkontrollat permezz ta' miżura waħda ta' kontroll.

Miżuri ta' kontroll għandhom jiġu appoġġjati bi proċeduri u speċifikazzjonijiet dettaljati biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Pereżempju, skedi dettaljati tat-tindif li jintużaw b'konformità mar-regoli Komunitarji applikabbli.

Nota:

Kittieba tal-HACCP ta' spiss jidentifikaw wisq perikli waqt l-ewwel darba tagħhom! Din hija problema għaliex tista' ddgħajjef il-kapaċità li jkollu proċessur li jikkonċentra l-isforzi u jikkontrolla l-perikli li vera jkunu importanti. Il-dilemma tikkonsisti fit-teħid ta' deċiżjoni dwar dak li tassew huwa importanti.

Periklu għandu jiġi kkontrollat jekk:

1) *Hu probabbli li se jerġa' jseħħ*

U

2) *Jekk ma jiġix ikkontrollat b'mod xieraq, huwa probabbli li jirriżulta bħala riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-konsumaturi.*

Fil-każ ta' perikli li għalihom ikunu ġew stabbiliti livelli ta' azzjoni, tolleranzi jew limiti oħra regolatorji għal raġunijiet ta' sigurtà (pereżempju kimiċi għat-tindif, pestiċidi ...), riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa huwa r-riskju li jkun inqabeż il-limitu u mhux sempliċement il-preżenza tas-sustanza f'livell għoli biżżejjed li tippermetti li s-sustanza tiġi individwata. Għalhekk, jekk ikun probabbli li jseħħ ksur ta' livell ta' azzjoni għal dak it-tip ta' ikel, l-analiżi tal-periklu tal-proċessur għandha tidentifika lil dak il-periklu bħala wieħed li għandu jiġi kkontrollat permezz tas-sistema HACCP tiegħu.

Lista ta' kontroll

Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:

Eżaminajna s-sorsi kollha ta' perikli?

Għamilna użu minn dijagrammi tal-post u tal-inħawi tal-madwar biex nidentifikaw il-perikli?

Għamilna użu mid-dijagramma tas-sekwenza biex nidentifikaw il-perikli possibbli fil-proċessi kkonċernati?

Identifikajna r-riskji marbuta mal-istadju stess, bħall-possibbiltà ta' użu ħażin jew abbuż (pereżempju kimiċi għat-tindif?)

2. L-IDENTIFIKAZZJONI TA' PUNTI KRITIĊI TA' KONTROLL (CCPS)

L-identifikazzjoni ta' punt kritiku għall-kontroll ta' periklu teħtieġ approċċ loġiku. Approċċ ta' dan it-tip jista' jiġi faċilitat permezz ta' siġra tad-deċiżjonijiet (*decision tree*) (*ara l-Appendiċi B.2*).

Madankollu, it-tim jista' jagħmel użu minn metodi oħra, skont l-għarfien u l-esperjenza tal-membri.

Għall-applikazzjoni tas-siġra tad-deċiżjonijiet, kull stadju li jiġi identifikat fid-dijagramma tas-sekwenza għandu jiġi kkunsidrat f'sekwenza. F'kull stadju, is-siġra tad-deċiżjonijiet għandha tiġi applikata għal kull periklu li raġonevolment jista' jkun mistenni li jseħħ jew jiġi introdott u għandha tiġi identifikata kull miżura ta' kontroll. L-applikazzjoni tas-siġra tad-deċiżjonijiet għandha tkun flessibbli u għandu jkun hemm kunsiderazzjoni għal-proċess sħiħ sabiex jiġu evitati, kull fejn ikun possibbli, punti kritiċi mhux meħtieġa.

Huwa rrakkomandat li jingħata taħriġ rigward kif għandha tiġi applikata s-siġra tad-deċiżjonijiet.

L-identifikazzjoni ta' punti kritiċi ta' kontroll għandha żewġ konsegwenzi għat-tim tal-HACCP, li mbagħad għandu:

- Jiżgura li jiġu disinjati u implimentati b'mod effettiv miżuri xierqa ta' kontroll. B'mod partikolari, jekk ikun ġie identifikat periklu fi stadju fejn ikun meħtieġ kontroll għas-sigurtà tal-oġġetti tal-ikel u ma tkun teżisti l-ebda miżura ta' kontroll f'dak l-istadju, jew fi kwalunkwe stadju ieħor, il-proċess għandu jiġi modifikat f'dak l-istadju jew fi stadju preċedenti jew ieħor sussegwenti, biex dan ikun jinkludi miżura ta' kontroll,
- Jistabbilixxi u jimplementa sistema ta' monitoraġġ għal kull punt kritiku.

Lista ta' kontroll

Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:

Ġew identifikati kontrolli għal kull periklu?

Dawn jeliminaw jew inaqqsu kemm jista' jkun b'mod effettiv il-probabbiltà li jseħħ kull periklu?

Nistgħu nimmodifikaw il-proċess f'każ li ma jeżistux miżuri li jistgħu jiġu evitati?

Il-persunal jifhem x'inhuma r-rekwiżiti CCP?

3. LIMITI KRITIĊI F'PUNTI KRITIĊI TA' KONTROLL

Kull miżura ta' kontroll assoċjata ma' punt kritiku ta' kontroll għandha tagħti lok għall-ispeċifikazzjoni ta' limiti kritiċi.

Il-limiti kritiċi jikkorrispondu mal-valuri estremi aċċettabbli fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel.

F'dan il-kuntest, huma jisseparaw dak li hu aċċettabbli minn dak li mhux. Dawn huma stabbiliti għal parametri li jistgħu jiġu osservati jew imkejla li jistgħu juru li l-punt kritiku qiegħed taħt kontroll.

Għandhom ikunu bbażati fuq evidenza kkonfermata li turi biċ-ċert li l-valuri magħżula se jirriżultaw fil-kontroll tal-proċess.

Eżempji ta' parametri bħal dawn jinkludu temperatura, ħin, pH, kontenut ta' umdità, parametri sensorjali bħal dehra viżwali, eċċ

F'ċertu każijiet, biex jitnaqqas ir-riskju li jinqabeż limitu kritiku minħabba l-varjazzjonijiet tal-proċess, jista' jenħtieġ li jiġu speċifikati livelli aktar stretti (jiġifieri livelli mixtieqa) biex jiġi żgurat li l-limiti kritiċi jiġu osservati.

Il-limiti kritiċi jistgħu jitnisslu minn sorsi varji. Meta dawn ma jittieħdux minn standards regolatorji jew minn gwidi ta' prattiki iġjeniċi tajba, it-tim għandu jiżgura l-validità tagħhom fil-kuntest tal-kontroll ta' perikli identifikati fis-CCPs.

Lista ta' kontroll

Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:

Stipulajna limiti għal kull punt kritiku ta' kontroll?

Qegħdin nosservaw il-limiti li ġew stabbiliti?

L-istrumenti tagħna tal-kejl huma preċiżi biżżejjed?

Is-sistemi tagħna tal-kejl jilhqqu standards stabbiliti?

Ittieħdet deċiżjoni rigward azzjoni korrettiva għal kull kundizzjoni li mhijiex taħt kontroll?

Għandna sistema għall-immaniġġjar tal-ilmenti?

Il-frekwenza tal-monitoraġġ u tar-reġistrazzjoni tagħna tista' titqies bħala li hi xierqa?

4. PROĊEDURI TA' MONITORAĠĠ F'PUNTI KRITIĊI TA' KONTROLL

Parti essenzjali tal-proċeduri bbażati fuq l-HACCP huwa programm ta' osservazzjonijiet jew kejl li jitwettaq f'kull punt kritiku biex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti kritiċi speċifikati.

Osservazzjonijiet jew kejl għandhom ikunu kapaċi li jikxfu t-telf tal-kontroll f'punti kritiċi u li jipprovdu informazzjoni f'ħin tajjeb biżżejjed biex tkun tista' tittieħed azzjoni korrettiva.

Fejn ikun possibbli, għandhom isiru aġġustamenti tal-proċess meta r-riżultati ta' monitoraġġ jindikaw xejra li twassal lejn telf ta' kontroll f'CCP. L-aġġustamenti għandhom jittieħdu qabel isseħħ devjazzjoni. Dejta meħuda mill-monitoraġġ għandha tiġi evalwata minn persuna maħtura b'għarfien u awtorità li jippermettulha li tieħu azzjonijiet korrettivi meta jkun indikat.

Osservazzjonijiet jew kejl jistgħu jsiru b'mod kontinwu jew b'mod mhux regolari. Meta l-osservazzjonijiet jew il-miżuri ma jkunux kontinwi, jeħtieġ li tiġi stabbilità frekwenza ta' osservazzjonijiet jew teħid ta' kejl li tipprovdi informazzjoni affidabbli.

Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi, il-frekwenza tal-osservazzjonijiet jew tal-kejl u l-proċedura ta' rekordjar u għandu jidentifika kull punt kritiku:

- Min se jwettaq il-monitoraġġ u l-verifiki?
- Meta għandhom jitwettqu l-monitoraġġ u l-verifiki?
- Kif jitwettqu l-monitoraġġ u l-verifiki?

Rekords assoċjati mal-monitoraġġ tas-CCPs għandhom jiġu ffirmati mill-persuna(i) li jwettqu l-monitoraġġ u meta r-rekords jiġu verifikati minn uffiċjal(i) tal-kumpannija responsabbli għar-reviżjoni.

5. AZZJONIJIET KORRETTIVI

Għal kull punt kritiku ta' kontroll, it-tim tal-HACCP għandu jippjana azzjonijiet korrettivi bil-quddiem, sabiex dawn ikunu jistgħu jittieħdu mingħajr eżitazzjoni meta l-monitoraġġ jindika devjazzjoni mil-limitu kritiku.

Azzjoni korrettiva ta' dan it-tip għandha tinkludi:

- Identifikazzjoni xierqa tal-persuna(i) responsabbli għall-implimentazzjoni tal-azzjoni korrettiva,
- Deskrizzjoni tal-mezzi u tal-azzjonijiet meħtieġa biex tiġi korretta d-devjazzjoni li tkun ġiet osservata,
- L-azzjoni li ttieħdet meta l-proċess ma kienx taħt kontroll,
- Rekord bil-miktub tal-miżuri li ttieħdu, li jindika l-informazzjoni rilevanti kollha (pereżempju: data, ħin, it-tip ta' azzjoni, il-persuna li wettqet l-azzjoni u l-kontroll ta' verifika sussegwenti).

Il-monitoraġġ jista' jindika li għandhom jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni (verifiki ta' tagħmir, kontroll tal-persuna inkarigata bit-twettiq tal-kompitu, l-iċċekkar tal-effettività ta' miżuri korrettivi preċedenti, eċċ) jekk l-azzjonijiet korrettivi għall-istess proċedura għandhom jitwettqu ripetutament.

6. PROCEDURE TA' VERIFIKA

6.1. It-tim tal-HACCP għandu jispeċifika l-metodi u l-proċeduri li għandhom jintużaw biex jiġi determinat jekk l-HACCP hijiex qed jaħdem kif suppost. Il-metodi għall-verifika jistgħu jinkludu b'mod partikolari kampjunar u analizzar każwali, analizzar rinfurzat jew testijiet f'punti kritiċi magħżula.

Il-frekwenza tal-verifiki għandha tkun biżżejjed biex tikkonferma li l-proċeduri bbażati fuq l-HACCP qed jaħdmu b'mod effettiv. Il-frekwenza tal-verifika għandha tiddependi fuq il-karatteristiċi tal-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa (numru ta' impjegati, in-natura tal-oġġetti tal-ikel ...), il-frekwenza tal-monitoraġġ, il-preċiżjonijiet tal-impjegati, in-numru ta' devjazzjonijiet li jkun gwew skoperti tul iż-żmien u l-perikli involuti.

Il-proċeduri ta' verifikazzjoni jinkludu:

- Verifiki tal-HACCP u tar-rekords tiegħu,
- L-ispezzjoni tal-operazzjonijiet,
- Il-konferma li s-CCPs qed jinżammu taħt kontroll,
- Il-validazzjoni tal-limiti kritiċi,
- Ir-reviżjoni ta' devjazzjonijiet u ta' dispożizzjonijiet tal-prodotti, l-azzjonijiet korrettivi li twettqu.

Il-frekwenza tal-verifika għandha tħalli impatt sostanzjali fuq l-ammont ta' verifiki li jridu jsiru mill-ġdid u li huma meħtieġa f'każ li tiġi skoperta devjazzjoni li taqbeż il-limiti kritiċi. Il-verifika għandha tinkludi dawn l-elementi kollha li ġejjin, iżda mhux neċessarjament kollha fl-istess ħin:

- Kontroll dwar il-korrettezza tar-rekords u l-analiżi tad-devjazzjonijiet,
- Kontroll tal-persuna inkarigata mill-monitoraġġ ta' attivitajiet tal-ipproċessar, tal-ħżin u/jew tat-trasport,
- Kontroll fiżiku dwar il-proċess li jkun qed jiġi mmonitorjat,
- Il-kalibrazzjoni ta' strumenti li jintużaw għall-monitoraġġ.

Il-verifiki għandhom jitwettqu minn xi ħadd ieħor għajr il-persuna responsabbli għat-twettiq tal-azzjonijiet korrettivi u ta' monitoraġġ. Meta ċertu attivitajiet ta' verifika ma jkunux jistgħu jsiru mill-istabbiliment stess, il-verifika għandha titwettaq għan-negozju minn esperti esterni jew minn partijiet terzi kwalifikati.

6.2. Fejn ikun possibbli, attivitajiet ta' validazzjoni għandhom jinkludu azzjonijiet biex tiġi kkonfermata l-effettività tal-elementi kollha tal-pjan tal-HACCP. F'każ li jsiru bidliet, jeħtieġ li s-sistema tiġi riveduta, biex jiġi żgurat li għadha (jew li se tkun għadha) valida.

Fejn meħtieġ, reviżjoni ta' dak it-tip għandha tirriżulta fl-emendar tal-proċeduri stabbiliti. Il-bidliet għandhom jiġu inkorporati b'mod sħiħ fis-sistema tad-dokumentazzjoni u taż-żamma tar-rekords sabiex jiġi żgurat li jkun disponibbli tagħrif dejjem preċiż u aġġornat.

7. ID-DOKUMENTAZZJONI U Ż-ŻAMMA TA' REĠISTRI

Iż-żamma effiċjenti u preċiża ta' rekords hija essenzjali għall-implimentazzjoni ta' sistema HACCP.

Proċeduri HACCP għandhom jiġu dokumentati. Iż-żamma ta' rekords u dokumentazzjoni għandhom ikunu xierqa għan-natura u d-daqs tal-impriża u għandhom ikunu suffiċjenti biex jgħinu lill-istabbiliment biex jivverifika li l-kontrolli tal-HACCP huma fis-seħħ u li dawn qed jinżammu. Dokumenti u rekords għandhom jinżammu għal żmien biżżejjed biex jippermettu li l-awtorità kompetenti twettaq verifiki tas-sistema HACCP. Id-dokumenti għandhom jiġu ffirmati minn uffiċjal tal-kumpanija li hu responsabbli għar-reviżjoni.

Eżempji ta' dokumentazzjoni huma:

- Analiżi tal-periklu;
- Determinazzjoni tas-CCP;
- Determinazzjoni tal-limitu kritiku;
- Modifiki tas-sistema tal-HACCP.

Eżempji ta' rekords huma:

- Attivitajiet ta' monitoraġġ tas-CCP;
- Devjazzjonijiet u azzjonijiet korrettivi assoċjati;
- Attivitajiet ta' verifika.

Sistema sempliċi għaż-żamma ta' rekords tista' tiġi komunikata lill-impjegati b'mod faċli u effettiv.

Din tista' tiġi integrata fl-operazzjonijiet eżistenti u tista' tagħmel użu minn burokrazija eżistenti.

Lista ta' kontroll

Mistoqsijiet li għandek tistaqsi:

Għandna livell sodisfaċenti għaż-żamma ta' rekords?

Ir-rekords niffajljawhom u naħznuhom b'mod sigur?

Nieħdu azzjoni u nżommu rekords dwar punti kritiċi ta' kontroll?

Irreġistrajna l-limiti għal kull CCP?

Il-miżuri tagħna ta' kontroll huma rreġistrati kif suppost?

Qegħdin nimmonitorjaw u nevalwaw il-metodi tagħna?

Qed inżommu rekords dwar il-kalibrazzjonijiet tagħna?

Qed niksbu kontrolli indipendenti tal-programm tagħna?

Liema miżuri għandna nieħdu biex jivverifikaw li l-programm tagħna qed jitwettaq?

Qed inżommu rekords dwar il-kontrolli tas-sistema tagħna?

Eżempju ta' formola HACCP għall-iżvilupp ta' pjan HACCP tinsab fl-Appendiċi B.3. Din tikkonċerna l-ħżin fil-ksieħ.

APPENDIĊI A

ĠESTJONI TAS-SUQ BL-INGROSSA

SKEDA TAT-TINDIF U D-DISINFEZZJONI

- SWALI GĦALL-WIRI U L-BEJGĦ

Żona	Prodott għat-tindif	Rutina	Frekwenza	Prekawzjonijiet dwar is-Saħħa u s- Sigurtà	Il-persuna responsabbli (innomina)	Kontroll imwettaq minn (innomina)
L-art	Isem sħiħ Ftehim nru	Kull tixrid għandu jiġi ttrattat minnufih. Fit-tmiem tal-attività, iknes u aħsel bl-ilma sħun u deterġent.	Kuljum	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		
Il-ħitan: sa ... m: ogħla minn ... m:	Isem sħiħ Ftehim nru Isem sħiħ Ftehim nru	Aħsel b'deterġent, laħlaħ b'ilma nadif u sħun u uża diżinfettant mhux tossiku (1) meta jkun hemm bżonn. Aħsel bl-ilma sħun u deterġent	Kuljum Perjodikament (2)	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		
Soqfa	Isem sħiħ Ftehim nru	Tindif bl-ilma jew mingħajr ilma, skont it-tip ta' superfiċje	Perjodikament (2)	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		
Bibien	Isem sħiħ Ftehim nru	Aħsel bl-ilma sħun u deterġent	Perjodikament (2)	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		

Twieqi	Isem sħiħ Ftehim nru	Aħsel bl-ilma sħun u deterġent	Perjodikament (2)	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		
Sinkijiet u/jew friskaturi għall- ħasil	Isem sħiħ Ftehim nru	Fi tmien kull ġurnata, għorok, aħsel bl-ilma sħun u deterġent u laħlaħ	Kuljum	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		
Tidwil	Isem sħiħ Ftehim nru		Perjodikament (2)	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		
Ventilazzjoni Fluss mekkaniku ta' arja Filtri	Isem sħiħ Ftehim nru	Tindif b'tagħmir vakum. Aħsel bl-ilma sħun u deterġent. Erga' qiegħed f'pothom biss meta jkunu nexfin.	Darba fix- xahar Darba fix- xahar	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		
Kontenituri tal- iskart	Isem sħiħ Ftehim nru	Għorok bl-ilma sħun u deterġent	Kuljum	Ara t-tikketta tal- prodott u l-fajl tekniku (għandu jinżamm disponibbli meta meħtieġ)		

(1) "Sanitizer" huwa diżinfettant li jista' jintuża fuq superfiċji li jiġu f'kuntatt mal-ikel u li m'għandux ikunu tossiku u ta' ħsara.

(2) "Perjodikament" tfisser skont kif meħtieġ u għandu jkun relatat mal-akkumulazzjoni ta' ħmieġ.

APPENDIĊI B.1


SEKWENZA LOĠIKA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' PROĊEDURI BBAŻATI FUQ L-HACCP MILL-ĠESTJONI TAS-SUQ BL-INGROSSA

1	Għaqqad Tim tal-HACCP
2	Stabbilixxi l-proġett tas-sistema tal-ġestjoni tal-iġjene
3	Fassal dijagramma tas-sekwenza
4	Konferma fuq il-post tad-dijagramma tas-sekwenza
5	Elenka l-Perikli possibbli kollha Wettaq analiżi tar-riskju Ikkunsidra l-miżuri ta' kontroll
6	Identifika CCPs
7	Stabbilixxi limiti kritiċi għal kull CCP
8	Stabbilixxi sistema ta' monitoraġġ għal kull CCP
9	Stabbilixxi azzjonijiet korrettivi
10	Stabbilixxi proċeduri ta' verifika
11	Stabbilixxi dokumentazzjoni u żamma ta' rekords


APPENDIĊI B.2

AWTORITÀ TAS-SUQ BL-INGROSSA EŻEMPJU TA' SIĠRA TAD-DEĊIŻJONIJIET GĦALL- IDENTIFIKAZZJONI TA' CCPs (Wieġeb il-mistoqsijiet f' sekwenza)


Mistoqsija 1




Mistoqsija 2



Mistoqsija 3



Mistoqsija 4



-
- (1) Kompli lejn il-periklu identifikat li jmiss fil-proċess deskritt.
 - (2) Jeħtieġ li livelli aċċettabbli u mhux aċċettabbli jiġu definiti fi ħdan l-oġġettivi ġenerali fl-identifikazzjoni tas-CCPs tal-pjan HACCP

APPENDIĊI B.3

ĠESTJONI TAS-SUQ BL-INGROSSA EŻEMPJU TA' FORMOLA HACCP (Ħżin fil-ksieħ)

1 Iddeskrivi l-kompitu għall-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa

Żgura li oġġetti tal-ikel jinżammu:

- f'temperaturi xierqa għat-tip ta' prodott;
- skont kif stipulat fir-Regolamenti tal-UE rigward it-tip ta' prodott.

2 Dijagramma tas-sekwenza tal-proċeduri

LISTA						
Stadju	Periklu(i)	Miżura(i) ta' kontroll		Proċedura(i) ta' Monitoraġġ	Azzjoni(jiet) korrettivi	Rekords
Ħażna refriġerata	<u>Kontaminazzjon i inkroċjata</u>	Ikel mgħotti jew imgeżwer għandu jinħażen separatament minn ikel mhux ippakkjat		Verifiki viżwali	Organizza t-tqassim mill-ġdid biex tissepura tipi differenti ta' ikel	Rapport dwar azzjoni korrettiva
		Żomm iż-żona tal-ħżin nadifa		Kundizzjoni iġjenika taż-żona tal-ħżin	Naddaf iż-żona tal-ħżin immedjatament	Rapport dwar azzjoni korrettiva
	<u>Tkabbir ta' batterji li jivvalenaw l-ikel</u>	Temperatura tal-ħażna ta' 4°C jew inqas Żona tal-ħżin b'ċirkolazzjoni tajba tal-arja		Monitoraġġ tal-parametri rilevanti dwar ir-refriġerazzjoni (kontinwu jew f'intervalli regolari) (pereżempju temperatura tal-arja, veloċità tal-arja, it-tagħbija, it-temperatura tal-prodott) Verifiki viżwali	Issettja t-temperatura jew sewwi l-apparat li jkessaħ fejn xieraq. Il-frekwenza tal-monitoraġġ għandha tiżdied sakemm jiġi assigurat li l-proċess qiegħed jiġi kkontrollat. Arranġament mill-ġdid tal-ħżin	Formola għaż-żamma tar-rekords tat-temperatura tal-apparat li jkessaħ Rapport dwar azzjoni korrettiva

Ħżin iffriżat	<u>Tkabbir ta' batterji li jivvalenaw L-ikel</u>	Temperatura tal-friża ta' - 18°C jew inqas			Monitoraġġ tal-parametri rilevanti dwar ir-refriġerazzjoni (kontinwu jew f' intervalli regolari) (pereżempju temperatura tal-arja, veloċità tal-arja, it-tagħbija, it-temperatura tal-prodott)	Issettja t-temperatura jew sewwi l-friża fejn xieraq Il-frekwenza tal-monitoraġġ għandha tiżdied sakemm jiġi assigurat li l-proċess qiegħed jiġi kkontrollat.	Formola għaż-żamma tar-rekords tat-temperatura tal-friża
		Żona tal-ħżin b'ċirkolazzjoni tajba tal-arja			Verifiki viżwali	Arranġament mill-ġdid tal-ħżin	Rapport dwar azzjoni korrettiva

3	Verifiki
----------	-----------------

Dawn għandhom jinkludu dan li ġej:

- Validazzjoni tal-parametri tal-iffriżar;
- Kalibrazzjoni ta' mezzi tal-kejl;
- Fl-aħħar nett:
 - o Verifika Interna;
 - o Verifika separata;
 - o Reviżjoni tal-HACCP.

GLOSSARJU

7. **Analiżi tal-periklu:** Il-proċess tal-ġbir u l-evalwazzjoni ta' tagħrif dwar il-perikli u l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-preżenza tagħhom, sabiex jiġi deċiż liema huma sinifikanti għas-sigurtà tal-ikel u li għalhekk għandhom jiġu indirizzati fil-pjan tal-HACCP.
8. **Analiżi tar-riskju:** proċess li jikkonsisti minn tliet komponenti marbutin flimkien: l-evalwazzjoni tar-riskju, l-immaniġġjar tar-riskju u l-komunikazzjoni tar-riskju.
9. **Apparat elettriku kontra d-dubbien:** tagħmir għall-kontroll tad-dubbien u ta' artropodi oħra li jtiru. L-insetti jinġibdu lejn il-lampi UV u jinqerdu kif imissu malja li minnha jkun għaddej vultaġġ għoli.
10. **Awtorità kompetenti:** tfisser l-awtorità ċentrali kompetenti ta' Stat Membru li tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe awtorità oħra li l-awtorità ċentrali tkun iddelegatilha dik il-kompetenza; din għandha tinkludi wkoll, fejn xieraq, l-awtorità korrispondenti ta' pajjiż terz.
11. **B'mod regolari / perjodikament:** tfisser "kif meħtieġ" u għandha tirrelata mal-akkumulazzjoni tal-ħmieġ jew mar-rata ta' deterjorazzjoni u ma' kif din taffettwa s-sigurtà tal-ikel.
12. **Bejjiegħ bl-ingrossa:** intermedjarju fil-katina tad-distribuzzjoni li jixtri l-prodotti fi kwantitajiet kbar mis-sors tal-produzzjoni u jbigħhom lid-distributori jew lil bejjiegħa bl-imnut fi kwantitajiet iżgħar.
13. **Deterġent:** aġent għat-tindif li huwa differenti minn sapun iżda li jista' wkoll idewweb iż-żjut u jżomm il-ħmieġ f'sospensjoni.
14. **Diżinfettant:** kimika li tintuża biex toqtol il-mikroorganiżmi u biex jitnaqqsu l-livelli ta' kontaminazzjoni fuq tagħmir tal-ikel jew fil-postijiet fejn ikun hemm l-ikel. Id-diżinfettanti li jintużaw għandhom ikunu adattati għall-użu fl-istabbilimenti tal-ikel.
15. **Diżinfezzjoni:** it-tnaqqis fil-livelli ta' kontaminazzjoni fuq tagħmir tal-ikel jew f'postijiet fejn ikun hemm l-ikel permezz tal-użu ta' diżinfettant.
16. **Ekwivalenti:** fir-rigward ta' sistemi differenti, kapaċi li jilħaq l-istess objettivi.
17. **Evalwazzjoni tar-riskju:** proċess ibbażat fuq sisien xjentifiċi, li huwa magħmul minn 4 stadji: l-identifikazzjoni tal-periklu, il-karatterizzazzjoni tal-periklu, l-evalwazzjoni tal-espożizzjoni u karatterizzazzjoni tar-riskju.
18. **Ġestjoni tar-riskju:** dan il-proċess huwa differenti mill-evalwazzjoni tar-riskju u jinvolvi l-konsiderazzjoni ta' alternattivi għal politiki b'konsultazzjoni ma' partijiet interessati, b'kont meħud tal-evalwazzjoni tar-riskju u ta' fatturi leġittimi oħra, u, jekk ikun hemm bżonn, it-teħid ta' deċiżjonijiet rigward l-għażla xierqa ta' prevenzjoni u ta' kontroll.
19. **Ġestjoni tas-suq bl-ingrossa:** operatur ta' negozju tal-ikel (privat jew pubbliku) b'responsabilità speċifika għall-ġestjoni ġenerali u l-organizzazzjoni ta' suq bl-ingrossa fi ħdan il-limiti li fihom joperaw in-negozji indipendenti tal-ikel.
20. **HACCP (Analiżi tal-Periklu u l-Punti Kritiċi ta' Kontroll):** sistema li tidentifika, tevalwa u tikkontrolla perikli li huma sinifikanti għas-sigurtà tal-ikel.
21. **Iġjene tal-ikel (jew iġjene):** il-miżuri u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu kkontrollati l-perikli u biex tiġi żgurata kwalità tajba għall-konsum tal-ikel mill-bniedem filwaqt li jitqies l-użu maħsub tiegħu.

- 22. Ikel (oġġett tal-ikel):** kull sustanza jew prodott, sew jekk ipproċessat, parzjalment ipproċessat jew mhux ipproċessat, maħsub biex jiġi mittiekel, jew raġonevolment mistenni li jittiekel, mill-bniedem.
- 23. Ikel mhux ippakkjat:** ikel li ma jkunx imgeżwer jew li ma jkunx f'kontenitur li jelimina r-riskju ta' kontaminazzjoni mill-ambjent.
- 24. Ilbies protettiv:** ilbies xieraq għax-xogħol li jkun qed jitwettaq; għandu jintlibes fuq u għandu jgħatti kompletament, il-ħwejjeġ ordinarji.
- 25. Il-Liġi tal-Ikel:** tfisser il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirregolaw l-ikel b'mod ġenerali u s-sigurtà fl-ikel b'mod partikolari, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll nazzjonali; tkopri kull stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqassim tal-ikel u anki tal-ġhalf prodott għal, jew li jiġi mitmugħ lill-annimali li jipproduċu l-ikel (ara r-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel).
- 26. Ilma baħar nadif:** ilma baħar naturali, artifiċjali jew purifikat jew ilma salmastru li ma jkunx fih mikroorganiżmi, sustanzi jew organiżmi marittimi ta' ħsara fi kwantitajiet li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tas-saħħa tal-ikel b'mod dirett jew indirett.
- 27. Ilma nadif:** ilma baħar nadif u ilma frisk ta' kwalità simili
- 28. Ilma tajjeb għax-xorb:** ilma li jissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
- 29. Imballaġġ:** it-tqegħid ta' oġġett wieħed, jew aktar, tal-ikel imgeżwer f'kontenitur ieħor, meta jitqies ukoll dan il-kontenitur li jissemma' fl-aħħar.
- 30. Indafa personali:** miżuri meħuda mill-persunal fir-rigward tiegħu nnifsu biex jipproteġi l-ikel mill-kontaminazzjoni.
- 31. Ipproċessar:** kull azzjoni li sostanzjalment tikkawża bidla fil-prodott inizjali, inkluż it-tiġin, l-affumikar, it-tqaddid, il-maturazzjoni, it-tnixxif, l-immarinar, l-estrazzjoni, l-estruzzjoni jew taħlita ta' dawn il-proċessi.
- 32. Komunikazzjoni tar-riskju:** skambju interattiv ta' tagħrif u opinjonijiet waqt il-proċess tal-analiżi tar-riskju fir-rigward ta' periklu u riskji, fatturi relatati mar-riskju u perċezzjoni tar-riskju, fost l-assessuri tar-riskju, manijers tar-riskju, il-konsumaturi, in-negozji tal-ġhalf u tal-ikel, il-komunità akkademika u partijiet oħra interessati, inkluża l-ispjegazzjoni tar-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju u l-bażi ta' deċiżjonijiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju.
- 33. Kondensazzjoni:** il-formazzjoni ta' qtar tal-ilma bħala riżultat tal-kuntatt bejn arja niedja sħuna, bħal fwar u superfiċje relattivament aktar kiesħa.
- 34. Konsumatur aħħari:** il-konsumatur aħħari ta' oġġett tal-ikel li ma jużax l-ikel bħala parti minn xogħol jew attività ta' negozju tal-ikel.
- 35. Kontaminazzjoni inkroċjata:** it-trasferiment ta' periklu minn ikel għal ikel ieħor. Dan jista' jsir permezz ta' kuntatt dirett, minħabba taqtir, minħabba persunal li jimmaniġġja l-ikel jew permezz ta' tagħmir u superfiċji tax-xogħol.
- 36. Kontaminazzjoni:** il-preżenza jew l-introduzzjoni ta' periklu. L-introduzzjoni, fi kwalunkwe medju, ta' elementi li jniġġsu u/jew li huma tossiċi (mikroorganiżmi, kimiċi) u li jistgħu jikkompromettu s-sigurtà jew il-kwalità tal-istess medju.

- 37. Kontenitur għall-ħżin tal-iskart:** laned jew kontenituri li jintużaw għall-ħżin ta' skart barra l-kmamar fejn jiġi ppreparat l-ikel, qabel ma jitneħħew minn fuq is-sit.
- 38. Kontenitur għat-trasferiment tal-iskart:** kontenituri, xkejjer jew kontenituri oħra li jintużaw għall-ġbir temporanju ta' skart fil-kmamar fejn jiġi ppreparat l-ikel.
- 39. Kontenitur issiġillat ermetikament:** kontenitur li ma jnixxix likwidu minn ġo fih.
- 40. Li jitħassar:** ikel li jitħassar malajr jew li jista' jiġi kkontaminat bil-batterji li, jekk jitħalla, jimmultiplika u jikkawża tħassir tal-ikel u/jew avvelenament mill-ikel.
- 41. Ma jgħaddix ilma minnu:** ma jippermettix id-dħul jew il-passaġġ ta' likwidu. Impenetrabbli.
- 42. Mhux assorbenti:** kull materjal li ma jistax jgħaddi minnu l-ilma.
- 43. Miżuri ta' kontroll:** l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex periklu identifikat jitneħħa jew biex dan jitnaqqas għal livell sikur.
- 44. Moffa:** organiżmu mikroskopiku li f'ambjenti umdi jikber fuq is-superfície tal-ikel u li jista' jippenetra l-ikel.
- 45. Monitoraġġ:** kontrolli regolari biex jiġi żgurat li sistema tkun qed taħdem kif suppost. Ir-riżultati ta' monitoraġġ normalment jiġu reġistrati bil-miktub.
- 46. Nassa tal-ħmieġ:** kwalunkwe żona li hija kapaċi li żżomm il-ħmieġ. Dawn jistgħu jkunu spazji bejn partijiet ta' tagħmir, xquq u ġonot fil-finituri ta' superfiċji u sezzjonijiet ta' pajpijiet. Nases tal-ħmieġ għandhom jew jiġu eliminati jew għandhom jingħataw attenzjoni speċjali waqt it-tindif.
- 47. Negożju tal-ikel:** kull impriża, sew li tagħmel qligħ jew le u kemm jekk pubblika jew privata, li twettaq kwalunkwe mill-attivitajiet relatati ma' xi stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni tal-ikel.
- 48. Operatur tan-negożju tal-ikel:** il-persuni naturali jew legali responsabbli biex jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-liġijiet dwar ikel jiġu mħarsa fin-negożju tal-ikel taħt il-kontroll tagħhom.
- 49. Oqsma komuni:** żoni li jintużaw minn operatur wieħed jew aktar indipendenti f'suq bl-ingrossa u ġestiti mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.
- 50. Parassit tal-ikel:** ħlejjaq mhux mixtieqa fl-istabbiliment tal-ikel. Speċjalment l-artropodi, l-għasafar, il-firien, il-ġrieden u annimali gerriema oħra li jistgħu jikkontaminaw l-ikel b'mod dirett jew indirett.
- 51. Patoġenu:** mikroorganiżmu li jista' jikkawża mard.
- 52. Periklu:** tfisser aġent bijoloġiku, kimiku jew fiżiku fi, jew kundizzjoni ta', ikel jew għalf li huwa kapaċi li jikkawża effetti negattivi għas-saħħa.
- 53. Persuna li timmaniġġja l-ikel:** kwalunkwe persuna involuta fin-negożju tal-ikel li timmaniġġja l-ikel waqt ix-xogħol tagħha, jew bħala parti mid-dmirijiet tagħha sa kwalunkwe punt, kemm jekk l-ikel ikun imgeżwer minn qabel jew le
- 54. Pjan tal-HACCP:** dokument imħejji skont il-prinċipji tal-HACCP biex jiġi żgurat kontroll ta' perikli li huma sinifikanti għas-sigurtà tal-ikel.
- 55. Prattiki tajba:** ġabra ta' prinċipji li japplikaw għall-proċessi konċernati, li jirriżultaw f'ikel tajjeb u bnin, filwaqt li titqies is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali.
- 56. Prodotti mhux ipproċessati:** oġġetti tal-ikel li ma jkunux għaddew mill-ipproċessar, li jinkludu prodotti li jkunu ġew maqsumin, separati, skwartati, imfella', skarnati, magħmula

kapuljat, misluħa, mitħuna, imqatta', imnaddfa, mirqumin, imnaddfa, imkessħa, iffriżati jew imdewba mis-silġ.

- 57. Prodotti pproċessati:** oġġetti tal-ikel li jirriżultaw mill-iproċessar ta' prodotti mhux ipproċessati. Dawn il-prodotti jista' jkun fihom ingredjenti li huma meħtieġa għall-manifattura tagħhom, jew li jagħtuhom karatteristiċi speċifiċi.
- 58. Programm tat-tindif:** dokument bil-miktub li jiddeskrivi kif l-istabbilimenti tal-ikel għandhom jinżammu nodfa.
- 59. Provvista privata tal-ilma:** ilma li ma jkunx ġej mill-provvista tal-ilma prinċipali.
- 60. Punt kritiku ta' kontroll:** stadju fil-preparazzjoni tal-ikel li għandu jitwettaq b'mod korrett biex jiġi żgurat li periklu jitneħħa jew jitnaqqas għal livell sikur.
- 61. Punti kritiċi:** l-istadji li fihom il-perikli għandhom jiġu kkontrollati biex jiġi żgurat li dawn jiġu eliminati jew imnaqqa għal livell sikur.
- 62. Riskju:** funzjoni tal-probabbiltà ta' effett ħażin għas-saħħa u l-gravità ta' dak l-effett, b'konsegwenza ta' periklu.
- 63. Spazju ventilat ewlieni:** żona magħluqa li tissepara l-kompartimenti tat-tojlit u l-kmamar tal-ikel u li hija ventilata b'mod mekkaniku jew naturali lejn l-arja ta' barra.
- 64. Stabbiliment:** tfisser kull unità ta' negozju tal-ikel ibbażata f'suq bl-ingrossa.
- 65. "Stadji ta' produzzjoni, ipproċessar u tqassim":** tfisser kull stadju, inkluża l-importazzjoni, minn u inkluża l-produzzjoni primarja ta' oġġett tal-ikel, sa u inkluż il-ħażna, it-trasport, il-bejgħ jew il-provvista ta' dak l-oġġett tal-ikel lill-konsumatur finali u, fejn rilevanti, l-importazzjoni, il-produzzjoni, il-manifattura, il-ħażna, it-trasport, it-tqassim, il-bejgħ u l-provvista ta' għalf.
- 66. Sterilizzar:** il-proċess tal-qtil tal-mikrobi kollha.
- 67. Superfiċje ta' kuntatt mal-ikel:** kwalunkwe superfiċje li tiġi, jew li tista' tiġi, f'kuntatt mal-ikel, kemm b'mod dirett kif ukoll mill-qrib b'tali mod li tista' tikkontamina l-ikel jekk tkun maħmuġa (inklużi superfiċji tax-xogħol, kontenituri u tagħmir).
- 68. Suq bl-ingrossa:** tfisser negozju tal-ikel li jinkludi diversi unitajiet separati illi għandhom flimkien installazzjonijiet komuni u taqsimiet mnejn ħwejjeġ tal-ikel jinbiegħu lill-operaturi fin-negozju tal-ikel.
- 69. Taħriġ ta' induzzjoni:** taħriġ mogħti lil impjegati ġodda.
- 70. Tgeżwir:** it-tqegħid ta' oġġett tal-ikel f'karta tat-tgeżwir jew f'kontenitur f'kuntatt dirett mal-oġġett tal-ikel ikkonċernat u l-inkartar jew il-kontenitur innifsu.
- 71. Timmonitorja:** l-att tat-twertiq ta' sekwenza ppjanata ta' osservazzjonijiet jew ta' kejl ta' parametri ta' kontroll biex jiġi evalwat jekk CCP huwiex taħt kontroll jew le.
- 72. Traċċabilità:** il-kapaċità li jiġi ntraċċat u segwit ikel, għalf, annimal li jipproduċi l-ikel jew sustanza maħsuba biex tkun, jew mistennija li tkun inkorporata f'ikel jew f'għalf, tul tal-istadji kollha tal-produzzjoni, l-iproċessar u t-tqassim.
- 73. WM:** taqsira għal suq bl-ingrossa.
- 74. Xibka kontra d-dubbien:** xibka magħmula minn malja rqiqa li titwaħħal mat-twieqi jew ma fetħiet oħra biex jiġi evitat li jidħlu dubbien jew artropodi oħra.
- 75. Żoni privati:** żoni okkupati minn operatur tas-suq bl-ingrossa li jieħu fuqu nnifsu r-responsabbli unika għall-ġestjoni tal-istess żoni.

76. Żoni pubbliċi: iż-żoni li jintużaw mill-persuni kollha u li huma mmexxija mill-ġestjoni tas-suq bl-ingrossa.

REFERENZI

Referenzi bl-Ingliż:

- Ir-Regolament (KE) Nru 178/21002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi tal-ikel, li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari u li jistipula proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà fl-ikel (Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej - 1.2.2002 L 31 / 1)
- Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-ikel (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej - 30.4.2004 L 139/1)
- Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-iġjene dwar l-iġjene tal-ikel (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej - 30.4.2004 L 139/55)
- Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem
- Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jikkonċernaw prodotti sekondarji minn annimali mhux maħsuba għall-konsum uman
- Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri bbażati fuq il-prinċipji HACCP, u fuq il-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-HACCP f'ċertu negozji tal-ikel. (Maħruġ fis-16 ta' Novembru 2005 mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Kummissjoni Ewropea)
- Codex Alimentarius FAO/Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), 20 avenue Appia CH - 1211 Ġinevra 27 l-Isvizzera
- Il-Kodiċi Internazzjonali ta' Prattika Rakkomandat – Prinċipji ġenerali tal-iġjene fl-ikel (CAC/RCP 1-1969, Rev.4 – 2003)
- L-Assoċjazzjoni tal-Afrika t'Isfel għall-Ikel, ix-Xjenza u t-Teknoloġija: Il-prattika tajba tal-manifattura fl-industrija tal-ikel. (l-Afrika t'Isfel)
- Agence Canadienne d'Inspection des Aliments (L-Aġenzija Kanadiża għall-Ispezzjoni tal-Ikel): Implimentazzjoni tal-programm ta' tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel. (Il-Kanada)
- Gwida tal-Industrija għall-Prattika Tajba tal-Iġjene: Gwida għall-Catering: Chadwick House Group Ltd. (Ir-Renju Unit)
- Gwida tal-Industrija għall-Prattika Tajba tal-Iġjene: Gwida għas-Swieq u għall-Fieri: Chadwick House Group Ltd. (Ir-Renju Unit)
- Gwida tal-Industrija għall-Prattika Tajba tal-Iġjene: Gwida għad-Distributori bl-Ingrossa: Chadwick House Group Ltd. (Ir-Renju Unit)
- L-Awtorità tal-Irlanda għas-Sigurtà tal-Ikel: Kodiċi ta' Prattika għas-Sigurtà tal-Ikel fil-Katina tal-Provvista tal-Ikel Frisk fl-Irlanda. Kodiċi ta' prattika nru 4. (L-Irlanda)
- Sistemi ta' Kwalità u ta' Sigurtà tal-Ikel. Manwal ta' taħriġ dwar l-Iġjene tal-Ikel u s-sistema tal-Punt tal-Analiżi tal-Periklu u l-Punt Kritiku tal-kontroll (HACCP) – L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ikel u l-Agrikoltura Ruma 1998. Publishing Management Group. Taqsima tal-Infommazzjoni FAO.

Referenzi bil-Franċiż:

- Guides de bonnes pratiques hygiéniques : Détaillant en produits laitiers. Les éditions des Journaux officiels - 1998 (France)
- Guides de bonnes pratiques hygiéniques : Fruits et légumes frais non transformés. Les éditions des Journaux officiels - 1999 (France)
- Guides de bonnes pratiques hygiéniques : Poissonnier détaillant. Les éditions des Journaux officiels - 2001 (France)
- Guide de bonnes pratiques d'hygiène : Poissonnier détaillant. Fédération Nationale des Syndicats Professionnels du Commerce du poisson et de la Conchyliculture. (France)
- Guides de bonnes pratiques hygiéniques : Boucher. Les éditions des Journaux officiels - 1999 (France)
- Guides de bonnes pratiques hygiéniques : Distribution des produits surgelés. Les éditions des Journaux officiels - 2002 (France)

Referenzi bil-Ġermaniż:

- Handbuch zur wahrnehmung von hygieneaufgaben im fruchthandel (German Hygiene Guide for Fruit-Companies) zur Festlegung von Hygienestandards und Erarbeitung und Dokumentation von "Betriebseigenen Maßnahmen und Kontrollen" gemäß § 4 der Lebensmittelhygiene-Verordnung (LMHV). Herausgeber: Bundesverband Deutscher Fruchthandelsunternehmen E.V. Zentralverband Des Deutschen Früchte-Import und -Großhandel E.V. Bundesvereinigung Der Erzeugerorganisationen Obst Und Gemüse E.V. Hamburg / Berlin / Bonn August 1998